**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**A9-0008/2019**

09.9.2019

# RAPPORT

dwar ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill fir-rigward tal-ħatra tal-President tal-Bank Ċentrali Ewropew
(N9-0023/2019 - C9-0048/2019 – 2019/0810(NLE))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Roberto Gualtieri

## WERREJ

**Paġna**

PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ....................................... 3

ANNESS 1 *CURRICULUM VITAE* TA' CHRISTINE LAGARDE .......................................... 4

ANNESS 2: TWEĠIBIET TA' CHRISTINE LAGARDE GĦALL-KWESTJONARJU ........ 11

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI ................................................................ 55

## PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill fir-rigward tal-ħatra tal-President tal-Bank Ċentrali Ewropew**
**(N9-0023/2019 – C9-0048/2019 – 2019/(NLE))**

**(Konsultazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2019[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 283(2), it-tieni subparagrafu, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu l-Kunsill Ewropew ikkonsulta lill-Parlament (C9-0048/2019),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 130 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A9-0008/2019),

A. billi, b'ittra tas-16 ta' Lulju 2019 il-Kunsill Ewropew ikkonsulta lill-Parlament dwar il-ħatra ta' Christine Lagarde bħala President tal-Bank Ċentrali Ewropew għal mandat ta' tmien snin, b'effett mill-1 ta' Novembru 2019;

B. billi l-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji tal-Parlament evalwa l-kwalifiki tal-kandidata proposta, b'mod partikolari fir-rigward tar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 283(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, kif jirriżulta mill-Artikolu 130 tat-Trattat, tal-ħtieġa tal-indipendenza totali tal-BĊE; billi fit-twettiq ta' din l-evalwazzjoni, il-Kumitat irċieva l-*curriculum vitae* mill-kandidata kif ukoll it-tweġibiet tagħha għall-kwestjonarju bil-miktub li kien intbagħtilha;

C. billi, fl-4 ta' Settembru 2019, il-kumitat sussegwentement kellu smigħ ta' sagħtejn u nofs mal-kandidata, li matulu għamlet dikjarazzjoni tal-ftuħ u mbagħad wieġbet għall-mistoqsijiet li sarulha mill-membri tal-Kumitat;

1. Jagħti opinjoni favorevoli dwar ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill għall-ħatra ta' Christine Lagarde bħala President tal-Bank Ċentrali Ewropew;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill kif ukoll lill-gvernijiet tal-Istati Membri.

[1] ĠU C 235, 12.7.2019, p. 1.

## ANNESS 1 *CURRICULUM VITAE* TA' CHRISTINE LAGARDE

**Dettalji Personali** Data tat-twelid: l-1 ta' Jannar, 1956
Post tat-twelid: Pariġi
Nazzjonalità: Franċiża

**Karriera professjonali**

***Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali***

Minn Lulju 2011 sal-lum Direttur Maniġerjali tal-Fond Monetarju Internazzjonali, Washington, D.C.

Mandat sħiħ minn Lulju 2011 sa Lulju 2016, mandat parzjali minn Lulju 2016 sa Settembru 2019

***Settur Pubbliku Domestiku***

Minn Ġunju 2007 sa Lulju 2011 Ministru għall-Ekonomija u l-Finanzi ta' Franza

Presidenza Franċiża tal-Unjoni Ewropea matul it-tieni semestru tal-2008

Presidenza tal-ECOFIN

Presidenza Franċiża tal-G20 fl-2011

Presidenza tal-laqgħa tal-G20 tal-Ministri għall-Finanzi

Minn Mejju 2007 sa Ġunju 2007 Ministru għall-Agrikoltura u s-Sajd ta' Franza

Minn Mejju 2005 sa Mejju 2007 Ministru għall-Kummerċ ta' Franza

***Settur Privat***

Minn Ottubru 1999 sa Mejju 2005 President Globali tad-ditta legali internazzjonali Baker McKenzie, Chicago, USA

Minn Ottubru 1995 sa Ottubru 1999 Membru tal-Kumitat Eżekuttiv Globali u Sieħeb Maniġerjali,
Uffiċċju ta' Baker McKenzie f'Pariġi.

Minn Mejju 1981 sal-1999 Avukat bi prattika b'mod predominanti fil-qasam tad-dritt tal-fużjonijiet u l-akkwiżizzjonijiet, tax-xogħol u dak kummerċjali,- u l-arbitraġġ għal klijenti korporattivi internazzjonali.

Minn Settembru 1980 sa Settembru 1982 Lekċerer tad-dritt kuntrattwali fil-Fakultà

tal-Liġi –
Paris X

**Edukazzjoni**

Master fid-Dritt Kummerċjali, DESS fid-Dritt Kummerċjali u tax-Xogħol
*Fakulta tal-Liġi – Paris X, 1980*

Master bi speċjalizzazzjoni fl-Ekonomija u l-Finanzi, teżi dwar "U.S. consumers movement, Ralph Nader, a Public Citizen".
*Sciences Po Aix en Provence, 1977*

Master fil-Letteratura Amerikana
*Kulleġġ tal-Arti – Avignon, 1977*

Titlu: Avukat fil-Qrati ta' Pariġi

**Rikonoxximent Akkademiku Internazzjonali**

Louvain La Neuve – Dottorat honoris causa

Università ta' Montreal – Dottorat honoris causa

Universidad del Pacifico – Titlu ta' membru onorarju

Washington College – Lawrja honoris causa

Claremont McKenna College – Lawrja honoris causa

Robinson College, Cambridge – Fellowship onorarja

**Premji u Karigi**

| | |
|---|---|
| 2011 | Parteċipazzjoni fuq il-Bord tad-Diretturi ta' Sciences Po |
| 2011 | Premju "Global Citizenship" 2011 tal-Kunsill tal-Atlantiku |
| 2011 | Parteċipazzjoni fuq il-Bord tad-Diretturi tal-Forum Ekonomiku Dinji |
| 2011 | Premju "Transatlantic Leadership" tal-Istitut Ewropew |
| 2012 | Premju mill-Perù "Hipólito Unanue al Mérito Económico – Financiero" |
| 2012 | Uffiċjal fl-Ordni Nazzjonali tal-Leġjun tal-Unur |
| 2012 | Premju "Globalist of the Year" mill-Canadian International Council |
| 2012 | Lawrja honoris causa mill-Università ta' Leuven |
| 2012 | Premju "Leadership Award" 2012 mill-Unjoni tal-Banek Għarab |
| 2013 | Uffiċjal Għoli tal-Ordni Nazzjonali tar-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju |
| 2013 | Parteċipazzjoni fuq il-Bord tal-Kunsill ta' Direzzjoni ta' Holton-Arms School |
| 2014 | Premju "Inaugural Global Achievement" mill-Global Foundation |
| 2014 | Dottorat honoris causa mill-Università ta' Montreal |
| 2014 | Parteċipazzjoni fuq il-Bord tad-Gvernaturi tal-Konferenza ta' Montreal |
| 2014 | Premju "Diplomat of the Year 2014" mir-Rivista Foreign Policy |

| | |
|---|---|
| 2015 | Rikonoxximent onorarju minn Baker and McKenzie |
| 2015 | President Onorarju ta' Holton-Arms School għal Kampanja ta' Ġbir ta' Fondi |
| 2015 | President tal-Kumitat Onorarju għat-Tour Stati Uniti-Kanada tal-Orchestre National de France |
| 2016 | Parteċipazzjoni fuq il-Bord ta' Livell Għoli dwar it-Tisħiħ tal-Pożizzjoni Ekonomika tan-Nisa tas-Segretarju Ġenerali tan-NU |
| 2016 | Premju "Global Leadership" mill-Columbia University School of International Public Affairs |
| 2016 | Medalja għall-Unur "Bin Rashid" għan-Nisa |
| 2016 | Premju "Woman of the Year and Lifetime Achievement" mir-Rivista Glamour |
| 2016 | Titlu ta' Membru Onorarju tal-Universidad del Pacifico |
| 2017 | Premju "Global Women's Leadership" mill-Kumitat Internazzjonali tal-Ippjanar tas-Summit Globali tan-Nisa |
| 2017 | Lawrja honoris causa minn Washington College |
| 2018 | Parteċipazzjoni fil-Kunsill Konsultattiv dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri tal-G7 |
| 2018 | Titolu Onorarju ta' Kmandant fl-Ordni Nazzjonali tas-27 ta' Ġunju tal-Djibouti |
| 2018 | Lawrja honoris causa minn McKenna College |
| 2018 | Fellowship mill-Institute of Banking |
| 2018 | Premju "Appeal of Conscience World Leader" mill-Fondazzjoni Appeal of Conscience |
| 2019 | Premju "Distinguished Alumna" minn Holton-Arms School |
| 2019 | Premju "Distinguished International Leadership" mill-Atlantic Council |
| 2019 | Parteċipazzjoni fin-Netwerk Internazzjonali tad-Difensuri tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u Kopresident tal-Hub Finanzjarju Tiegħu |
| 2019 | Fellowship onoraju minn Robinson College |

**Selezzjoni ta' Pubblikazzjonijiet**

Breaking New Grounds in French Labor Law, 1982

Fragmentation Risks – Finance & Development, Settembru 2012
https://www.imf.org/external/pubs/ft/fandd/2012/09/straight.htm

Dare the Difference – Finance & Development, Ġunju 2013
https://www.imf.org/external/pubs/ft/fandd/2013/06/straight.htm

Focus, Flexibility, Service – Finance & Development, Settembru 2014
https://www.imf.org/external/pubs/ft/fandd/2014/09/straight.htm

Path to Development – Finance & Development, Ġunju 2015

https://www.imf.org/external/pubs/ft/fandd/2015/06/straight.htm

The Voice of Youth – Finance & Development, Ġunju 2017
https://www.imf.org/external/pubs/ft/fandd/2017/06/straight.htm

A Regulatory Approach to Fintech – Finance and Development, Marzu 2018
https://www.imf.org/external/pubs/ft/fandd/2018/06/how-policymakers-should-regulate-cryptoassets-and-fintech/straight.htm

A Global Imperative to Empower Women – Finance & Development, Marzu 2019
https://www.imf.org/external/pubs/ft/fandd/2019/03/empowering-women-critical-for-global-economy-lagarde.htm

**Diskorsi Ewlenin**

Global Risks Are Rising, But There Is a Path to Recovery, Jackson Hole, Awwissu 2011
https://www.imf.org/en/News/Articles/2015/09/28/04/53/sp082711

Global Challenges in 2012 – Berlin, Jannar 2012
https://www.imf.org/en/News/Articles/2015/09/28/04/53/sp012312

Anchoring Stability to Sustain Higher and Better Growth, Zurich, Mejju 2012
https://www.imf.org/en/News/Articles/2015/09/28/04/53/sp050712

The Legacy of Charlemagne – Schäuble and European Integration, Aachen, Mejju 2012
https://www.imf.org/en/News/Articles/2015/09/28/04/53/sp051612

The Global Calculus of Unconventional Monetary Policies, Jackson Hole, Awwissu 2013
https://www.imf.org/en/News/Articles/2015/09/28/04/53/sp082313

The Challenge Facing the Global Economy: New Momentum to Overcome a New Mediocre, Washington, D.C., Ottubru 2014
https://www.imf.org/en/News/Articles/2015/09/28/04/53/sp100214

Daring the Difference: The 3 L's of Women's Empowerment, Washington, D.C., Mejju 2014
https://www.imf.org/en/News/Articles/2015/09/28/04/53/sp051914

Lifting the Small Boats, Brussell, Ġunju 2015
https://www.imf.org/en/News/Articles/2015/09/28/04/53/sp061715

Not Your Grandmother's IMF, Laqgħat Annwali, Lima, Ottubru 2015
https://www.imf.org/en/News/Articles/2015/09/28/04/53/sp100915

Demographic Changes and the Role of Fiscal Policy, MIT, Marzu 2016
https://www.imf.org/en/News/Articles/2015/09/28/04/53/sp030416

Addressing Corruption with Clarity, Brookings Institution, Settembru 2017
https://www.imf.org/en/News/Articles/2017/09/18/sp091817-addressing-corruption-with-clarity

A Time to Repair the Roof, Harvard University, Ottubru 2017
https://www.imf.org/en/News/Articles/2017/10/04/sp100517-a-time-to-repair-the-roof

Central Banking and Fintech, A Brave New World, Bank of England, Settembru 2017
https://www.imf.org/en/News/Articles/2017/09/28/sp092917-central-banking-and-fintech-a-brave-new-world

A Compass to Prosperity: The Next Steps of Euro Area Economic Integration, Berlin, Marzu 2018
https://www.imf.org/en/News/Articles/2018/03/26/sp032618-a-compass-to-prosperity-the-next-steps-of-euro-area-economic-integration

Age of Ingenuity: Reimagining 21st Century International Cooperation, Kissinger Lecture, Library of Congress, Diċembru 2018
https://www.imf.org/en/News/Articles/2018/12/04/sp120418-md-kissinger-speech

Creating a Better Global Trade System, Portland, Mejju 2018
https://www.imf.org/en/News/Articles/2018/05/14/sp-lagarde-creating-a-better-global-trade-system

Steer, Don't Drift: Managing Risks to Keep the Global Economy on Course, FMI, Ottubru 2018
https://www.imf.org/en/News/Articles/2018/09/27/sp100118-steer-dont-drift

Winds of Change: The Case for New Digital Currency, Singapore Fintech Festival, Novembru 2018
https://www.imf.org/en/News/Articles/2018/11/13/sp111418-winds-of-change-the-case-for-new-digital-currency

Belt and Road Initiative: Strategies to Deliver in the Next Phase, Beijing, April 2018
https://www.imf.org/en/News/Articles/2018/04/11/sp041218-belt-and-road-initiative-strategies-to-deliver-in-the-next-phase

Euro 2.0: Past, Present, and Future of Euro Area Integration, The Euro at 20 Conference, Dublin, Ġunju 2018
https://www.imf.org/en/News/Seminars/Conferences/2018/05/17/~/link.aspx?_id=D56874C433F343C6BE326A611F4D62E9&_z=z

New Economic Landscape, New Multilateralism, Laqgħat Annwali f'Bali, Ottubru 2018
https://www.imf.org/en/News/Articles/2018/10/11/sp101218-new-economic-landscape-new-multilateralism

The Case for the Sustainable Development Goals, Helen Alexander Lecture, FMI, Settembru 2018
https://www.imf.org/en/News/Articles/2018/09/17/sp09172018-the-case-for-the-sustainable-development-goals

The Financial Sector: Redefining a Broader Sense of Purpose, Tacitus Lecture, Londra, Frar 2019
https://www.imf.org/en/News/Articles/2019/02/21/sp022819-md-the-financial-sector-

redefining-a-broader-sense-of-purpose

The Euro Area: Creating a Stronger Economic Ecosystem, Banque de France, Marzu 2019
https://www.imf.org/en/News/Articles/2019/03/28/sp032819-the-euro-area-creating-a-stronger-economic-ecosystem.

Forging a Stronger Social Contract—the IMF's Approach to Social Spending, Ġinevra, Ġunju 2019
https://www.imf.org/en/News/Articles/2019/06/14/sp061419-md-social-spending

**Selezzjoi ta' Blog Posts tal-FMI**

Getting Real on Meeting Paris Climate Change Commitments
https://blogs.imf.org/2019/05/03/getting-real-on-meeting-paris-climate-change-commitments/?utm_medium=email&utm_source=govdelivery

Corporate Taxation in the Global Economy
https://blogs.imf.org/2019/03/25/corporate-taxation-in-the-global-economy/

When History Rhymes
https://blogs.imf.org/2018/11/05/when-history-rhymes/

Economic Gains from Gender Inclusion: Even Greater Than You Thought
https://blogs.imf.org/2018/11/28/economic-gains-from-gender-inclusion-even-greater-than-you-thought/

Realizing the Potential of the G20 Compact with Africa
https://blogs.imf.org/2018/10/30/realizing-the-potential-of-the-g20-compact-with-africa/

Ten Years After Lehman – Lessons Learned and Challenges Ahead
https://blogs.imf.org/2018/09/05/ten-years-after-lehman-lessons-learned-and-challenges-ahead/

Addressing the Dark Side of the Crypto World
https://blogs.imf.org/2018/03/13/addressing-the-dark-side-of-the-crypto-world/

A Dream Deferred: Inequality and Poverty Across Generations in Europe
https://blogs.imf.org/2018/01/24/a-dream-deferred-inequality-and-poverty-across-generations-in-europe/

Fintech – Capturing the Benefits, Avoiding the Risks
https://blogs.imf.org/2017/06/20/fintech-capturing-the-benefits-avoiding-the-risks/

Protecting Education and Health Spending in Low-Income Countries
https://blogs.imf.org/2017/06/06/protecting-education-and-health-spending-in-low-income-countries/

To Boost Growth: Employ More Women
https://blogs.imf.org/2016/09/14/to-boost-growth-employ-more-women/

Migration: A Global Issue in Need of a Global Solution
https://blogs.imf.org/2015/11/11/migration-a-global-issue-in-need-of-a-global-solution/

Unlocking Latin America's Huge Potential
https://blogs.imf.org/2014/12/02/unlocking-latin-americas-huge-potential/

Jobs and Growth: Supporting the European Recovery
https://blogs.imf.org/2014/01/28/jobs-and-growth-supporting-the-european-recovery/

A New Frontier for Kenya and Africa
https://blogs.imf.org/2014/01/08/a-new-frontier-for-kenya-and-africa/

What We Can Do to Improve Women's Economic Opportunities
https://blogs.imf.org/2013/03/08/what-we-can-do-to-improve-womens-economic-opportunities/

How to Get the Balance Right: Fiscal Policy at a Time of Crisis
https://blogs.imf.org/2012/05/06/how-to-get-the-balance-right-fiscal-policy-at-a-time-of-crisis/

## ANNESS 2: TWEĠIBIET TA' CHRISTINE LAGARDE GĦALL-KWESTJONARJU

### *A. __Sfond personali u professjonali__*

1. *Jekk jogħġbok indika l-aspetti ewlenin tal-ħiliet professjonali tiegħek fl-ambitu monetarju, finanzjarju u kummerċjali u l-aspetti prinċipali tal-esperjenza Ewropea u internazzjonali tiegħek.*

L-esperjenza professjonali tiegħi, li tkopri dawn l-aħħar erba' deċennji, żviluppat f'din it-taħlita unika ta' esperjenza fis-settur privat (bħala avukat prattikanti u diriġent mad-ditta legali Amerikana Baker McKenzie mill-1980 sal-2005), u karigi ta' tmexxija fl-ambitu tal-politika pubblika kemm fil-livell nazzjonali (bħala Ministru għall-Kummerċ u Ministru għall-Ekonomija u l-Finanzi mill-2005 sal-2011), kif ukoll f'dak internazzjonali (bħala Direttur Maniġerjali tal-Fond Monetarju Internazzjonali mill-2011 sa issa). Barra minn hekk, bħala Ministru Franċiż u membru tal-Kunsill tal-UE, kont involuta direttament fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE.

F'dawn il-karigi kollha jiena ġejt esposta għal kwistjonijiet kummerċjali u finanzjarji. Meta jiena kont avukat, il-klijenti tiegħi kienu kollha entitajiet korporattivi kbar. Ksibt ukoll esponiment sostanzjali għall-komunità finanzjarja meta kont Ministru għall-Ekonomija u l-Finanzi u bħala Direttur Maniġerjali tal-FMI. F'dawn il-karigi kollha jiena ħdimt f'ambjent domestiku u internazzjonali kemm fis-settur privat kif ukoll f'dak pubbliku; għal dawn l-aħħar 40 sena l-lingwa operattiva tiegħi kienet l-Ingliż, bl-eċċezzjoni tas-sitt snin li għamilt fil-gvern Franċiż.

Ksibt esperjenza multidimensjonali li tvarja mit-taxxa u l-antitrust, ix-xogħol u l-fużjonijiet u l-akkwiżizzjonijiet, għall-ġestjoni tal-kriżi finanzjarja fil-livell nazzjonali u dak internazzjonali matul il-kriżi finanzjarja globali. L-aktar esperjenza professjonali reċenti tiegħi bħala Direttur Maniġerjali tal-FMI kienet ibbażata fuq missjoni tripla mingħajr preċedent li kienet tinkludi (i) gwida politika u monitoraġġ ekonomiku, (ii) ġestjoni tal-kriżijiet u programmi ta' self, u (iii) taħriġ u bini tal-kapaċità. F'dawn il-karigi kollha kelli skambji regolari ma' dawk li jfasslu l-politika fl-ogħla livell, u kont kapaċi nisfrutta dawk ir-relazzjonijiet għall-benefiċċju tal-istituzzjonijiet li mexxejt matul is-snin. Permezz tal-esperjenza professjonali hekk miksuba, irnexxieli niżviluppa fehim komprensiv tal-ekonomiji Ewropej u dawk globali, kif ukoll reputazzjoni fuq skala internazzjonali. L-esperjenza tiegħi ta' tmexxija ta' organizzazzjoni internazzjonali kbira bħall-FMI tkompli tenfasizza l-kapaċità tiegħi li nisma' lill-membri tal-persunal u lill-partijiet ikkonċernati, li nifforma viżjoni komuni u moderna, li nieħu approċċ kolleġjali u li nistinka biex jinħoloq kunsens sabiex jinkisbu riżultati aħjar.

2. *Għandek xi attività kummerċjali jew holdings finanzjarji jew xi impenji oħrajn li jistgħu jkunu ta' kunflitt mad-dmirijiet prospettivi tiegħek, u hemm xi fatturi personali jew fatturi relevanti oħrajn li jridu jitqiesu mill-Parlament meta jkun qed jikkunsidra l-ħatra tiegħek?*

Meta sirt Ministru għall-Kummerċ fl-2005, kont irriżenjajt minn kull kariga alternattiva u possibbilment konfliġġenti ma' din il-funzjoni, bħal pereżempju l-kariga ta' membru tal-bord tal-ING jew ta' entitajiet oħra relatati ma' Baker McKenzie, inkluża l-kariga ta' membru tal-bord tal-

European Law Centre li kont waqqaft fl-1995.

Sussegwentement, aċċettajt biss karigi onorarji bħal membru tal-bord konsultattiv ta' Robinson College f'Cambridge, u membru onorarju tal-bord ta' Holton-Arms School f'Washington, bl-approvazzjoni minn qabel tal-Kumitat tal-Etika tal-Bord tal-FMI.

Barra minn hekk, iddefendejt b'mod konsistenti l-kawża tan-nisa kull meta kien hemm diskriminazzjoni u inugwaljanza. Biħsiebni nkompli nagħmel hekk u nistenna li dan la jxekkel l-awtorità tiegħi li nitkellem dwar kwistjonijiet monetarji u lanqas ittellifni milli naqdi dmirijieti bl-aħjar mod possibbli. L-istess jgħodd fir-rigward tal-kwistjonijiet tat-tibdil fil-klima u l-protezzjoni tal-ambjent tagħna.

*3. X'se jkunu l-objettivi ewlenini li se tipprova tilħaq matul it-tmien snin tal-mandat tiegħek bħala President tal-Bank Ċentrali Ewropew?*

L-objettiv ewlieni tal-BĊE huwa li jżomm l-istabbiltà fil-prezzijiet, u se jkollu jagħmel dan f'ambjent domestiku u internazzjonali li evolva b'mod sinifikanti matul dawn l-aħħar għaxar snin. Dan l-ambjent, fil-partijiet ekonomiċi avvanzati tiegħu, huwa kkaratterizzat minn tkabbir moderat u inflazzjoni baxxa. U filwaqt li s-settur finanzjarju huwa aktar sikur u huwa regolat aħjar milli kien qabel il-kriżi finanzjarja globali, it-tkabbir kajman u l-inflazzjoni baxxa se jkunu sfida għall-intermedjarji finanzjarji li l-mudelli kummerċjali tagħhom kienu ġew stabbiliti f'ambjent ta' tkabbir dinamiku u inflazzjoni għolja. Barra minn hekk, it-teknoloġiji l-ġodda u ta' sikwit fixkiela qed jittrasformaw il-mod kif topera l-ekonomija. Il-kooperazzjoni internazzjonali qed tiġi kkontestata, l-ambjent jinsab mhedded mit-tibdil fil-klima u mill-avvenimenti estremi tat-temp u f'ħafna partijiet tad-dinja l-popolazzjonijiet qed jixjieħu b'mod rapidu.

F'dan il-kuntest, il-BĊE jeħtieġ li jkompli jissorvelja u janalizza bir-reqqa l-iżviluppi ekonomiċi u finanzjarji fl-Ewropa u madwar id-dinja. Jekk ninħatar President tal-BĊE, jiena se nrawwem fi ħdan l-istituzzjoni tali viġilanza għax-xejriet il-ġodda u se nippromwovi analiżi sabiex dawn jiġu studjati. Se nfittex li jinħoloq kunsens fi ħdan il-Kunsill Governattiv u se nirsisti biex nikkomunika b'mod kemm jista' jkun ċar u sempliċi kemm l-istrateġija kif ukoll il-politiki tal-BĊE f'dinja kumplessa u fid-dawl tal-udjenzi multikulturali u b'livelli multipli li jvarjaw minn ċittadini Ewropej għal swieq finanzjarji.

Il-premessa aħħarija tiegħi hija li l-euro huwa ġid pubbliku Ewropew li għandu jkompli jtejjeb il-pożizzjoni internazzjonali tiegħu. F'dan ir-rigward huwa fundamentali, għall-benefiċċju ta' kulħadd, li l-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM) jkollha arkitettura istituzzjonali b'saħħitha u li l-BĊE jkun iddeterminat u ffokat fuq il-kisba tal-istabbiltà fil-prezzijiet.

## *B. Il-politika monetarja tal-BĊE*

*4. X'inhi l-valutazzjoni tiegħek tal-politika monetarja tal-BĊE kif ġiet implimentata matul dawn l-aħħar 8 snin? X'bidliet, jekk taħseb li hemm bżonnhom, tippromwovi jekk issir President tal-BĊE?*

L-objettiv primarju tal-BĊE huwa li jżomm l-istabbiltà fil-prezzijiet fiż-żona tal-euro. Il-BĊE ddefinixxa l-istabbiltà fil-prezzijiet bħala rata tal-inflazzjoni pożittiva annwali ta' inqas minn 2 % u ddikjara li, fl-insegwiment tal-istabbiltà fil-prezzijiet, huwa se jimmira għal rata tal-inflazzjoni taħt, iżda qrib, it-2 % fuq perjodu ta' żmien medju.

Il-BĊE ħabbat wiċċu ma' ambjent diffiċli ħafna matul dawn l-aħħar 8 snin. B'reazzjoni għall-kriżi finanzjarja u dik tad-dejn sovran, il-BĊE ħa għadd ta' miżuri li kienu kruċjali biex jiġi ssalvagwardjat il-mekkaniżmu ta' trażmissjoni tal-politika monetarja, biex jingħata appoġġ lill-ekonomija taż-żona tal-euro u biex, fl-aħħar mill-aħħar, l-inflazzjoni tiġi orjentata lejn livelli li huma aktar konformi mal-għan tal-politika tiegħu.

B'mod partikolari l-miżuri ta' taffija li ttieħdu minn Ġunju 2014, inklużi l-operazzjonijiet immirati ta' rifinanzjament fuq perjodu ta' żmien itwal, ir-rati negattivi, ix-xiri ta' assi fuq skala kbira u l-indikazzjonijiet għall-ġejjieni, irnexxielhom jiskansaw ir-riskji ta' deflazzjoni u ridenominazzjoni fl-eqqel tal-kriżi. F'Ġunju 2014, l-inflazzjoni globali kienet ferm inqas minn 1 % u kienet qed tonqos. Illum, l-inflazzjoni globali mistennija tkun 1,3 % fl-2019, 1,4 % fl-2020 u 1,6 % fl-2021. Iż-żona tal-euro esperjenzat tkabbir ekonomiku kontinwu għal dawn l-aħħar sitt snin, u l-qgħad niżel għal-livelli l-aktar baxxi minn Lulju 2008. L-issikkar progressiv tas-suq tax-xogħol huwa sinjal li l-miżuri ta' politika tal-BĊE joħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa biex l-inflazzjoni tibqa' tissaħħaħ.

B'mod ġenerali, fid-dawl ta' dawn l-aħħar tmien snin, naħseb li l-politika monetarja tal-BĊE kienet waħda effettiva u ta' suċċess. Skont il-kalkoli tal-BĊE, matul il-perjodu 2016–2020, it-tkabbir u l-inflazzjoni kienu jkunu madwar 1,9 punti perċentwali inqas fin-nuqqas tal-azzjonijiet li l-BĊE ħa bejn nofs l-2014 u nofs l-2018. Fl-istess ħin, madankollu, l-inflazzjoni kienet b'mod persistenti inqas mil-livelli li huma konsistenti mal-mira tal-inflazzjoni tal-BĊE matul dawn l-aħħar snin. Reċentement, ir-rata tal-espansjoni ekonomika taż-żona tal-euro naqset ukoll u r-riskji marbuta mal-prospettivi tat-tkabbir qed ixaqilbu 'l isfel. Għalhekk jidher ċar li għall-futur prevedibbli l-politika monetarja jeħtieġ li tibqa' akkomodattiva ħafna.

B'ħarsa 'l quddiem, ta' min wieħed jislet it-tagħlimiet mill-kriżi finanzjarja fir-rigward tal-bidliet fl-ambjent makroekonomiku u fil-proċess ta' inflazzjoni. Dan jista' jservi ta' bażi għal riflessjonijiet futuri dwar l-imġiba u l-aspetti operazzjonali tal-politika monetarja tal-BĊE, filwaqt li jiġi kkunsidrat ukoll kif dan jista' jappoġġa bl-aħjar mod il-politiki ġenerali fl-Unjoni Ewropea, bħat-tkabbir sostenibbli u inkluživ, mingħajr preġudizzju għall-objettiv primarju tiegħu li jżomm l-istabbiltà fil-prezzijiet. Barra minn hekk, il-bidliet fl-ambjent regolatorju u fl-intermedjazzjoni finanzjarja li seħħew matul dawn l-aħħar snin jistgħu jiġġustifikaw rieżami tal-qafas operazzjonali tal-politika monetarja. Flimkien ma' banek ċentrali oħra, il-BĊE għamel bosta aġġustamenti għall-mod kif jimplimenta l-politika monetarja tiegħu b'reazzjoni għall-kriżi finanzjarja u l-prattiki tas-suq. Għalhekk, għandha tingħata kunsiderazzjoni għall-mod kif il-politika monetarja se tiġi implimentata fuq perjodu ta' żmien aktar twil, inkluż d-daqs u l-kompożizzjoni tal-karti tal-bilanċ tal-banek ċentrali u l-għażla tal-istrumenti ta' politika.

*5. X'inhuma r-riskji/l-opportunitajiet ewlenin li se tkun qed taffaċċa l-euro? Fil-fehma tiegħek, x'inhuma l-aktar riskji u sfidi importanti għall-BĊE?*

L-ambjent makroekonomiku u internazzjonali attwali jippreżenta sfida ewlenija fl-immedjat għall-BĊE. Il-momentum tat-tkabbir taż-żona tal-euro naqas u l-bilanċ tar-riskji għall-prospettiva ta' tkabbir qed ixaqleb 'l isfel. L-inflazzjoni għadha baxxa. Għalhekk jidher ċar li għall-futur prevedibbli l-politika monetarja jeħtieġ li tibqa' waħda akkomodattiva ħafna. Il-BĊE għandu sett wiesa' ta' strumenti għad-dispożizzjoni tiegħu u jrid ikun lest jaġixxi. It-taħlita preċiża tal-istrumenti li jridu jintużaw se jkollha tiddependi kemm fuq in-natura tax-xokkijiet li jaffettwaw il-prospettiva għall-inflazzjoni kif ukoll fuq il-kundizzjonijiet tas-suq finanzjarju. Filwaqt li ma nemminx li l-BĊE laħaq il-limitu minimu effettiv fir-rigward tar-rati ta' politika, jidher ċar li r-rati baxxi għandhom implikazzjonijiet għas-settur bankarju u għall-istabbiltà finanzjarja b'mod aktar ġenerali. Għalhekk se jkun essenzjali li jsir monitoraġġ mill-qrib sabiex jiġi vverifikat jekk fil-futur, aktar ma r-rati ta' interess baxxi jibqgħu fis-seħħ, jistgħux jitfaċċaw effetti sekondarji negattivi.

Barra minn hekk, il-BĊE qed iħabbat wiċċu ma' għadd dejjem jikber ta' sfidi strutturali u se jkollu wkoll jiġġestixxi l-aspettattivi dwar dak li jista' u ma jistax jagħmel biex tinżamm il-fiduċja fil-politiki. Filwaqt li l-politika monetarja hija strument effettiv biex jiġi stabbilizzat iċ-ċiklu ekonomiku, din ma tistax iżżid il-potenzjal ta' tkabbir fuq perjodu ta' żmien itwal tal-pajjiżi. F'oqsma oħra u fejn jitfaċċaw sfidi ġodda – li jvarjaw mid-diġitalizzazzjoni u l-kriptovaluti, iċ-ċibersigurtà u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus (AML) għat-tibdil fil-klima – se jkollu jiċċara kif dawn jaffettwaw l-operazzjonijiet tiegħu u kif jista' jikkontribwixxi.

Fir-rigward tal-euro, l-arkitettura istituzzjonali li bdiet tiġi stabbilita matul il-kriżi – li notevolment tinkludi l-unjoni bankarja, il-qafas Ewropew għall-ġestjoni tal-kriżijiet u l-unjoni tas-swieq kapitali (CMU) – għadha mhix kompluta. L-arkitettura taż-żona tal-euro għad jonqosha wkoll strument fiskali ċentrali għall-istabbilizzazzjoni makroekonomika. Il-progress f'dawn l-oqsma mhux biss se jagħmel iż-żona tal-euro aktar reżiljenti, iżda se jappoġġa wkoll l-effettività tal-politika monetarja u r-rwol internazzjonali tal-euro. Waħda mil-lezzjonijiet importanti tal-ewwel għoxrin sena tal-euro hija wkoll li sabiex jiġu sfruttati l-opportunitajiet li toffri l-munita unika hemm bżonn ta' politiki ekonomiċi u fiskali nazzjonali sodi, fl-interess kemm tal-Istati Membri kkonċernati kif ukoll taż-żona tal-euro kollha kemm hi.

*6. Reċentement il-Federal Reserve u l-Bank of Canada ħabbru rieżami tal-qafas tal-politika monetarja tagħhom. Għoxrin sena wara l-introduzzjoni tal-euro, taħseb li wasal iż-żmien biex isir rieżami simili fil-BĊE?*

B'mod ġenerali, l-istrateġija tal-politika monetarja għandha dejjem tevolvi b'mod li jaqdi l-aħjar il-mandat tal-BĊE. Peress li għadda xi ftit taż-żmien mill-aħħar rieżami tal-istrateġija li sar fl-2003, ta' min wieħed jislet it-tagħlimiet mill-kriżi finanzjarja fir-rigward tal-bidliet fl-ambjent makroekonomiku u fil-proċess tal-inflazzjoni. Tali rieżami jista' jikkunsidra wkoll kif il-politika monetarja tal-BĊE tista' tappoġġa bl-aħjar mod il-politiki ġenerali tal-Unjoni Ewropea, bħat-tkabbir sostenibbli u inklużiv, mingħajr preġudizzju għall-objettiv primarju tiegħu li jżomm l-istabbiltà fil-prezzijiet.

Fir-rigward tal-qafas operazzjonali jew l-implimentazzjoni tal-politika monetarja, il-bank ċentrali għamlu ħafna aġġustamenti għall-mod kif jimplimentaw il-politika monetarja tagħhom b'reazzjoni għall-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, b'mod partikolari billi introduċew miżuri

mhux konvenzjonali. Iżda barra minn hekk is-swieq finanzjarji għaddew minn bidliet sinifikanti, li kienu xprunati minn żviluppi fl-ambjent regolatorju, fl-infrastrutturi tas-suq u fl-intermedjazzjoni finanzjarja. F'dan il-kuntest, se jkun importanti li jiġi rieżaminat ukoll it-tħaddim u l-implimentazzjoni tal-politika monetarja, b'mod partikolari biex jiġi kkunsidrat liema elementi għandhom jinżammu fuq perjodu ta' żmien itwal. Fid-dawl tal-fatt li l-intermedjazzjoni fis-swieq finanzjarji u l-ambjent regolatorju nbidlu, l-oqfsa operazzjonali x'aktarx li jkunu jidhru differenti minn dawk ta' qabel il-kriżi, inklużi d-daqs u l-istruttura tal-karti tal-bilanċ u l-istrumenti li bihom tiġi implimentata l-pożizzjoni tal-politika monetarja.

*7. Il-BĊE kif għandu jwettaq il-politika monetarja tiegħu fil-kundizzjonijiet makroekonomiċi attwali? X'inhi l-opinjoni tiegħek dwar il-prestazzjoni tal-BĊE rigward il-kisba tal-objettiv primarju tiegħu li jżomm l-istabbiltà fil-prezzijiet? X'taħseb dwar is-suġġerimenti reċenti biex il-mira tal-inflazzjoni ta' 2 % tiġi interpretata bħala mira simetrika? X'taħseb dwar is-sejħiet biex tiżdied l-istabbiltà finanzjarja jew l-inflazzjoni tal-prezzijiet tal-assi bħala t-tieni objettiv tal-politika monetarja tal-BĊE?*

F'termini ta' politika, ir-reazzjoni tal-BĊE biex jiġġieled ir-riskji ta' deflazzjoni li bdew jitfaċċaw fl-2014 kienet b'saħħitha ħafna. Meta l-BĊE nieda l-pakkett ta' politika komprensiv tiegħu, f'Ġunju 2014, l-inflazzjoni globali kienet ferm inqas minn 1 % u kienet qed tonqos. Illum, l-inflazzjoni globali hija madwar 1 % u l-projezzjonijiet ta' Ġunju tal-Eurosistema jbassru li din se tkun 1,3 % fl-2019, 1,4 % fl-2020 u 1,6 %

fl-2021. Il-probabbiltà li s-swieq finanzjarji jqiegħdu fuq id-deflazzjoni wkoll naqset meta mqabbla mal-livelli massimi, u l-qgħad niżel għal-livelli l-aktar baxxi minn Lulju 2008. L-issikkar progressiv tas-suq tax-xogħol huwa sinjal li l-miżuri ta' politika tal-BĊE joħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa biex il-pressjonijiet fuq il-prezzijiet jibqgħu jissaħħu.

Madankollu, il-livelli tal-inflazzjoni attwali u l-prospettiva dwar l-inflazzjoni skont

il-projezzjonijiet tal-persunal tal-Eurosistema mhumiex konformi mal-mira tal-inflazzjoni tal-BĊE ta' "qrib, iżda taħt,

it-2 %". Għalhekk – u anki b'segwitu għall-burraxki globali li qed iħallu effett fuq il-prospettiva ekonomika taż-żona tal-euro – għadu xieraq li l-BĊE jipprovdi livell wiesa' ta' akkomodazzjoni tal-politika monetarja biex jappoġġa l-espansjoni tal-ekonomija u l-konverġenza tal-inflazzjoni mal-mira tiegħu b'mod sostnut. F'dan ir-rigward, il-kjarifika reċenti li l-mira ta' inflazzjoni tal-BĊE hija simetrika hija importanti. Dan jimplika li l-BĊE huwa impenjat li jiġġieled kemm l-inflazzjoni 'l fuq mill-mira tal-inflazzjoni tiegħu kif ukoll l-inflazzjoni taħt dik il-mira. Fil-fatt, l-inflazzjoni tista' tiddevja mill-mira fiż-żewġ direzzjonijiet, sakemm it-triq tal-inflazzjoni toqrob lura lejn il-mira ta' "taħt, iżda qrib, it-2 %" għall-perjodu ta' żmien medju. Għalhekk dan jissottolinja d-determinazzjoni tal-BĊE li jsegwi l-mira tal-inflazzjoni tiegħu fuq perjodu ta' żmien medju.

Fl-istess ħin, filwaqt li l-BĊE għandu jżomm pożizzjoni akkomodattiva, oqsma ta' politika oħra jridu jikkontribwixxu b'mod aktar deċiżiv sabiex jinħasdu l-benefiċċji kollha mill-miżuri tal-politika monetarja.

Fir-rigward tal-introduzzjoni ta' objettivi addizzjonali, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jistabbilixxi b'mod ċar l-istabbiltà fil-prezzijiet bħala l-objettiv primarju tal-BĊE. Filwaqt li l-istabbiltà fil-prezzijiet u l-istabbiltà finanzjarja huma inerentement marbuta ma' xulxin u għandhom it-tendenza li jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku, żewġ objettivi differenti jirrikjedu l-użu ta' żewġ settijiet ta' strumenti differenti. L-objettiv tal-politika monetarja għadu s-salvagwardja tal-istabbiltà fil-prezzijiet fuq perjodu ta' żmien medju. Il-kompitu ewlieni tal-politika makroprudenzjali huwa li tindirizza r-riskji għall-istabbiltà finanzjarja biex tiżdied ir-reżiljenza tas-sistema kontra x-xokkijiet u biex fl-aħħar mill-aħħar jitrażżan iċ-ċiklu finanzjarju, sabiex jitnaqqas ir-riskju li jseħħu kriżijiet finanzjarji u jittaffew l-effetti ekonomiċi reali tal-kriżijiet finanzjarji.

B'mod ġenerali, iż-żewġ oqsma ta' politika jinteraġixxu, u l-effetti tagħhom fuq xulxin għandhom jiġu kkunsidrati. Il-politika makroprudenzjali tinfluwenza l-kundizzjonijiet tal-kreditu, u b'hekk tikkontribwixxi wkoll lura fl-ekonomija globali u, għalhekk, tinfluwenza wkoll il-prospettiva ta' stabbiltà fil-prezzijiet. Il-politika monetarja tista', fl-insegwiment tal-istabbiltà fil-prezzijiet, taffettwa r-riskju finanzjarju permezz ta' għadd ta' kanali ta' trażmissjoni. Għalhekk il-konsolidament tal-politika monetarja u l-politika makroprudenzjali f'istituzzjoni waħda joħloq sinerġiji pożittivi.

*8. X'inhi l-fehma tiegħek dwar l-aħħar deċiżjonijiet tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE, b'mod partikolari fir-rigward tal-indikazzjonijiet għall-ġejjieni dwar ir-rati ewlenin tal-imgħax li mistennija jibqgħu fil-livell attwali tal-inqas sal-ewwel nofs tal-2020?*

It-tkabbir ekonomiku fiż-żona tal-euro kien wieħed moderat filwaqt li l-klima ekonomika kienet taħt pressjoni minħabba l-inċertezzi persistenti – prinċipalment relatati ma' fatturi ġeopolitiċi, it-theddida dejjem tikber tal-protezzjoniżmu u l-vulnerabilitajiet fis-swieq emerġenti. B'riżultat ta' dan, il-pressjonijiet inflazzjonarji baqgħu moderati u kemm ir-rati tal-inflazzjoni reali kif ukoll dawk ipproġettati kienu b'mod persistenti taħt il-livelli li l-Kunsill Governattiv jikkunsidra bħala konsistenti mal-mira tiegħu.

F'dan l-isfond, l-aħħar deċiżjonijiet tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE, bħall-indikazzjonijiet għall-ġejjieni tiegħu dwar ir-rati tal-imgħax, huma fil-fehma tiegħi mmirati b'mod korrett lejn iż-żamma tal-kundizzjonijiet ta' finanzjament ferm akkomodattivi għall-impriżi u għall-unitajiet domestiċi li huma meħtieġa biex jingħata appoġġ lit-tkabbir ekonomiku u fl-aħħar mill-aħħar, tiżdied l-inflazzjoni.

B'mod partikolari, id-deċiżjoni tal-aġġustament tal-indikazzjonijiet għall-ġejjieni dwar ir-rati ewlenin tal-imgħax tipprovdi akkomodazzjoni billi tankra aħjar l-aspettattivi tas-suq fir-rigward tal-perkors mistenni tar-rata tal-imgħax u tnaqqas l-inċertezza. Fil-formulazzjoni tal-indikazzjonijiet għall-ġejjieni hemm element ibbażat fuq iż-żmien – li r-rati tal-imgħax mistennija jibqgħu fil-livelli attwali tagħhom jew f'livelli iktar baxxi "tal-inqas matul l-ewwel nofs tal-2020", u dan jiżgura li l-akkomodazzjoni ma tiddgħajjifx minn parteċipanti tas-suq li jemmnu li r-rati tal-imgħax jistgħu jiżdiedu qabel din id-data. Iżda dan jinvolvi wkoll element ibbażat fuq l-istat – li r-rati se jibqgħu fil-livelli attwali jew f'livelli iktar baxxi "fi kwalunkwe każ għal kemm ikun hemm bżonn biex tiġi żgurata l-konverġenza kontinwa sostnuta tal-inflazzjoni lejn il-mira fuq perjodu ta' żmien medju". Dan ifisser li l-politika monetarja tal-BĊE

hija dipendenti fuq id-data u se tevolvi skont il-prospettiva tal-inflazzjoni.

Kif enfasizzat mill-BĊE, l-indikazzjonijiet għall-ġejjieni tiegħu dwar ir-rati tal-imgħax tal-politika monetarja, flimkien mal-investimenti mill-ġdid tal-ammont imdaqqas ta' assi mixtrija u s-sensiela l-ġdida ta' operazzjonijiet immirati ta' rifinanzjament fit-tul, jipprovdu l-istimulu sinifikanti tal-politika monetarja, li huwa meħtieġ biex jirfed il-konverġenza tal-inflazzjoni taż-żona tal-euro mal-mira tal-BĊE. Fid-dawl tal-prospettiva tal-inflazzjoni attwali, x'aktarx se tkun meħtieġa politika monetarja ferm akkomodattiva għal xi żmien.

*9. Kif tirrispondi għall-kritika ta' rati tal-imgħax baxxi u l-effetti tar-rati tal-imgħax baxxi? Kif tqis il-bilanċ bejn l-effetti mhux intenzjonati tal-politika tal-BĊE dwar ir-rata tal-imgħax u l-konverġenza lejn ir-rata tal-inflazzjoni prevista fuq perjodu ta' żmien medju?*

Il-BĊE għandu objettiv primarju li jżomm l-istabbiltà fil-prezzijiet. Il-miżuri attwali tal-politika monetarja ġew introdotti bħala reazzjoni għall-kundizzjonijiet ta' wara l-kriżi sabiex tintlaħaq il-mira tal-inflazzjoni.

Ir-rati tal-imgħax baxxi – flimkien mal-miżuri l-oħra tal-politika monetarja li ġew adottati – ikkontribwew għall-għajbien tar-riskji deflazzjonarji u għall-appoġġ tat-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi.

Madankollu, jidher ċar li huwa importanti li jkomplu jiġu mmonitorjati l-effetti sekondarji possibbli li jirriżultaw minn kundizzjonijiet monetarji akkomodattivi mhux biss fir-rigward tat-trażmissjoni tal-politika monetarja iżda wkoll fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja.

F'dak li jirrelata mal-fehim tal-impatt tar-rati tal-imgħax negattivi fuq iċ-ċittadini taż-żona tal-euro, importanti li jkun hemm approċċ komprensiv li jħares lejn il-mekkaniżmi kollha involuti. Minn naħa waħda, il-banek jistgħu jiddeċiedu li jgħaddu r-rata ta' depożitu negattiva fuq id-depożitanti, u jbaxxu r-rati tal-imgħax li dawn tal-aħħar jiksbu fuq it-tfaddil tagħhom. Min-naħa l-oħra, l-istess depożitanti huma wkoll konsumaturi, ħaddiema u mutwatajri. Għalhekk dawn jibbenefikaw minn momentum ekonomiku aktar b'saħħtu, inqas qgħad u inqas spejjeż ta' self. Kollox ma' kollox, fin-nuqqas tal-politika monetarja mhux konvenzjonali adottata mill-BĊE – inkluża l-introduzzjoni tar-rati tal-imgħax negattivi – iċ-ċittadini taż-żona tal-euro kienu, b'mod ġenerali, jmorru agħar.

Fir-rigward tal-impatt tar-rati negattivi fuq il-profittabbiltà tal-banek, l-analiżi empirika tissuġġerixxi li l-effetti negattivi fuq l-introjtu mill-imgħax nett tal-banek sa issa kienu aktar milli kkumpensati mill-benefiċċji li jirriżultaw miż-żieda fis-self bankarju u minn spejjeż aktar baxxi relatati mal-provvediment għal deterjorament minħabba l-ambjent makroekonomiku aħjar, li sa ċertu punt huwa riżultat ta' politika monetarja akkomodattiva. Madankollu, huwa importanti li jiġi mmonitorjat jekk fil-futur, aktar ma r-rati ta' interess aktar baxxi jibqgħu fis-seħħ, jistgħux jitfaċċaw effetti sekondarji negattivi, u li jintuża is-sett ta' strumenti disponibbli tal-politika mikro u makroprudenzjali, kif meħtieġ.

B'mod ġenerali, l-ambjent ta' rendiment baxx għandu jitqiegħed fil-kuntest tat-tnaqqis fit-tul fir-rendimenti reali sa mis-snin tmenin. Dan mhuwiex uniku għaż-żona tal-euro. Fil-biċċa l-kbira,

dan jirrifletti fatturi strutturali ulterjuri bħal tnaqqis fir-rata ta' tkabbir tal-produttività, żieda fit-tfaddil b'antiċipazzjoni għal perjodi ta' rtirar itwal, u skarsezza ta' assi sikuri.

*10. X'inhi l-fehma tiegħek dwar l-eteroġeneità tal-kundizzjonijiet monetarji u tal-aċċess għall-kreditu fiż-żona tal-euro u l-impatt tagħha fuq il-politika monetarja unitarja tal-BĊE?*

Il-kundizzjonijiet tas-self madwar il-pajjiżi taż-żona tal-euro kienu tabilħaqq eteroġeni ħafna matul il-kriżi finanzjarja u tad-dejn sovran, b'implikazzjonijiet serji għat-trażmissjoni tal-politika monetarja tal-BĊE. Din hija r-raġuni għaliex, f'nofs l-2014, il-BĊE nieda l-hekk imsejjaħ pakkett ta' "ffaċilitar tal-kreditu" ta' miżuri tal-politika monetarja. B'segwitu għall-introduzzjoni ta' dawn il-miżuri, ir-rati tas-self bankarju fiż-żona tal-euro naqsu b'mod sostanzjali: skont l-estimi tal-BĊE, il-programm ta' xiri ta' assi (APP) u t-tnaqqis fir-rata ta' faċilità ta' depożitu rriżultaw fi tnaqqis ta' madwar 50 punt bażi fir-rati ta' self bankarju lil kumpaniji minn Ġunju 2014. Barra minn hekk, it-trażmissjoni tar-rati tas-suq għar-rati ta' self bankarju saret ferm aktar omoġenja fl-Istati Membri kollha taż-żona tal-euro. Fil-pajjiżi kollha, ir-rati tas-self bankarju għall-impriżi u l-unitajiet domestiċi bħalissa jinsabu f'livelli storikament baxxi jew qribhom. Barra minn hekk, il-kundizzjonijiet ta' self bankarju (kif indikat fl-istħarriġ dwar is-self bankarju taż-żona tal-euro) għadhom favorevoli u ta' appoġġ għat-tkabbir tas-self.

Dawn il-kundizzjonijiet ta' finanzjament favorevoli, li għalihom ikkontribwew il-miżuri tal-politika monetarja tal-BĊE, appoġġaw l-irkupru fit-tkabbir tas-self bankarju. Minn nofs l-2015, il-volumi ta' self lill-kumpaniji bdew jikbru mill-ġdid b'rati pożittivi u skont l-analiżi tal-BĊE ġie konkluż li kważi nofs it-tkabbir annwali f'dawn il-volumi fit-tielet kwart tal-2018 jista' jiġi assoċjat mal-benefiċċji tal-APP. Madankollu, filwaqt li l-kundizzjonijiet tas-self huma favorevoli fil-pajjiżi kollha taż-żona tal-euro, it-tkabbir tas-self bankarju għadu eteroġenu fil-pajjiżi kollha. Dan huwa parzjalment dovut għall-fatt li l-pajjiżi li jinsabu f'fażijiet differenti taċ-ċiklu kummerċjali, u għall-użu differenzjat ta' strumenti ta' finanzjament alternattivi mill-impriżi, bħall-ħruġ ta' titoli ta' dejn.

Lil hinn mis-self bankarju, il-finanzjament tad-dejn tal-kumpaniji taż-żona tal-euro baqa' wieħed moderat. Minkejja r-rati baxxi ħafna ta' self, jidher li l-impriżi għadhom ma bdewx jingranaw mill-ġdid wara d-diżingranaġġ meħtieġ tas-settur korporattiv wara l-kriżi.

B'mod ġenerali, filwaqt li l-kundizzjonijiet monetarji u l-aċċess għall-kreditu huma favorevoli fost il-pajjiżi taż-żona tal-euro, għad hemm xi differenzi fit-tkabbir tal-kreditu minħabba varjetà ta' fatturi, bħal domanda differenti għall-kreditu, inċertezza ġenerali, u differenzi fi pressjonijiet kompetittivi jew karatteristiċi istituzzjonali (bħal sistemi legali differenti), li jista' jkollhom impatt fuq il-kundizzjonijiet reali tal-kreditu fost il-mutwatarji, is-setturi u l-pajjiżi. Madankollu, f'unjoni monetarja huwa xieraq li l-kundizzjonijiet ta' self jirriflettu l-karatteristiċi tal-mutwatarji u dawn ivarjaw minn pajjiż għal ieħor. Dan mhuwiex neċessarjament problema għall-politika monetarja u jeżisti wkoll f'żoni ta' muniti oħrajn.

*11. Id-disparitajiet fil-prestazzjoni ekonomika fl-UEM żdiedu matul l-aħħar għaxar snin.*

*B'ħarsa 'l quddiem, diversi Stati Membri tal-UE qed iħejju biex jissieħbu fiż-żona tal-euro. Kif tipprevedi li jiġu evitati diverġenzi ulteruri bejn l-Istati Membri taż-żona tal-euro matul id-deċennju li ġej fid-dawl tal-kundizzjonijiet ekonomiċi fl-istati kandidati? X'inhu x-xenarju ekonomiku preferut tat-tkabbir taż-żona tal-euro?*

L-evoluzzjoni tad-disparitajiet ekonomiċi fl-UEM matul l-aħħar deċennju tippreżenta stampa sfumata, skont il-metrika użata u skont il-pajjiżi.

Minn perspettiva ta' politika monetarja, l-aktar ħaġa importanti f'żona ta' munita komuni hija s-sinkronizzazzjoni ċiklika. Din tippermetti li l-politika monetarja unika topera b'mod effettiv u tissodisfa l-funzjoni tagħha ta' stabbilizzazzjoni fost il-membri. U fil-fatt, id-dispersjoni ċiklika fost l-ekonomiji taż-żona tal-euro naqset maż-żmien, sal-punt li l-membri taż-żona tal-euro issa jgawdu minn livell għoli ta' sinkronizzazzjoni fiċ-ċikli kummerċjali u finanzjarji tagħhom. Fl-istess ħin, jekk wieħed iħares lejn il-konverġenza reali – jiġifieri sa liema punt il-membri taż-żona tal-euro bi dħul iktar baxx qed ilaħħqu ma' dawk bi dħul ogħla f'termini ta' dħul per capita – ir-riżultati huma deċiżament imħallta. Filwaqt li dawk li adottaw l-euro l-aktar reċentement, speċjalment il-pajjiżi Baltiċi, esperjenzaw tnaqqis fid-disparitajiet fid-dħul vis-à-vis il-pari tagħhom bi dħul ogħla, ftit li xejn kien hemm konverġenza fost is-sett oriġinali ta' membri taż-żona tal-euro, bl-eċċezzjoni tal-Irlanda. Filwaqt li l-politika monetarja tista' topera b'mod effettiv anki fil-preżenza ta' differenzi fl-introjtu, mill-perspettiva taċ-ċittadini, huma t-tkabbir ekonomiku u t-titjib fl-istandard tal-għajxien li finalment huma importanti.

L-evidenza tissuġġerixxi li d-disparitajiet ekonomiċi fl-Ewropa jistgħu fil-biċċa l-kbira jiġu rintraċċati lura għax-xokkijiet tat-teknoloġija u tal-globalizzazzjoni, l-impatt tal-kriżi finanzjarja globali, kif ukoll id-dgħufijiet strutturali speċifiċi għall-pajjiż.

L-euro hija wkoll l-aktar sinjal tanġibbli tal-integrazzjoni Ewropea. Bħalissa din hija l-munita uffiċjali għal 19-il Stat Membru tal-UE u nistenna, u nkun kuntenta, kieku l-Istati Membri tal-UE li għadhom barra mill-munita unika xi darba jingħaqdu magħha. Kif stabbilit fit-Trattat, l-Istati Membri kollha tal-UE mingħajr esklużjoni fakultattiva – b'mod partikolari seba' pajjiżi li mhumiex fiż-żona tal-euro minbarra d-Danimarka u, naturalment, ir-Renju Unit – mistennija li llum jew għada jadottaw l-euro.

Fil-fehma tiegħi r-riformi ekonomiċi meħtieġa għat-tkabbir taż-żona tal-euro għandhom jitfasslu għal kull Stat Membru individwali. Kull pajjiż li jixtieq jingħaqad mal-euro għandu jintroduċi l-miżuri u r-riformi meħtieġa flimkien mal-perkors, il-modalitajiet u l-iskeda ta' żmien proprja. Finalment l-iskeda ta' żmien tiddependi fuq tliet fatturi ewlenin: ir-rieda politika kif riflessa wkoll fl-istrateġiji nazzjonali dwar l-adozzjoni tal-euro; is-sens ta' sjieda tal-proġett min-naħa taċ-ċittadini; u l-livell ta' tħejjija ekonomika.

Issa hemm dimensjoni ġdida għall-introduzzjoni tal-euro li rridu nqisu u din hija li l-adozzjoni tal-euro issa timplika awtomatikament il-parteċipazzjoni fl-unjoni bankarja. Għalhekk, jiena nappoġġa l-politika li għadha kif ġiet stabbilita li l-Istati Membri li jissieħbu fil-Mekkaniżmu tar-Rati tal-Kambju II (ERM II) għandhom jidħlu wkoll f'kooperazzjoni mill-qrib mas-superviżjoni bankarja tal-BĊE.

*12. Kif tqis is-sekwenzjar/l-iskeda taż-żmien tan-normalizzazzjoni tal-politika monetarja tal-BĊE, anke fid-dawl tal-kuntest internazzjonali, fejn b'mod partikolari l-livelli tar-rati tal-imgħax fl-Istati Uniti huma konsiderevolment diverġenti minn dawk Ewropej? X'effett tistenna li se jkollha l-istrateġija ta' investiment mill-ġdid tal-Programm ta' Xiri ta' Assi (APP) fuq is-swieq? Dan kif se jaffettwa s-sett ta' strumenti monetarji jekk il-kundizzjonijiet ġenerali jiddeterjoraw?*

Il-BĊE pprovda lis-suq indikazzjonijiet għall-ġejjieni dwar ir-rati ta' politika u l-investiment mill-ġdid tal-pagamenti prinċipali minn titoli mixtrija fl-ambitu tal-APP. L-indikazzjonijiet għall-ġejjieni attwali diġà jistabbilixxu s-sekwenzjar ta' dawn iż-żewġ strumenti tal-politika monetarja. B'mod speċifiku, l-investiment mill-ġdid se jkompli għal perjodu ta' żmien estiż meta l-BĊE jibda jgħolli r-rati ewlenin tal-imgħax tiegħu.

Fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-politika monetarja, id-data ekonomika u finanzjarja kemm domestika kif ukoll internazzjonali trid tiġi analizzata bir-reqqa. Il-politika monetarja għandha tibqa' dipendenti fuq id-data u għandha tkun iggwidata mill-prospettiva tal-inflazzjoni taż-żona tal-euro. F'dan l-istadju, "in-normalizzazzjoni tal-politika" hija prematura. Bħalissa, l-inċertezzi relatati ma' fatturi ġeopolitiċi, pressjonijiet protezzjonisti u vulnerabbiltajiet fis-swieq emerġenti jfissru li r-riskji għall-prospettiva, fil-biċċa l-kbira, ixaqilbu 'l isfel u li l-pressjonijiet inflazzjonarji għadhom moderati. Se jkun hemm bżonn ta' akkomodazzjoni monetarja sinifikanti għal perjodu ta' żmien estiż. Għalhekk huwa importanti li l-istrumenti ta' politika kollha jinżammu disponibbli biex ikun hemm reazzjoni xierqa u proporzjonata jekk il-prospettiva tal-inflazzjoni fuq perjodu ta' żmien medju tibqa' ma tilħaqx l-għan tal-BĊE.

*13. Kif se tiżgura t-trasparenza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-APP? Taqbel li tista' tiġi pprovduta aktar trasparenza fir-rigward tal-Programm ta' Xiri ta' Titoli Garantiti b'Assi (ABSPP) u t-tielet Programm ta' Xiri ta' Bonds Koperti (CBPP3)?*

It-trasparenza hija vitali kemm għal governanza tajba kif ukoll għal fehim pubbliku tajjeb tal-politika monetarja tal-BĊE. Fl-istess ħin, il-banek ċentrali għandhom joqogħdu attenti li l-informazzjoni li jipprovdu ma ddgħajjifx l-effettività tal-politiki tagħhom.

Ma hemm l-ebda dubju li l-politiki monetarji mhux konvenzjonali, u b'mod partikolari l-APP, wasslu għal domanda għal trasparenza ikbar. Il-BĊE rreaġixxa b'mod pożittiv għal dan (eż. billi ppubblika mill-bidu nett, ta' kull ġimgħa u ta' kull xahar, informazzjoni dwar il-holdings tiegħu) u matul l-aħħar snin it-trasparenza kompliet tiżdied, milli nista' nifhem, grazzi wkoll għall-feedback ipprovdut mill-Parlament Ewropew.

Barra minn hekk, il-BĊE għandu livell ogħla ta' trasparenza meta mqabbel ma' xi banek ċentrali oħrajn. Pereżempju, huwa jippubblika (u jaġġorna ta' kull ġimgħa) informazzjoni dettaljata ħafna – l-hekk imsejħa numri internazzjonali għall-identifikazzjoni tat-titoli, ISINs – dwar il-bonds individwali li l-Eurosistema għandha f'ċerti portafolli.

Meta jiġu diskussi azzjonijiet ulterjuri biex titjieb it-trasparenza, huwa importanti ħafna li wieħed jiżen il-benefiċċji tal-pubblikazzjoni ta' informazzjoni aktar dettaljata fuq naħa u l-impatt fuq l-effettività tal-politika monetarja tal-BĊE fuq in-naħa l-oħra. Dan l-impatt jista' jvarja skont il-mod kif jaħdmu segmenti partikolari tas-swieq finanzjarji u għalhekk jista' jwassal għal approċċ differenzjat skont il-programm ta' xiri.

*14. X'inhuma l-kundizzjonijiet li jeħtieġ li jiġu ssodisfati biex tiġi ġestita żieda fir-rati tal-imgħax*

*mingħajr effett ta' tfixkil fuq l-emittenti sovrani u fuq is-swieq? Kemm minn dan huwa fil-kompitu tal-BĊE u fejn tqis li tinsab ir-responsabbiltà tal-Istati Membri u tal-parteċipanti fis-suq?*

Il-BĊE kkomunika li l-politika monetarja tiegħu se tibqa' akkomodattiva permezz tal-indikazzjonijiet għall-ġejjieni dwar ir-rati ta' politika u l-investimenti mill-ġdid. Dawn l-indikazzjonijiet għall-ġejjieni għandhom l-għan li jiżguraw li l-bidliet possibbli fir-rati ta' politika fuq perjodu ta' żmien qasir ikkontrollati mill-BĊE jinftiehmu sew mill-parteċipanti fis-suq u m'għandhomx isiru sors ta' effetti ta' tfixkil. Permezz ta' dan is-swieq jibbenefikaw minn funzjoni ta' reazzjoni ċara tal-BĊE. B'mod partikolari, dan jiżgura li jekk ikun hemm prospettiva ta' dgħufija din tiġi riflessa f'rati tal-imgħax aktar favorevoli u, għalhekk, f'kundizzjonijiet ta' finanzjament aktar faċli.

Fil-każ tal-Istati Membri, il-politiki fiskali nazzjonali sodi huma l-aħjar assigurazzjoni kontra żieda potenzjali fl-ispejjeż tas-self. Fil-fatt, ħafna pajjiżi taż-żona tal-euro użaw il-perjodu ta' kundizzjonijiet ekonomiċi u ta' finanzjament favorevoli biex jibnu mill-ġdid pożizzjonijiet baġitarji sottostanti b'saħħithom, li jagħtu lok għal politika fiskali kontraċiklika. Huwa importanti ħafna li l-Istati Membri kollha juru l-impenn tagħhom lejn politiki sostenibbli b'rikonoxximent tal-qafas fiskali tal-UE. Barra minn hekk, l-ikkompletar tal-UEM għandu jibqa' prijorità.

*15. Fil-fehma tiegħek il-BĊE kif jista' jikkontribwixxi għat-tkabbir ekonomiku, għal tranżizzjoni ekoloġika u għal livell massimu ta' impjiegi filwaqt li jikkonforma bis-sħiħ mal-objettiv primarju tiegħu li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet? X'taħseb dwar bidla fil-mandat fil-BĊE sabiex ikun hemm allinjament aħjar mal-kriterji tal-FED? Fil-fehma tiegħek hemm xi miżuri addizzjonali tal-politika monetarja li jtejbu l-effetti pożittivi tal-politika monetarja fuq l-ekonomija reali? Xi rwol għandhom ir-riformi strutturali fl-Istati Membri b'rabta mal-effettività tal-politiki monetarji u viċi versa?*

Il-mandat tal-BĊE huwa minqux fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 127(1). Skont din id-dispożizzjoni, l-objettiv primarju tal-BĊE u tal-politika monetarja unika huwa ż-żamma tal-istabbiltà fil-prezzijiet. Mingħajr preġudizzju għal dan l-objettiv primarju, il-BĊE jappoġġa l-politiki ekonomiċi fl-Unjoni bil-ħsieb li jikkontribwixxi għall-objettivi tal-Unjoni. Peress li l-mandat tal-BĊE huwa definit mid-dritt primarju tal-Unjoni, dan jista' jinbidel biss mill-Istati Membri permezz ta' emenda tat-Trattat.

L-istrateġija tal-politika monetarja tal-BĊE tagħmilha ċara li l-istabbiltà fil-prezzijiet trid tinżamm fuq perjodu ta' żmien medju. Din l-orjentazzjoni fuq perjodu ta' żmien medju tippermetti li jiġu minimizzati l-varjazzjonijiet fl-attività ekonomika reali fis-sitwazzjonijiet meta l-politika monetarja tista' tiffaċċa kompromess, bħal reazzjoni għal xokk fil-prezz taż-żejt li jżid temporanjament l-inflazzjoni fi żmien meta t-tkabbir ekonomiku ikun qed jonqos. Għalhekk, id-differenzi vis-à-vis il-mandat tal-FED jistgħu, fil-prattika, ikunu inqas sinifikanti.

Iż-żamma ta' prezzijiet stabbli fuq perjodu ta' żmien medju hija wkoll prekundizzjoni kruċjali biex jinkisbu ambjent ekonomiku favorevoli u livell għoli ta' impjiegi.

Madankollu, fit-tul it-tkabbir jiddependi fuq fatturi oħra minbarra l-politika monetarja, bħall-produttività, u huwa appoġġat minn politiki li jinkoraġġixxu l-innovazzjoni u l-investiment. Ir-riformi strutturali fil-pajjiżi taż-żona tal-euro huma importanti biex tingħata spinta lill-potenzjal tat-tkabbir u l-produttività taż-żona tal-euro, jitnaqqas il-qgħad strutturali u tiżdied ir-reżiljenza. Ir-riformi strutturali għalhekk jistgħu jagħtu s-setgħa lill-politika monetarja fil-futur, filwaqt li l-pożizzjoni attwali ferm akkomodattiva tal-politika monetarja tnaqqas il-piż tal-introduzzjoni ta' tali riformi.

Fir-rigward tat-tranżizzjoni ekoloġika, id-diskussjoni dwar jekk, u jekk iva, kif il-bank ċentrali u s-superviżuri bankarji jistgħu jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, għadha fi stadju bikri iżda għandha titqies prijorità. Il-BĊE diġà daħal f'diskussjoni bħal din, pereżempju bħala membru tan-Netwerk dwar l-Ekoloġizzazzjoni tas-Sistema Finanzjarja (NGFS). Barra minn hekk, il-fehim tiegħi huwa li l-BĊE ffoka fuq li jipprovdi appoġġ lill-parteċipanti fis-suq, lil-leġiżlaturi u lill-korpi li jistabbilixxu l-istandards fl-identifikazzjoni tar-riskji li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima, u qafas ċar biex il-flussi finanzjarji jiġu orjentati mill-ġdid u dawn ir-riskji jitnaqqsu.

*16. X'inhuma l-fehmiet tiegħek dwar l-impatt negattiv tal-politika tal-BĊE fuq it-tibdil fil-klima? X'jista' jsir aħjar biex jiġi żgurat li l-politika monetarja ma tiffavorixxix lill-impriżi li jniġġsu?*

L-objettiv ewlieni tal-APP kien li jreġġa' lura l-inflazzjoni f'konformità mal-objettiv ta' stabbiltà fil-prezzijiet tal-BĊE. Sabiex tiġi pprovduta firxa wiesgħa ta' titoli li jistgħu jinxtraw, il-kriterji ta' eliġibbiltà għall-APP huma neċessarjament wesgħin ukoll. Dan kien ta' appoġġ għall-effettività tal-programm filwaqt li fl-istess ħin evitata distorsjonijiet għal segmenti tas-suq speċifiċi.

Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-APP, il-BĊE bbaża ruħu fuq il-prinċipju tan-newtralità tas-suq, mingħajr ebda diskriminazzjoni pożittiva jew negattiva li tiffavorixxi jew tippenalizza assi speċifiċi abbażi ta' kriterji ambjentali jew kriterji oħra. Fir-rigward tas-CSPP, ix-xiri ta' titoli maħruġa minn korporazzjonijiet mhux bankarji rrifletta b'mod proporzjonat il-valur tas-suq tal-bonds eliġibbli kollha f'termini ta' setturi ta' attività ekonomika u gruppi ta' klassifikazzjoni. Nifhem li d-diskriminazzjoni pożittiva jew negattiva ta' assi speċifiċi fuq il-bażi ta' kriterji ambjentali sa issa ma kinetx possibbli minħabba li ma kinux ġew definiti kriterji oġġettivi. Madankollu, l-inizjattivi tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-finanzjament sostenibbli biex tinħoloq definizzjoni armonizzata ta' assi ekoloġiċi, jiġifieri l-hekk imsejħa tassonomija, li milli nista' nifhem il-BĊE qed jappoġġa b'mod attiv, se jtejbu t-trasparenza u se jiffaċilitaw l-identifikazzjoni aktar oġġettiva ta' dak li jikkostitwixxi strument finanzjarju ekoloġiku. Hekk kif jintlaħaq ftehim dwar tali tassonomija, il-BĊE se jkollu jivvaluta jekk u kif jista' japplikaha għall-APP tiegħu.

Fir-rigward tal-bonds ekoloġiċi, fil-kundizzjonijiet tas-suq u ċ-ċirkustanzi attwali, hemm mill-inqas żewġ fatturi li jillimitaw il-kapaċità tal-BĊE li jixtri primarjament tali bonds bħala parti mill-APP tiegħu. L-ewwel nett, is-segment ekoloġiku għadu porzjon relattivament żgħir tal-univers tal-assi finanzjarji, minkejja t-tkabbir mgħaġġel li seħħ f'dawn l-aħħar snin. Għalhekk, ix-xiri ta' ammonti kbar ta' dawn l-assi jista' jwassal għal distorsjonijiet serji f'dan is-segment tas-suq partikolari. It-tieni, il-klassifikazzjoni ta' x'jikkostitwixxi assi ekoloġiku għadha fil-bidu tagħha, u dan jikkomplika l-identifikazzjoni ta' liema assi ekoloġiċi għandhom jinxtraw.

Minkejja l-limitazzjonijiet eżistenti u n-nuqqas ta' mira ambjentali espliċita fl-APP, il-BĊE xtara bonds ekoloġiċi kemm fl-ambitu tas-CSPP kif ukoll fl-ambitu tal-PSPP. Filwaqt li l-ammont globali tal-bonds ekoloġiċi miżmuma mill-BĊE huwa relattivament żgħir, l-evidenza tissuġġerixxi li x-xiri tal-BĊE kkontribwixxa biex jitnaqqsu r-rendimenti tal-bonds ekoloġiċi, filwaqt li appoġġa l-ħruġ ta' tali bonds minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji.

*17. X'inhuma l-fehmiet tiegħek dwar ir-riskji assoċjati mal-Programm ta' Xiri mis-Settur Korporattiv (CSPP)? Tara xi effetti distorsivi fuq il-kompetizzjoni fi ħdan is-Suq Intern? Kif taħseb li l-effetti distorsivi possibbli tas-CSPP jistgħu jiġu mminimizzati?*

Fl-ambitu tas-CSPP, l-Eurosistema tixtri titoli ta' korporazzjonijiet mhux bankarji li jiffaċilitaw it-trasferiment tax-xiri tal-assi tiegħu lill-ekonomija reali. Is-CSPP huwa parti integrali mill-APP tal-Eurosistema, li kkontribwixxa b'mod materjali għall-espansjoni ekonomika taż-żona tal-euro, u

b'hekk għen biex jiġi żgurat li l-inflazzjoni tikkonverġi lejn il-mira tagħha.

Ir-riskji mid-deterjorament tal-kwalità tal-kreditu tal-emittenti eliġibbli ma jistgħux jiġu esklużi totalment mis-CSPP. Madankollu, il-livell għoli ta' diversifikazzjoni fis-CSPP jimplika li, għalkemm l-emittenti individwali minn żmien għal żmien jafu jġarrbu deklassifikazzjoni u telf, b'mod ġenerali tali telf huwa limitat mid-disinn. Barra minn hekk, milli nista' nifhem l-Eurosistema għandha fis-seħħ qafas estensiv ta' ġestjoni tar-riskju biex tissorvelja mill-qrib ir-riskji assoċjati mas-CSPP. Għalhekk, il-karta tal-bilanċ tal-Eurosistema hija protetta b'mod effettiv mingħajr periklu għall-kisba tal-għanijiet ta' politika tas-CSPP.

Sabiex tilħaq l-għan primarju tagħħa tal-istabbiltà fil-prezzijiet, l-Eurosistema għandha l-mandat li taġixxi skont il-prinċipju ta' ekonomija tas-suq miftuħa b'kompetizzjoni libera, li tiffavorixxi l-allokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi. Il-firxa wiesgħa ta' bonds eliġibbli għas-CSPP tappoġġa l-effikaċja tas-CSPP bħala stument tal-politika monetarja, filwaqt li żżomm kundizzjonijiet ekwi għall-parteċipanti kollha fis-suq u tevita distorsjonijiet bla bżonn fis-suq. Barra minn hekk, il-BĊE nnota li kwalunkwe effett ta' distorsjoni potenzjali fuq il-kompetizzjoni fi ħdan is-suq uniku huwa mtaffi ulterjorment bis-saħħa tax-xiri tas-CSPP li jirrifletti b'mod proporzjonat l-ammont pendenti nominali ta' bonds eliġibbli.

Fil-fehma tiegħi, meta jkun qed jiġi implimentat is-CSPP, dawn huma argumenti tajbin biex jitkompla dan l-approċċ, li jippermetti li jiġu minimizzati l-impatti fuq il-prezzijiet relattivi fl-univers eliġibbli ta' bonds u l-effetti sekondarji mhux intenzjonati fuq il-funzjonament tas-suq.

*18. Taħseb li s-CSPP għandu jintegra l-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG)? Taħseb li l-BĊE għandu jallinja x-xirjiet tal-assi tiegħu mal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli tan-NU u l-ftehim ta' Pariġi dwar il-klima? Taħseb li hemm lok għall-BĊE li jintegra t-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, li hija għan ta' politika ewlieni tal-UE, bħala objettiv sekondarju tal-politika monetarja?*

L-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli jkopru firxa wiesgħa ta' suġġetti li għandhom l-għan li jtejbu l-kundizzjonijiet tal-għajxien madwar id-dinja. Il-ħidma biex jinkisbu dawk l-għanijiet hija indispensabbli għall-pajjiżi kollha. Il-banek ċentrali fl-ambitu tal-mandat tagħhom, madankollu, jistgħu jkunu kapaċi jindirizzaw biss subsett limitat ta' dawn l-għanijiet.

Naf li s-sena l-oħra, il-BĊE ngħaqad mal-NGFS u huwa wkoll membru tal-Grupp Tekniku ta' Esperti tal-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tibdil fil-Klima. Dan juri li l-BĊE jirrikonoxxi l-isfida li jippreżenta t-tibdil fil-klima u jappoġġa l-parteċipanti fis-suq u l-korpi li jistabbilixxu l-istandards fl-indirizzar tar-riskji relatati mal-klima.

Fir-rigward tal-APP tagħha, l-Eurosistema xtrat madwar EUR 2,5 triljun f'titoli, li l-biċċa l-kbira minnhom inħarġu mill-gvernijiet. B'paragun, is-sehem tas-CSPP tax-xiri globali tal-APP huwa relattivament żgħir. F'diversi każijiet il-BĊE semma li x-xiri huwa ggwidat mill-prinċipju tan-newtralità tas-suq sabiex jiġu evitati distorsjonijiet tas-suq. Madankollu, kif imsemmi qabel, dan ma jipprekludix li fil-futur il-BĊE se japplika tassonomija – li attwalment qed tiġi żviluppata mill-Kummissjoni Ewropea – ta' x'jikkostitwixxi assi ekoloġiċi.

Minkejja dan, il-BĊE diġà xtara bosta "bonds ekoloġiċi" fl-ambitu tal-PSPP u s-CSPP u għandu jkompli jixtrihom fid-dawl tal-konformità tagħhom mal-kriterji ta' eliġibbiltà tal-programmi.

Analiżi tal-BĊE f'wieħed mill-Bullettini Ekonomiċi tiegħu wriet li s-CSPP mhux talli kkontribwixxa għat-tnaqqis tar-rendimenti tal-"bonds ekoloġiċi" iżda appoġġa wkoll il-ħruġ tagħhom minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji. Minħabba li l-univers ta' bonds relatati mal-

klima qed jikber iżda għadu relattivament żgħir fid-daqs, il-limitazzjoni tax-xiri għal dawn il-bonds biss ikollha impatt fuq l-effettività fil-kisba tal-objettiv tal-BĊE. F'dan ir-rigward, il-leġiżlaturi wkoll jista' jkollhom rwol fl-iżvilupp tal-univers ta' bonds relatati mal-klima bħala parti minn inizjattivi ta' politika li l-Kummissjoni tista' tagħti bidu għalihom fil-leġiżlatura attwali.

*19. Taħt it-tmexxija tiegħek, xi rwol se jkollu l-BĊE fin-Netwerk għall-Ekoloġizzazzjoni tas-Sistema Finanzjarja? Għandek xi intenzjoniji li taġixxi fuq ir-rakkomandazzjonijiet ipprovduti min-netwerk għall-ekoloġizzazzjoni tas-sistema finanzjarja (NGFS) fl-ewwel rapport komprensiv tiegħu?*

It-tibdil fil-klima huwa waħda mill-isfidi globali l-aktar urġenti li qed tħabbat wiċċha magħhom is-soċjetà llum. Fil-fehma tiegħi, l-istituzzjonijiet pubbliċi u privati kollha għandhom jaġixxu, fi ħdan il-mandati tagħhom, sabiex jindirizzawha. Taħt it-tmexxija tiegħi, il-FMI beda jesplora kif jista' jgħin biex jindirizza t-tibdil fil-klima, pereżempju billi jinvestiga kif il-politiki fiskali jistgħu jintużaw biex jikkontribwixxu għall-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi.

Nilqa' l-fatt li l-BĊE jikkollabora ma' banek ċentrali u superviżuri oħrajn globalment fin-Netwerk għall-Ekoloġizzazzjoni tas-Sistema Finanzjarja (NGFS). Il-banek ċentrali u s-superviżuri prudenzjali jistgħu jikkontribwixxu biex jiġu affaċċati l-isfidi li jġib miegħu t-tibdil fil-klima, u l-ħidma tal-NGFS – kif juri l-ewwel rapport – hija essenzjali biex wieħed jifhem kif l-aħjar li dan isir. Fil-fehma tiegħi, il-BĊE għandu jikkontribwixxi b'mod sostantiv għal dan l-isforz u għandu jiddedika riżorsi sinifikanti għal dan il-proċess. Inkluż li jieħu bis-serjetà r-rakkomandazzjonijiet tal-grupp u jieħu azzjoni fuqhom kull fejn ikun possibbli mingħajr ma jdgħajjef il-mandat ta' stabbiltà fil-prezzijiet u objettivi oħra tal-BĊE.

*20. X'inhi l-fehma tiegħek dwar il-passi meħtieġa biex jiġi ffinanzjat il-Patt Ekoloġiku Ewropew? X'inhu r-rwol tas-settur pubbliku?*

Mingħajr dubju, fost it-theddid eżistenzjali ta' żminijietna hemm it-tibdil fil-klima. Din hija sfida li tirrikjedi kooperazzjoni Ewropea u internazzjonali peress li l-ebda pajjiż ma jista' jsolviha waħdu. Se jkunu meħtieġa inizjattivi ta' politika ewlenin biex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima, filwaqt li jiġu appoġġati politiki kemm ta' mitigazzjoni kif ukoll ta' adattament għall-klima.

F'dak is-sens, il-forniment ta' miżuri ta' tnaqqis u ta' mitigazzjoni jimplika – kif ġie rikonoxxut ukoll mill-FMI f'Mejju ta' din is-sena – ħtieġa ta' infiq addizzjonali min-naħa tal-gvern jew l-esklużjoni ta' nfiq pubbliku fuq investiment pubbliku ieħor. Fil-livell Ewropew, ittieħdu l-ewwel passi permezz tal-appoġġ mogħti mill-baġit tal-UE u mill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI). Il-proposta tal-Kummissjoni ta' Mejju 2018 biex ikun hemm żieda ulterjuri fis-sehem tal-baġit tal-UE ddedikat biex jiġu appoġġati l-politiki dwar it-tibdil fil-klima fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss u t-talba tal-Parlament Ewropew li marret saħansitra lil hin minn dan, żgur li se jgħinu biex jiġu mmobilizzati aktar ir-riżorsi finanzjarji meħtieġa biex l-għanijiet klimatiċi tal-UE jiġu implimentati fil-prattika. Personalment nittama li l-"Patt Ekoloġiku għall-Ewropa" li tħabbar mill-President elett tal-Kummissjoni quddiem il-Parlament Ewropew jista' jġib bidla radikali fit-titjib tar-rwol tal-UE fil-finanzjament ta' proġetti sostenibbli u jidderieġi l-investiment pubbliku lejn soluzzjonijiet b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.

Barra li jiġu direzzjonati iktar fondi pubbliċi lejn l-investiment relatat mal-klima, huwa essenzjali wkoll li dawk li jfasslu l-politika jniedu inizjattivi ġodda biex jattiraw aktar investiment privat. Ma hemmx dubju li huwa meħtieġ ammont kbir ta' kapital privat biex tiġi appoġġata t-trasformazzjoni ekonomika meħtieġa biex tiġi indirizzata l-isfida ta' tranżizzjoni lejn ekonomija aktar ekoloġika. B'hekk, il-politiki pubbliċi għandhom jiffukaw ukoll fuq l-inklużjoni tar-riżorsi privati, filwaqt li

tiġi apoġġata l-innovazzjoni teknoloġika f'teknoloġiji tal-enerġija ġodda u effiċjenti u jiġu indirizzati l-isfidi tal-internalizzazzjoni tal-esternalitajiet ambjentali fid-deċiżjonijiet tas-settur privat.

Fid-dawl tal-impatt kbir li t-tibdil fil-klima jista' jkollu fuq is-soċjetajiet tagħna, anki l-banek ċentrali u s-superviżuri prudenzjali jeħtieġ li jqisu t-tibdil fil-klima u jirriflettu fuq ir-reazzjoni xierqa għat-tibdil fil-klima. Fil-fatt, il-BĊE huwa membru attiv tal-NGFS u, flimkien ma' banek ċentrali nazzjonali oħra tal-Eurosistema, jappoġġa wkoll b'mod attiv l-aġenda ta' finanzi sostenibbli tal-Kummissjoni Ewropea. Aġenda bħal din fl-aħħar mill-aħħar tista' ttejjeb l-ipprezzar tar-riskji tat-tibdil fil-klima u tat-tranżizzjoni u tippromwovi l-orjentazzjoni mill-ġdid tal-flussi finanzjarji lejn prodotti ta' investiment sostenibbli. B'ħarsa 'l quddiem, nistenna li l-BĊE se jkompli din il-ħidma, filwaqt li fi ħdan il-mandat tiegħu, jipprovdi l-kontribut tiegħu għall-kisba tal-objettivi stabbiliti fil-Ftehim ta' Pariġi.

Madankollu, għandna nkunu wkoll realistiċi. L-aqwa u l-aħjar reazzjonijiet u inizjattivi ta' politika xierqa jaqgħu primarjament barra mill-ambitu tal-politiki tal-bank ċentrali. Filwaqt li l-BĊE jikkontribwixxi għall-objettivi ta' sostenibbiltà fi ħdan il-mandat tiegħu, huwa f'idejn l-awtoritajiet politiċi li jiddefinixxu u jiddeċiedu dwar il-miżuri regolatorji u fiskali xierqa biex jindirizzaw dawn l-isfidi.

*21. Teskludi li l-programmi ta' xiri ta' assi tal-BĊE jixtru attivitajiet ambjentalment u soċjalment mhux sostenibbli kif definit fil-qafas tat-tassonomija tal-UE?*

Il-BĊE, fil-mandat tiegħu, qed jappoġġa diversi inizjattivi biex jiġi mitigat it-tibdil fil-klima kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak globali. L-assi ekoloġiċi, filwaqt li qed jiżviluppaw malajr, għadhom klassi ta' assi relattivament limitata u t-tassonomija ta' x'jikkostitwixxi assi ekoloġiku għadha fil-bidu tagħha. Il-BĊE qed jappoġġa l-iżvilupp ta' din it-tassonomija u ladarba tiġi miftehma, fil-fehma tiegħi, din se tiffaċilita l-inkorporazzjoni tal-kunsiderazzjonijiet ambjentali fil-portafolli tal-banek ċentrali.

Il-BĊE diġà xtara diversi "bonds ekoloġiċi" taħt il-PSPP u s-CSPP u se jkompli jixtrihom – minħabba l-konformità tagħhom mal-kriterji ta' eliġibbiltà tal-programmi – u b'hekk ikompli jnaqqas il-kost ta' finanzjament għall-kumpaniji bi proġetti ekoloġiċi.

*22. X'inhi l-fehma tiegħek dwar l-implimentazzjoni tal-Assistenza ta' Likwidità f'Emerġenza (ELA)?*

*X'jista' jittejjeb fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-għoti tal-ELA?*

L-Assistenza ta' Likwidità f'Emerġenza (ELA) kellha rwol kritiku fiż-żamma tal-istabbiltà finanzjarja matul il-kriżi finanzjarja billi indirizzat in-nuqqasijiet ta' likwidità ta' istituzzjonijiet solventi individwali.

Attwalment, ir-responsabbiltà għall-għoti tal-ELA tinsab fil-biċċa l-kbira fil-livell nazzjonali mal-banek ċentrali nazzjonali kkonċernati. Jidher li dan l-approċċ s'issa ħadem b'mod affidabbli. Madankollu, fl-isfond tal-progress lejn l-unjoni bankarja, it-tkomplija tal-integrazzjoni finanzjarja u r-rwol tal-BĊE bħala l-awtorità kompetenti li tissorvelja l-banek (sinifikanti) kollha fiż-żona tal-euro, wieħed jista' jipprevedi li – bl-istess mod għall-politika monetarja – id-deċiżjonijiet tal-ELA jistgħu jittieħdu ċentralment, iżda l-għoti tal-likwidità attwali isir permezz tal-banek ċentrali nazzjonali. Dan l-aspett tqajjem ukoll mill-FMI fil-programm tiegħu ta' valutazzjoni tas-settur finanzjarju taż-żona tal-euro. Fl-aħħar mill-aħħar, naturalment, din se tkun kwistjoni li jiddiskuti l-Kunsill Governattiv.

*23. X'inhuma r-riskji għall-istabbiltà monetarja relatati mal-iżvilupp tal-muniti virtwali bħall-Bitcoin? Xi rwol taħseb li għandu jkollu l-BĊE biex jindirizza l-muniti virtwali? X'inhuma l-fehmiet tiegħek dwar il-pjanijiet ta' Facebook għal munita diġitali ġdida "Libra"? X'tqis li jkun qafas regolatorju xieraq għall-muniti virtwali?*

S'issa, il-muniti virtwali eżistenti bħall-bitcoin, magħrufa wkoll bħala assi kripto ("crypto assets"), huma meqjusa li ma kellhom l-ebda implikazzjoni tanġibbli għall-politika monetarja u l-istabbiltà finanzjarja. Din il-valutazzjoni tirrifletti d-daqs żgħir tas-swieq tal-assi kripto relattivi għas-sistema finanzjarja u l-interkonnettività limitata tagħhom mas-settur finanzjarju regolat u l-ekonomija. F'termini relattivi, il-kapitalizzazzjoni totali tas-suq ta' assi kripto globalment bħalissa hija ta' madwar 7 % tal-kapitalizzazzjoni tas-suq tal-hekk imsejħa "FAANG" (Facebook, Apple, Amazon, Netflix u Google), jew 2 % tal-PDG taż-żona tal-euro u 3 %/2 % tal-M1/M3 rispettivament. Dan jista' jinbidel hekk kif is-suq ikompli jevolvi u hekk kif l-assi kripto jevolvu. Il-BĊE u l-banek ċentrali b'mod ġenerali għandhom b'mod ċar jimmonitorjaw mill-qrib u jivvalutaw l-iżviluppi u jikkontribwixxu għall-ħidma internazzjonali li għaddejja dwar ir-reazzjonijiet politiċi.

Il-proġetti ġodda dwar stablecoin, li l-inizjattiva ta' Facebook "Libra" hija eżempju, huma tentattiv tas-settur privat biex jitjiebu s-servizzi finanzjarji eżistenti u jistgħu jġibu magħhom benefiċċji fir-rigward tal-effiċjenza ta' pagamenti transfruntiera u għall-inklużjoni finanzjarja. Proġetti bħal dawn, u b'mod partikolari l-blockchain u t-teknoloġija ta' reġistru distribwit sottostanti tagħhom, jistgħu jgħinu biex iġibu konvenjenza għall-utenti u opportunitajiet minn perspettiva ta' effiċjenza u sikurezza, b'mod partikolari f'pajjiżi fejn bħalissa m'hemmx fis-seħħ ebda servizzi effiċjenti tal-infrastruttura tas-suq. Filwaqt li l-assi kripto bħal stablecoins u t-teknoloġija tal-blockchain li fuqhom huma bbażati jistgħu jgħinu biex jinkisbu opportunitajiet b'mod partikolari fil-qasam tal-pagamenti transfruntiera, wieħed għandu jżomm f'moħħu li l-użu mifrux tagħhom jista' wkoll joħloq riskji għall-politika monetarja, l-istabbiltà finanzjarja u l-funzjonament bla xkiel tas-sistema ta' pagament globali u l-fiduċja tal-pubbliku fis-sistema ta' pagament globali. Qed nistenna b'ħerqa r-rapport finali tal-grupp ta' ħidma tal-Ministri u tal-Gvernaturi tal-G7 dwar stablecoins, li għalih il-FMI, bħala membru, qed jikkontribwixxi wkoll. Huma se jwettqu analiżi tal-benefiċċji u tar-riskji ta' stablecoins f'koordinazzjoni mal-G20, mal-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja u ma' korpi oħra rilevanti ta' ffissar ta' standards.

Fir-rigward tal-qafas regolatorju, jidher ċar li hemm bżonn li jinstab bilanċ bejn li jiġi żgurat li dawn l-attivitajiet ma joħolqux riskji għall-istabbiltà finanzjarja filwaqt li tiġi permessa l-innovazzjoni finanzjarja. It-tagħlimiet minn regolament eżistenti jinkludu li jekk l-attività hija intrinsikament l-istess, u r-riskju huwa l-istess, f'dak il-każ ir-regolament għandu jkun l-istess ukoll. Dan inaqqas ukoll ir-riskju ta' arbitraġġ regolatorju fejn l-innovazzjoni ma twassalx għal tipi ġodda ta' servizzi, iżda hija intiża biss biex sempliċiment tevita r-regolament. Meta jiġu kkunsidrati l-approċċi regolatorji għal inizjattivi kumplessi ta' stablecoin, huwa essenzjali li wieħed iħares lil hinn mill-komponenti individwali u jivvaluta l-arranġament kollu, dak li x'uħud jistgħu jsejħu "l-ekosistema".

*24. Kif tivvaluta l-interazzjonijiet bejn is-sistemi ta' pagament u l-politika monetarja? X'għandu jkun ir-rwol tal-BĊE, bħala l-bank ċentrali tal-ħruġ, fuq l-entitajiet ta' kontroparti ċentrali (CCPs)?*

Sistemi ta' pagament li jiffunzjonaw tajjeb huma essenzjali għall-istabbiltà u l-effiċjenza tas-settur finanzjarju u l-ekonomija inġenerali kif ukoll għall-politika monetarja, li tiddependi b'mod kritiku fuq is-saldu f'ħin reali ta' flussi ta' pagamenti ta' valur kbir. Din hija r-raġuni għaliex il-banek ċentrali madwar id-dinja jissorveljaw is-sistemi ta' pagament biex jiżguraw is-sikurezza u l-

effiċjenza tas-sistemi ta' pagament u għaliex wieħed mill-kompiti bażiċi tal-Eurosistema huwa li tippromwovi l-operat bla xkiel tas-sistemi ta' pagament.

Il-banek ċentrali tal-ħruġ, bħall-BĊE għall-euro, huma ugwalment ikkonċernati mis-sikurezza u l-effiċjenza tal-kontropartijiet ċentrali (CCPs). Il-problemi ta' likwidità mis-CCP jistgħu jaffettwaw il-funzjonament bla xkiel ta' sistemi ta' ħlas ta' valur għoli u swieq ta' riakkwist, b'riskji potenzjalment serji għall-implimentazzjoni tal-politika monetarja. Barra minn hekk, il-banek ċentrali jistgħu jintalbu jipprovdu self ta' emerġenza lis-CCPs u/jew lill-membri tal-ikklerjar tas-CCP, li jistgħu jkunu istituzzjonijiet ta' kreditu u b'hekk kontropartijiet tal-politika monetarja. Dan jista' jkollu impatt ukoll fuq il-kisba tal-għanijiet tal-politika monetarja. Dan it-tħassib intensifika biż-żieda drammatika fl-iskala, fl-importanza sistemika u fin-natura transfruntiera tas-CCPs fis-snin reċenti, u huwa wkoll rilevanti fil-kuntest tat-tluq ippjanat tar-Renju Unit mill-UE.

F'dan l-isfond, l-istituzzjonijiet tal-UE kienu involuti f'riforma tal-qafas regolatorju għas-CCPs (EMIR2), bil-ħsieb li jissaħħaħ il-qafas ta' rikonoxximent għas-CCPs ta' pajjiżi terzi u l-qafas superviżorju għas-CCPs tal-UE. Fil-mandat tiegħu, il-BĊE jinsab lest biex jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-qafas regolatorju rivedut, inkluż permezz tal-konsultazzjonijiet u kooperazzjoni mal-banek ċentrali tal-ħruġ previsti f'dak il-qafas. Fil-fatt, il-ġestjoni tar-riskji maħluqa mis-CCPs għall-kompiti bażiċi tal-BĊE għandha tibqa' prijorità fundamentali, li tista' tinkludi ħarsa mill-ġdid fil-futur lejn il-kwistjoni tal-involviment regolatorju tal-bank ċentrali.

*25. X'inhuma r-riskji relatati mal-Brexit għall-istabbiltà finanzjarja u l-BĊE kif għandu jipprepara għal dawk ir-riskji?*

Filwaqt li proċess magħmul fl-ordni jkun preferibbli kemm għall-UE kif ukoll għar-Renju Unit, Brexit ta' ebda ftehim fl-1 ta' Novembru jibqa' possibbiltà. Ninsab fiduċjuża li l-awtoritajiet tal-UE, inkluż il-BĊE, ippreparaw għal dan ix-xenarju. Fl-aktar Rapport riċenti tiegħu dwar l-Istabbiltà Finanzjarja Globali (Marzu 2019), il-FMI fakkar li l-awtoritajiet ħadu passi importanti biex iserrħu moħħ is-swieq u li r-riskji tnaqqsu.

B'mod aktar speċifiku, fil-qasam tal-ikklerjar ċentrali, ir-riskji ta' Brexit ta' ebda ftehim ġew mitigati permezz ta' deċiżjoni ta' ekwivalenza temporanja mill-awtoritajiet tal-UE għal CCPs tar-Renju Unit. Deċiżjoni ta' ekwivalenza b'limitu ta' żmien mill-awtoritajiet tal-UE ġiet adottata wkoll għad-depożitorji ċentrali tat-titoli tar-Renju Unit. Bl-istess mod, l-awtoritajiet tar-Renju Unit daħħlu fis-seħħ sistema ta' permessi temporanji li tippermetti li d-ditti taż-Żona Ekonomika Ewropea jkomplu joperaw bħal qabel sa tliet snin wara l-ħruġ tar-Renju Unit.

Barra minn hekk, il-Bank of England u l-BĊE attivaw il-ftehim ta' tpartit tal-valuta tagħhom. Dan jippermetti lill-Bank of England joffri likwidità tal-euro lill-banek tar-Renju Unit kull ġimgħa. L-Eurosistema indikat, fuq il-bażi tal-istess ftehim, li hija tkun lesta wkoll li tislef l-isterlina lill-banek taż-żona tal-euro, jekk jinqala' l-bżonn.

Madankollu, filwaqt li l-awtoritajiet għamlu sforzi sinifikanti biex iħejju ruħhom, jistgħu jseħħu riskji estremi f'każ ta' ħruġ ta' ebda ftehim, u dawn jistgħu jinteraġixxu wkoll ma' riskji eżistenti oħra. Li kieku kellu jseħħ xenarju avvers ta' dan it-tip, probabbilment jimmaterjalizza f'daqqa waħda u jista' jwassal għal volatilità sostanzjali tas-suq finanzjarju u żidiet fil-primjums tar-riskju. Dan jista' jkollu impatt fuq il-kundizzjonijiet finanzjarji taż-żona tal-euro. B'mod aktar ġenerali, Brexit ta' ebda ftehim jista' jwassal għal żieda fir-riskji makroekonomiċi li kieku dan kellu jinteraġixxi ma' xokkijiet globali oħra, bħaż-żieda fit-tensjonijiet kummerċjali. L-impatt ta' tali eżitu jista' jkun ikkonċentrat fuq pajjiżi partikolari b'rabtiet sinifikanti mar-Renju Unit, u jista' jiġi

amplifikat minn kwalunkwe nuqqas ta' tħejjija fost l-atturi fis-settur finanzjarju u ċerti setturi ewlenin tal-ekonomija reali. F'dan il-kuntest, għandu jiġi nnotat li l-BĊE enfasizza ripetutament li l-banek għandhom jippjanaw għall-kontinġenzi kollha possibbli, inkluż xenarju ta' ebda ftehim li jwassal għal Brexit iebes mingħajr tranżizzjoni. Il-banek jeħtieġ li jkunu lesti b'mod operattiv u jżommu f'moħħhom li ma hemm l-ebda garanzija ta' perjodu ta' tranżizzjoni.

B'mod ġenerali, ninsab fiduċjuża li l-miżuri li ttieħdu s'issa llimitaw l-impatt li l-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE jista' jkollu fuq l-aċċess għas-servizzi finanzjarji fiż-żona tal-euro. Is-settur privat għamel progress f'ċerti oqsma biex itaffi r-riskji relatati mal-Brexit. Madankollu, iż-żmien addizzjonali qabel l-1 ta' Novembru għandu jintuża kemm mill-kumpaniji finanzjarji kif ukoll minn dawk mhux finanzjarji biex ikomplu jħejju għall-eżiti kollha possibbli. L-awtoritajiet Ewropej, inkluż il-BĊE, għandhom ikomplu jsegwu mill-qrib l-iżviluppi ta' qabel l-1 ta' Novembru, u jieħdu azzjoni jekk ikun meħtieġ.

*26. Kif tara r-rwol tal-BĊE f'kuntest ta' tnaqqis possibbli fir-ritmu tat-tkabbir ekonomiku fit-trimestri li ġejjin?*

L-ekonomija taż-żona tal-euro qed tiltaqa' ma' ostakli globali u dawn qed ikollhom effetti ħżiena fuq il-prospetti ta' tkabbir. Il-momentum tat-tkabbir taż-żona tal-euro naqas u l-bilanċ tar-riskji għall-prospetti ta' tkabbir qed ixaqleb għan-negattiv. L-inflazzjoni għadha baxxa. F'dan l-ambjent, huwa essenzjali li l-politika monetarja tkompli tiġi ggwidata mill-prospetti tal-inflazzjoni.

B'mod speċifiku, il-BĊE kien ċar dwar il-ħtieġa għal pożizzjoni ferm akkomodanti ta' politika monetarja għal perjodu twil ta' żmien, minħabba li r-rati ta' inflazzjoni, kemm dawk imwettqa kif ukoll dawk previsti, baqgħu b'mod persistenti taħt l-għan tagħha. Għaldaqstant, il-Kunsill Governattiv indika li kien lest li jaġġusta l-pożizzjoni ta' politika biex jiġi żgurat li l-inflazzjoni timxi lejn il-mira tagħha b'mod sostnut jekk il-prospett tal-inflazzjoni għall-perjodu ta' żmien medju jibqa' jaqa' taħt l-għan tal-BĊE. Jiena naqbel kompletament ma' din il-pożizzjoni. Il-BĊE għandu sett wiesa' ta' għodda għad-dispożizzjoni tiegħu u għandu jkun lest li jaġixxi, jekk meħtieġ, fl-insegwiment tal-mandat tiegħu ta' stabbiltà tal-prezzijiet.

*27. Taħseb li l-BĊE "spiċċa mingħajr munizzjon" jekk ikun hemm tnaqqis sinifikanti ieħor? Jista' l-BĊE jfassal strumenti ġodda tal-politika monetarja mhux konvenzjonali? Taħseb li nistgħu mmorru lura għal politika monetarja konvenzjonali mingħajr ma jiġu pperikolati l-miri ta' tkabbir u ta' inflazzjoni jew taħseb li hemm bżonn ta' taħlita ta' politika ġdida?*

Il-BĊE għandu sett komprensiv ta' għodda u huwa kapaċi jwieġeb b'mod flessibbli għall-kontinġenzi li jaffettwaw il-prospetti għall-istabbiltà tal-prezzijiet. Il-miżuri ta' politika monetarja mhux standard tal-BĊE pprovdew appoġġ sostanzjali lill-ekonomija taż-żona tal-euro. Dawn il-miżuri s'issa wrew li kienu b'saħħithom, u jistgħu jiġu estiżi u aġġustati skont il-ħtiġijiet.

B'ħarstu lejn il-ġejjieni, il-BĊE huwa kapaċi jikkomplementa l-politika monetarja konvenzjonali ma' miżuri oħra mhux standard biex tinkiseb l-istabbiltà tal-prezzijiet. It-taħlita preċiża ta' strumenti użati se jkollha għalhekk tiddependi fuq in-natura tax-xokkijiet li jaffettwaw il-prospetti għall-inflazzjoni kif ukoll fuq il-kundizzjonijiet tas-suq finanzjarju.

*28. Ir-rallentament fl-ekonomija globali qed jimbotta lejn laxkar tal-politika monetarja.*

*It-Taffija Kwantitattiva tista' tkun għodda utli, iżda ftit hemm spazju fejn wieħed jimmanuvra. Fil-fatt, minħabba l-qafas ta' limitu tal-programm, xi NCBs, eż. il-Bundesbank, ikollhom diffikultà jixtru bonds skont ir-regoli tal-ingaġġ previsti mill-programm. Taħseb li l-abbandun tar-regola ewlenija tal-kapital jista' jgħin f'dan ir-rigward?*

Rigward il-passi futuri tal-politika monetarja, l-indikazzjonijiet għall-ġejjieni tal-BĊE huma ċari li l-politika monetarja se tiddependi mill-prospetti tal-inflazzjoni. F'dan ir-rigward, il-grad ta' akkomodazzjoni se jiġi ddeterminat minn dak li huwa meħtieġ biex jiġi żgurat li l-inflazzjoni tikkonverġi għal livelli li huma aktar baxxi, iżda qrib, it-2 % fuq il-perjodu ta' żmien medju.

Fil-passat il-BĊE wera li ma għandu l-ebda nuqqas ta' għodod disponibbli. Il-programm ta' xiri ta' assi kien għodda effettiva biex itaffi r-riskju ta' perjodu sostnut ta' pressjoni deflazzjonarja, u l-indikazzjonijiet għall-ġejjieni tal-BĊE żguraw b'suċċess lis-swieq dwar l-intenzjonijiet tal-BĊE li jżomm ir-rati tal-imgħax fil-livelli preżenti jew aktar baxxi, kif meħtieġ mill-iżviluppi fil-prospetti tal-inflazzjoni. L-azzjonijiet kollha huma limitati mill-mandat tal-politika monetarja tal-Eurosistema, u dan se jiggwida wkoll l-għażliet biex potenzjalment jerġa' jingħata bidu għal xiri nett ta' assi.

L-azzjonijiet tal-BĊE għandhom ikunu proporzjonati mal-mandat tal-BĊE u jilħqu l-objettivi tiegħu. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) reċentement ikkonfermat il-flessibbiltà tal-istrumenti inkorporati fil-mandat tal-BĊE. Dan jimplika diskrezzjoni wiesgħa fl-adattament tal-għodod biex tiġi żgurata l-konverġenza kontinwa tal-inflazzjoni għal livelli li huma konsistenti mal-istabbiltà tal-prezzijiet.

*29. X'inhi l-fehma tiegħek dwar it-teorija li l-Banek Ċentrali jistgħu jipprovdu provvista bla limitu ta' flus sabiex jiġi ffinanzjat it-tkabbir?*

Taħt iċ-ċirkostanzi attwali, il-BĊE għandu – u fil-fatt hekk jagħmel – jipprovdi livell wiesa' ta' akkomodazzjoni ta' politika monetarja biex jappoġġa l-espansjoni u l-konverġenza tal-inflazzjoni lejn l-għan ta' "inqas minn, iżda qrib, it-2 %". Madankollu, din il-valutazzjoni tiddependi fuq il-kundizzjonijiet ekonomiċi attwali u ma tfissirx li l-BĊE għandu jipprovdi b'mod ġenerali provvista ta' flus bla limitu sabiex jiffinanzja t-tkabbir.

Għall-kuntrarju, dan imur kontra l-kunċett ta' indipendenza tal-bank ċentrali u jkun inkonsistenti mal-mandat tal-BĊE li tinżamm l-istabbiltà tal-prezzijiet.

*30. Kif tara d-differenza bejn il-politika monetarja u fiskali u r-rwol ta' Bank Ċentrali f'dan il-kuntest?*

B'mod ġenerali, il-politika monetarja hija għodda ta' stabbilizzazzjoni li għandha l-għan li tnaqqas il-fluttwazzjonijiet ċikliċi fuq perjodu qasir fil-prospetti ekonomiċi u ta' inflazzjoni. Din hija fil-biċċa l-kbira mmexxija mid-data. Għall-kuntrarju tal-politika fiskali, din ma tistax tħalli impatt fuq il-potenzjal ta' ekonomija fit-tul. B'kuntrast ma' dan, il-politika fiskali, filwaqt li hija wkoll għodda ta' stabbilizzazzjoni utli, tipikament tieħu aktar żmien biex tiġi implimentata u tikkontribwixxi għall-ekonomija reali. Madankollu, speċjalment permezz tal-investiment pubbliku, jista' jkollha impatt trasformattiv fuq l-ekonomija.

L-arkitettura istituzzjonali tal-UEM tirrikonoxxi li l-politiki monetarji u fiskali għandhom għanijiet distinti, u jitwettqu minn persuni differenti li jfasslu l-politika fi ħdan il-mandati rispettivi tagħhom. Filwaqt li l-miżuri tal-politika monetarja tal-BĊE għandhom l-objettiv primarju li jiżguraw l-

istabbiltà tal-prezzijiet, l-objettivi fiskali, inkluż l-iżgurar tas-sostenibbiltà tad-dejn tal-gvern, huma r-responsabbiltà tal-gvernijiet tal-Istati Membri, kif rikonoxxut ukoll fil-qafas fiskali tal-UE.

*31. Kif tevalwa l-qafas ta' governanza ekonomika eżistenti, l-implimentazzjoni u l-infurzar tiegħu? X'tip ta' riformi taħseb li huma meħtieġa għal dan il-qafas? Taħseb li l-qafas attwali jinkoraġġixxi politiki fiskali proċikliċi? Il-qafas attwali jistabbilixxi l-inċentivi t-tajba għall-investiment pubbliku? X'inhu meħtieġ biex tiġi approfondita l-UEM?*

Il-qafas ta' governanza ekonomika u fiskali komuni għandu l-għan li jiżgura li l-politiki fiskali u strutturali nazzjonali jwasslu għal funzjonament bla xkiel tal-UEM. Il-konformità mar-regoli fiskali hija meħtieġa biex jiġu żgurati finanzi pubbliċi sostenibbli fil-livell tal-Istati Membri li huma prerekwiżit għall-funzjonament bla xkiel tal-UEM. Barra minn hekk, l-aderenza mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir għandha tappoġġa l-bini ta' spazju fiskali fi żminijiet ekonomiċi tajbin li mbagħad ikun jista' jintuża biex tiġi pprovduta stabbilizzazzjoni fi żminijiet ħżiena. L-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi u l-aderenza għall-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku huma importanti għal tkabbir ogħla, il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi u r-reżiljenza tal-Istati Membri u taż-żona tal-euro b'mod ġenerali.

Minkejja dan, nemmen ukoll li l-qafas fiskali Ewropew jista' jittejjeb, kemm f'termini tad-disinn tiegħu kif ukoll fl-implimentazzjoni tiegħu. Fl-aħħar mill-aħħar, il-bidliet għandhom ikollhom l-għan li jżidu s-sjieda nazzjonali u fl-istess ħin il-prevedibbiltà tal-qafas matul iż-żmien u bejn il-pajjiżi.

Fil-passat, kien hemm tendenza għal politiki fiskali proċikliċi fiż-Żona tal-Euro kif ukoll fi żminijiet ħżiena. Riforma tar-regoli fiskali għandha għalhekk timmira li ssaħħaħ l-inċentivi biex jinbnew buffers fiskali fi żminijiet tajba sabiex l-ispazju fiskali jkun disponibbli għall-istabbilizzazzjoni makroekonomika matul ir-reċessjoni.  U l-qafas rivedut għandu jkun sempliċi biżżejjed biex ikun trasparenti, kredibbli u infurzabbli. F'dan ir-rigward, enfasi aktar qawwija fuq regoli bbażati fuq in-nefqa marbuta ma' ankra għad-dejn tista' tkun direzzjoni għar-riforma. L-implimentazzjoni ta' finanzi pubbliċi sodi u l-evitar ta' politiki fiskali proċikliċi fi żminijiet tajba jistgħu jipprovdu spazju baġitarju għall-protezzjoni tal-investiment pubbliku fi żminijiet avversi. Ir-rieżami li ġej tat-"two pack" u tas-"six pack" se jkun opportunità biex tiġi vvalutata l-effettività tal-qafas fiskali attwali u jiġu diskussi l-għażliet għar-riforma.

Madankollu, qafas fiskali mtejjeb waħdu mhuwiex biżżejjed biex jiżgura l-funzjonament bla xkiel tal-UEM. Il-kapaċità fiskali ċentrali għall-istabbilizzazzjoni makroekonomika għaż-żona tal-euro hija fattur importanti tal-aġenda ta' riforma tal-UEM. L-istrument għandu jkun kapaċi jipprovdi appoġġ f'waqtu u adegwat f'każ ta' xokkijiet ekonomiċi minn perspettiva tal-bank ċentrali, li huwa partikolarment neċessarju f'reċessjonijiet profondi u ġenerali. Flimkien ma' koordinazzjoni aktar effettiva tal-politiki fiskali nazzjonali, kapaċità fiskali ċentrali bħal din tista' tgħin biex tiggwida l-pożizzjoni tal-politika fiskali aggregata taż-żona tal-euro u tiżgura taħlita ta' politika makroekonomika aktar xierqa.

Fir-rigward tar-riformi strutturali, minkejja xi passi biex jissaħħaħ il-qafas, xorta waħda jista' jiffaċilita aħjar l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' politika importanti fil-livell nazzjonali. Riformi ekonomiċi li jtejbu l-kompetittività u jappoġġaw l-investiment, pereżempju billi jrawmu d-diġitalizzazzjoni u l-intraprenditorija, huma essenzjali biex jiżdied it-tkabbir potenzjali. Fl-appoġġ ta' dawn ir-riformi, l-istrument baġitarju taż-żona tal-euro għall-konverġenza u l-kompetittività jista' jitqies bħala pass fid-direzzjoni t-tajba.

*32. Taħseb li ż-żona tal-euro teħtieġ Assi Sikur Ewropew mhux biss biex jgħin jistabbilizza s-swieq finanzjarji u jippermetti lill-banek inaqqsu l-espożizzjoni tagħhom għad-dejn nazzjonali, iżda wkoll bħala mod biex jiffaċilita t-trażmissjoni korretta tal-politika monetarja? Dan kif jista' jintlaħaq?*

Assi b'riskji baxxi ħafna, spiss imsejħa assi sikuri, huma essenzjali għall-funzjonament tas-sistema finanzjarja u l-effiċjenza tal-intermedjazzjoni tal-banek.

Jekk ikun imfassal tajjeb, assi sikur sovran komuni jkun ta' benefiċċju peress li jista' jikkontribwixxi għall-istabbiltà finanzjarja u għall-integrazzjoni finanzjarja. Assi sikur li mhuwiex sensittiv għar-riskju sovran idjosinkratiku u li japprezza fi żminijiet ta' kriżi jista' jgħin biex jittaffew iċ-ċirkwiti ta' reazzjoni negattivi bejn l-emittenti sovrani u l-banek domestiċi – kif ukoll il-ħarbiet għas-sikurezza – li ġew osservati matul l-aħħar kriżi. Assi sovran u sikur komuni ta' volum suffiċjenti jiffaċilita wkoll allokazzjoni effiċjenti ta' kapital fl-unjoni monetarja u jiffaċilita l-integrazzjoni finanzjarja.

Assi sikur sovran komuni jista' jkompli jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni aktar effiċjenti tal-politika monetarja. Assi bħal dan jevita l-frammentazzjoni u b'hekk jikkontribwixxi għal trażmissjoni bla xkiel tal-politika monetarja unika. Assi sikur sovran komuni indirettament jikkontribwixxi wkoll għat-tisħiħ tar-rwol internazzjonali tal-euro.

Għall-benefiċċji kollha possibbli tiegħu, għandu jkun rikonoxxut li minkejja l-fatt li jkollu implikazzjonijiet għal riskji sovrani u inċentivi fiskali, assi sikur komuni huwa b'mod inerenti suġġett politikament sensittiv. Lanqas ma huwa strettament neċessarju sabiex jittieħdu passi ulterjuri importanti fl-approfondiment tal-UEM.

*33. X'inhi l-fehma tiegħek dwar id-dibattitu li għaddej bħalissa dwar il-livelli għolja persistenti ta' dejn pubbliku u privat fiż-żona tal-euro? Kif tara l-possibbiltà prevista mill-Kummissjoni Ewropea ta' Teżor taż-żona tal-euro li jaċċessa s-swieq finanzjarji f'isem il-membri tagħha biex jiffinanzja parti mill-ħtiġijiet regolari tagħhom ta' rifinanzjament?*

Iż-żona tal-euro rat tnaqqis konsiderevoli tad-dejn pubbliku u privat tagħhom fil-livell aggregat fl-aħħar snin. Dan ġie appoġġat minn kundizzjonijiet ekonomiċi u ta' finanzjament favorevoli, iżda f'xi każijiet ukoll minn politika fiskali prudenti u progress ta' riforma li żiedu t-tkabbir potenzjali. Madankollu, għad hemm differenzi u vulnerabbiltajiet importanti bejn il-pajjiżi.

F'termini ta' ċifri, il-proporzjon tad-dejn pubbliku għall-PDG fiż-żona tal-euro niżel minn livell massimu ta' 94,4 % fl-2014 għal madwar 87 % tal-PDG fl-2018. Filwaqt li dan il-livell huwa relattivament baxx meta mqabbel mal-Istati Uniti jew il-Ġappun, l-istampa aggregata taħbi differenzi sinifikanti bejn pajjiż u ieħor, b'diversi Stati Membri s-sena l-oħra jirreġistraw proporzjonijiet ta' dejn ta' 100 % jew aktar tal-PDG. It-tnaqqis tal-proporzjonijiet tad-dejn minn dawn il-livelli għoljin, f'konformità mal-qafas fiskali Ewropew, għandu jkun prijorità politika mhux biss għaliex id-dejn għoli jaffettwa t-tkabbir fit-tul b'mod negattiv u jpoġġi piż fuq il-ġenerazzjonijiet futuri, iżda wkoll minħabba li jħalli ftit spazju fiskali biex itaffi tnaqqis fir-ritmu ekonomiku.

Fir-rigward tad-dejn privat, id-daqs u n-natura tad-diżingranaġġ kienu eteroġenji fil-pajjiżi varji. Filwaqt li l-proporzjon tad-dejn privat għall-PDG taż-żona tal-euro niżel minn livell massimu ta' 147 % fl-2015 għal madwar 137 % tal-PDG fl-ewwel trimestru tal-2019, xi pajjiżi (bħal-Lussemburgu, Ċipru, jew l-Irlanda) għadhom jirreġistraw livelli għoljin ħafna ta' dejn. F'xi pajjiżi, l-istrutturi ekonomiċi u l-arranġamenti istituzzjonali jidhru li għadhom mhumiex effiċjenti biżżejjed biex jindirizzaw il-bqija tal-piż tad-dejn, li jaffettwa b'mod negattiv it-tkabbir potenzjali u r-reżiljenza ekonomika. Dan jenfasizza l-importanza ta' politiki li jistgħu jiffaċilitaw tnaqqis ordnat

fl-ingranaġġ tas-settur privat, b'mod partikolari billi jiġu indirizzati l-impedimenti li għad fadal fil-qafas legali u l-limiti tal-kapaċità fil-qrati, kif ukoll billi jiġu pprovduti inċentivi għall-banek biex jimxu b'mod deċiżiv mar-ristrutturazzjoni tal-assi ħżiena.

Il-ħolqien ta' teżor taż-żona tal-euro huwa ċertament aspett importanti tal-aġenda ta' riforma fit-tul tal-UEM. Diversi kompiti għal tali teżor ġew ippreżentati fid-dibattitu ta' riforma, inklużi s-sorveljanza fiskali u ekonomika, il-ġestjoni tal-kriżijiet, u r-responsabbiltà għal kapaċità fiskali ċentrali għall-istabbilizzazzjoni makroekonomika, li għadha ma teżistix fiż-żona tal-euro.

Filwaqt li dawn huma kwistjonijiet essenzjalment politiċi, fil-fehma tiegħi, l-arkitettura istituzzjonali taż-żona tal-euro teħtieġ li timxi lejn teħid ta' deċiżjonijiet aktar konġunt u koordinazzjoni aħjar tal-politiki ekonomiċi u fiskali. B'hekk, teżor taż-żona tal-euro, naturalment jikkomplementa aktar milli jissostitwixxi t-tfassil ta' politika nazzjonali.

*34. X'inhuma l-fehmiet tiegħek dwar il-kritika li l-qafas kollaterali tal-BĊE mhuwiex gradwali biżżejjed u jiddependi wisq fuq l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu esterni (CRAs)?*

L-Eurosistema għandha obbligu statutorju li twettaq l-operazzjonijiet tagħha ta' kreditu biss fil-preżenza ta' kollateral adegwat. Abbażi ta' dan, l-Eurosistema stabbiliet qafas ta' ġestjoni tar-riskju komprensiv, li jinkludi l-qafas kollaterali kif ukoll il-qafas tal-valutazzjoni tal-kreditu. Taħt il-qafas tal-kollateral, l-Eurosistema taċċetta firxa wiesgħa ta' assi bħala kollateral li jservu biex itaffu r-riskji finanzjarji li l-Eurosistema hija esposta għalihom. Bħala miżura oħra ta' kontroll tar-riskju, it-telf impost fuq il-krediti jagħmlu distinzjoni bejn għadd ta' dimensjonijiet, inklużi t-tipi ta' assi, il-kwalità tal-kreditu tagħhom, il-maturità, il-kummerċjabbiltà u l-istruttura tal-kupun. Barra minn hekk, hemm supplimentazzjonijiet ta' telf li jindirizzaw riskji aktar speċifiċi. Għalhekk, il-qafas tal-kollateral diġà huwa pjuttost granulari.

Kif nifhimha jien, l-Eurosistema ma tiddependix esklużivament fuq l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu iżda wkoll fuq sistemi interni ta' valutazzjoni tal-kreditu tal-banek ċentrali nazzjonali u fuq sistemi interni ta' klassifikazzjoni ta' kontropartijiet. Reċentement, hija ddeċidiet ukoll li telimina gradwalment l-użu ta' għodod ta' klassifikazzjoni, u b'hekk tnaqqas l-għadd ta' sorsi ta' klassifikazzjoni esterni aċċettati. B'mod aktar ġenerali, il-BĊE esprima ripetutament l-impenn tiegħu għall-prinċipju ssuġġerit mill-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja li l-banek ċentrali għandhom inaqqsu d-dipendenza mekkanistika tagħhom fuq il-klassifikazzjonijiet esterni, bl-użu ta' għodod bħal monitoraġġ annwali tal-prestazzjoni u valutazzjonijiet kontinwi tad-diliġenza dovuta għall-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu aċċettati. L-Eurosistema introduċiet ukoll rekwiżiti ta' divulgazzjoni aktar imtejba għal ċerti klassifikazzjonijiet li jippermettu lill-utenti tal-klassifikazzjoni jiksbu fehim aktar profond u jiffurmaw l-opinjonijiet tagħhom stess ta' klassifikazzjonijiet partikolari.

*35. Kif tivvaluta l-evoluzzjoni reċenti tar-rata tal-kambju USD/EUR? Għandu l-BĊE jinkwieta dwar ir-riskju ta' "gwerra monetarja" potenzjali mal-Istati Uniti? Il-BĊE għandu jikkunsidra jadotta politika ta' komunikazzjoni aktar espliċita dwar il-politika dwar ir-rata tal-kambju tal-euro? X'inhuma l-fehmiet tiegħek dwar il-pożizzjoni espressa reċentement mill-President Trump dwar il-politika monetarja tal-BĊE u l-effett tagħha fuq il-kummerċ bejn l-UE u l-Istati Uniti? Il-konsiderazzjonijiet tal-kummerċ sa fejn għandu jkollhom rwol fit-tmexxija tal-politika monetarja?*

Ir-rata tal-kambju mhijiex mira ta' politika għall-BĊE, u għalhekk ma jkunx f'loku għalija bħala kandidata għall-kariga ta' President tal-BĊE li nikkummenta fuq il-livell tar-rata tal-kambju tal-euro jew fuq żviluppi reċenti relatati.

B'mod ġenerali, minn perspettiva ta' politika monetarja, naturalment huwa importanti li jiġu mmonitorjati l-iżviluppi tar-rata tal-kambju fir-rigward tal-implikazzjonijiet possibbli tagħhom għall-prospetti tal-inflazzjoni. Bl-istess mod, l-iżviluppi kummerċjali globali huma importanti għall-bank ċentrali peress li jiddeterminaw id-domanda barranija għall-prodotti u s-servizzi taż-żona tal-euro, u b'hekk jaffettwaw il-prospetti ekonomiċi taż-żona tal-euro u, fl-aħħar mill-aħħar, il-prospetti tal-inflazzjoni.

Fir-rigward tar-riskji ta' "gwerer bejn il-muniti", naqbel mal-kunsens qawwi fost il-komunità internazzjonali biex noqogħdu lura minn żvalutazzjonijiet kompetittivi u biex ir-rati tal-kambju ma jisfawx fil-mira, għal skopijiet kompetittivi. Dan il-konsensus ġie mtenni mill-Ministri u l-Gvernaturi tal-G7 u tal-G20. Il-miżuri ta' politika monetarja tal-BĊE huma u għandhom jibqgħu mmirati biss lejn l-iżgurar ta' konverġenza kontinwa u fit-tul tal-inflazzjoni għal livelli li huma taħt, iżda qrib, it-2 % fuq perjodu ta' żmien medju.

*36. Kif tivvaluta l-kisbiet tal-G20? X'inhuma l-fehmiet tiegħek dwar il-livell attwali ta' koordinazzjoni bejn il-banek ċentrali prinċipali?*

Il-G20 kien ta' importanza kruċjali wara l-kriżi finanzjarja globali biex jiġu stabbilizzati s-swieq finanzjarji globali, u biex jiġu pprovduti risponsi ta' politika fiskali u monetarja kkoordinati. F'dak is-sens, il-G20 kien ta' suċċess biex tiġi evitata depressjoni ekonomika globali. Kont ħadt sehem f'bosta diskussjonijiet fil-G20 bħala l-Ministru Franċiż għall-Finanzi. Meta Franza ħadet f'idejha l-presidenza tagħha tal-G20 għas-sena 2011, jien kont il-President tal-laqgħa tal-Ministri tal-Finanzi u tal-Gvernaturi tal-Banek Ċentrali tal-G20 u jien tajt bidu għal aġenda wiesgħa ta' xogħol dwar ir-riforma tas-sistema monetarja internazzjonali. Barra minn hekk, il-format tal-mexxejja tal-G20, li fih kelli l-privileġġ li nipparteċipa fil-kapaċità preċedenti tiegħi bħala Direttur Maniġerjali tal-FMI, wera li huwa effettiv fil-koordinazzjoni ta' reazzjonijiet globali fi żminijiet ta' inċertezza ekonomika u ġeopolitika.

Minkejja dan, l-isfidi tal-lum għadhom jeħtieġu G20 b'saħħtu u ffokat: Għadna ma kkompletajniex l-aġenda tagħna ta' riforma tas-settur finanzjarju, iċ-ċiklu ekonomiku globali qed jimmatura u ħafna banek ċentrali japplikaw rata ta' żero filwaqt li l-finanzi pubbliċi f'ħafna pajjiżi huma agħar minn 10 snin ilu. Barra minn hekk, iqumu sfidi ġodda bħalma huma l-assi kripto/FinTech u l-implikazzjonijiet mid-diġitalizzazzjoni, biex insemmu tnejn biss. Jibqa' importanti li nsibu soluzzjonijiet globali għal dawn l-isfidi u l-G20 bħalissa huwa l-aħjar format internazzjonali għad-diskussjoni tal-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni ekonomika fi żminijiet ta' kriżi u mhux ta' kriżi.

Il-banek ċentrali jinteraġixxu fil-G20 u jipparteċipaw f'għadd ta' gruppi ta' ħidma tal-G20, u jikkooperaw ukoll fil-G7. Barra minn hekk, hemm fora oħra fil-kuntest tal-BIS, li huma ugwalment importanti u li għandhom sħubija li testendi lil hinn mill-pajjiżi tal-G7 u tal-G20. Peress li l-biċċa l-kbira tal-banek ċentrali huma indipendenti u jsegwu l-mandati rispettivi tagħhom, il-koordinazzjoni bejniethom hija avveniment pjuttost rari, iżda l-livell kontinwu ta' interazzjoni huwa prerekwiżit għal azzjoni koordinata jekk ikun meqjus utli f'ċirkostanzi speċifiċi.

*37. Il-BĊE għandu jieħu passi konkreti biex jagħti spinta lill-euro bħala munita internazzjonali? Jekk iva, liema? Kemm taħseb li hija realistika li l-JPY jew iċ-CNY se jikkontestaw l-euro bħala t-tieni l-aktar munita internazzjonali importanti? Xi jkunu l-implikazzjonijiet jekk dan iseħħ?*

Il-litteratura tissuġġerixxi li filwaqt li r-relevanza internazzjonali tal-muniti hija primarjament determinata minn żviluppi storiċi u minn fatturi oħra dipendenti ħafna, diversi fatturi oħra, bħad-daqs u l-istabbiltà tal-ekonomija domestika, ir-rwol tagħha fil-kummerċ u l-finanzjament

internazzjonali, kif ukoll il-kunsiderazzjonijiet ġeopolitiċi għandhom ukoll rwol. Għalhekk huwa importanti li ssir ħidma fuq dawn il-fatturi biex jiġi żgurat li l-euro jkompli jtejjeb il-pożizzjoni internazzjonali tiegħu.

F'dan ir-rigward, iż-żona tal-euro għandha numru ta' assi li fuqhom huwa possibbli li wieħed jibni. Kif dokumentat fl-aħħar rapport tal-BĊE, matul is-sena li għaddiet is-sehem tal-euro fir-riżervi globali tal-kambju żdied b'1,2 punti ta' persentaġġ sabiex laħaq 20,7 %. Ġiet irreġistrata żieda pożittiva wkoll meta wieħed iħares lejn is-sehem fil-ħruġ tad-dejn internazzjonali u d-depożiti internazzjonali, kif ukoll fis-sehem tal-ammonti pendenti ta' self internazzjonali.

Nilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tnediet is-sena li għaddiet biex jissaħħaħ ir-rwol internazzjonali tal-euro. Naħseb li l-BĊE għandu rwol x'jaqdi f'dak li għandu x'jaqsam ma' appoġġ għall-istabbiltà ekonomika u finanzjarja permezz tal-eżerċizzju tal-mandat tiegħu ta' stabbiltà tal-prezzijiet. Dan imbagħad jibbenefika l-użu tal-euro bħala ħażna ta' valur lil hinn mill-fruntieri proprji taż-żona tal-euro. B'mod aktar ġenerali, politiki ekonomiċi sodi huma importanti biex jagħmlu l-muniti aktar attraenti globalment.

B'mod kruċjali, ir-rwol internazzjonali tal-euro jista' jiġi appoġġat aktar minn UEM aktar profonda u aktar kompleta. It-tlestija tal-unjoni bankarja u l-avvanz tas-CMU jistgħu jgħinu biex jissaħħu s-swieq finanzjarji taż-żona tal-euro u b'hekk jagħmlu l-euro aktar attraenti għall-investituri internazzjonali. F'dan ir-rigward, l-inizjattivi tal-BĊE dwar l-infrastruttura tas-suq u l-pagamenti, li jgħinu biex tiżdied l-effiċjenza u jrawmu integrazzjoni akbar tas-suq finanzjarju fiż-żona tal-euro, jistgħu jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-attraenza internazzjonali tal-euro.

*38. X'tara bħala l-isfidi u l-opportunitajiet ewlenin għall-komunikazzjoni tal-bank ċentrali fil-perjodu li ġej? Taħseb li l-BĊE għandu jagħmel aktar biex jindirizza argumenti kontra l-euro?*

Il-Komunikazzjoni saret għodda ewlenija tal-politika tal-bank ċentrali: hija essenzjali għall-effettività tal-politika monetarja fl-orjentazzjoni tal-aspettattivi; tgħin ukoll biex tinbena l-kredibbiltà u tiġi żgurata l-akkontabilità. U hija strumentali għas-sostenn tal-fiduċja pubblika fil-bank ċentrali u l-appoġġ għall-indipendenza u l-leġittimità tagħhom.

Huwa inkoraġġanti li jiġi osservat li l-bank ċentrali madwar id-dinja – inkluż il-BĊE – għamlu progress kbir biex isiru aktar miftuħa u trasparenti u jikkomunikaw ukoll lil hinn mill-udjenzi esperti tradizzjonali tagħhom. Dan huwa preċiżament fejn nara l-fruntiera l-ġdida fil-komunikazzjonijiet tal-bank ċentrali: il-pubbliku ġenerali. Il-bank ċentrali għandhom jinftiehmu min-nies li fl-aħħar mill-aħħar iservu. Dan huwa essenzjali biex terġa' tinbena l-fiduċja.

Nemmen li l-BĊE jista' jkompli jtejjeb il-komunikazzjonijiet tiegħu, sabiex jinftiehem aħjar u biex jispjega għaliex l-azzjonijiet tiegħu huma importanti għan-nies u għal ħajjithom. Barra minn hekk, ikun utli li jsiru sforzi akbar biex jintlaħqu l-gruppi fis-soċjetà li tradizzjonalment ma kinux fiċ-ċentru tal-komunikazzjoni tal-BĊE, bħal pereżempju ż-żgħażagħ jew l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u li dawn jinstemgħu aħjar. Hemm potenzjal kbir biex il-BĊE jkun marbut mat-temi li huma ta' tħassib partikolari għan-nies, bħall-inugwaljanza, il-valuti diġitali jew it-tibdil fil-klima – u biex jiġu pprovduti tweġibiet aktar ċari dwar kif dawn jaffettwaw lill-BĊE u kif il-BĊE jista' jikkontribwixxi – fil-limiti tal-mandat tiegħu – f'dawn l-oqsma.

Bl-istess mod, il-BĊE jista' jassumi rwol aktar proattiv biex juri kif l-euro, il-munita li jikkondividu 340 miljun ċittadin, u l-azzjonijiet tal-BĊE stess, għamlu differenza fil-benesseri tal-Ewropej u għall-prosperità, għas-sikurezza u għall-koeżjoni fi ħdan l-UE. Il-livelli għoljin mingħajr preċedent ta' appoġġ pubbliku għall-euro – 76 % tal-Ewropej fl-aħħar stħarriġ – huma ta' serħan il-moħħ; madankollu, l-uniċi livelli ta' fiduċja fil-BĊE li qed jirkupraw bil-mod juru li l-isforzi ta'

komunikazzjoni sostnuti u mtejba huma ġġustifikati b'mod ċar.

*39. Fil-fehma personali tiegħek, il-BĊE għandu jixtri aktar bonds tal-BEI biex jgħin jiffinanzja l-investimenti Ewropej f'konformità mal-objettivi primarji u sekondarji tal-BĊE?*

Bonds sovranazzjonali tal-UE, inklużi iżda mhux limitati għall-bonds tal-BEI, huma importanti biex jgħinu fil-finanzjament ta' investimenti Ewropej. Bħala parti mill-programm ta' xiri ta' assi, l-Eurosistema xtrat ammonti kbar ta' bonds sovranazzjonali tal-UE, b'parteċipazzjonijiet kurrenti ta' madwar EUR 230 biljun.

Madankollu, l-ammont pendenti ta' bonds sovranazzjonali tal-UE huwa żgħir wisq biex jagħmel lil dawn il-bonds il-mira primarja għax-xiri tal-Eurosistema, u għalhekk dawn jistgħu jagħmlu parti biss mix-xiri globali meħtieġ biex jintlaħaq l-objettiv tal-politika monetarja tal-programm.

Bħal titoli oħra tas-settur pubbliku, il-bonds maħruġa mill-BEI huma soġġetti għal restrizzjonijiet ta' xiri. B'mod partikolari, l-Artikolu 123 tat-Trattat jipprojbixxi lill-Eurosistema milli tixtri l-bonds tal-BEI fis-suq primarju; huma soġġetti għall-kriterji ta' eliġibbiltà applikabbli; u l-parteċipazzjonijiet konsolidati jridu jikkonformaw mal-limiti tal-ħruġ u tal-emittent, li fl-2016 żdiedu għall-bonds supranazzjonali tal-UE minn 33 % għal 50 %.

*40. Taħseb li l-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro għandhom jissodisfaw kundizzjonijiet addizzjonali qabel isiru membri taż-żona tal-euro u b'hekk membri tal-Unjoni Bankarja, bħall-kontroll effettiv tar-riskji tal-ħasil tal-flus, juru li għandhom swieq tal-proprjetà komparabbilment stabbli, u li jikkontrollaw il-korruzzjoni b'mod effettiv?*

Governanza tajba u istituzzjonijiet effettivi mhumiex biss vitali għall-produttività u l-investiment, iżda wkoll biex jiżguraw tkabbir sostenibbli. F'dan ir-rigward, inqis importanti li fil-valutazzjonijiet regolari tagħhom tal-progress magħmul minn kull Stat Membru li mhuwiex fiż-żona tal-euro fit-twettiq tal-obbligi tiegħu lejn l-UEM skont il-kriterji ta' Maastricht, il-BĊE u l-Kummissjoni jagħtu attenzjoni partikolari lill-kwalità u l-governanza istituzzjonali u s-sorveljanza tal-iżbilanċi makroekonomiċi.

Wara l-istabbiliment tal-unjoni bankarja, kwalunkwe pajjiż li jadotta l-euro fl-istess ħin se jidħol ukoll fl-unjoni bankarja. Għal din ir-raġuni, l-Istati Membri li huma lesti li jissieħbu fiż-żona tal-euro għandhom naturalment ikunu lesti wkoll li jipparteċipaw fil-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU) u l-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRM). F'dan ir-rigward, insib l-approċċ introdott għall-Bulgarija fl-2018 u kkonfermat għall-Kroazja fl-2019 prammatiku u sensibbli ħafna, jiġifieri li l-pajjiżi jidħlu f'kooperazzjoni superviżorja mill-qrib mal-BĊE taħt ir-Regolament MSU fl-istess ħin li jingħaqdu mal-ERM II. Dan jinvolvi wkoll valutazzjoni komprensiva tas-setturi bankarji taż-żewġ pajjiżi, simili għal dik imwettqa mill-BĊE għall-Istati Membri taż-żona tal-euro. Nilqa' wkoll il-fatt li huwa previst li jiġi segwit approċċ simili għall-Istati Membri li jixtiequ jingħaqdu mal-ERM II fil-futur, f'konformità mal-prinċipju ta' trattament ugwali, kif deskritt fid-dikjarazzjonijiet tal-Grupp tal-Euro għall-mixja tal-Bulgarija u tal-Kroazja lejn il-parteċipazzjoni fl-ERM II.

Nilqa' wkoll il-fatt li l-awtoritajiet Bulgari u Kroati impenjaw ruħhom li jilħqu għadd ta' miżuri speċifiċi għall-pajjiż qabel ma jidħlu fl-ERM II. Tali impenji ma jirrelatawx biss mas-superviżjoni bankarja, iżda wkoll ma' politiki makroprudenzjali u strutturali, bħal dwar l-oqfsa tal-AML. Kif previst mill-partijiet tal-ERM II, dan għandu jiżgura wkoll li l-politiki nazzjonali tal-pajjiżi li qed jissieħbu jippermettu parteċipazzjoni bla xkiel fl-ERM II qabel l-adozzjoni tal-euro.

*41. Kif tivvaluta l-importanza relattiva tal-effetti kollaterali tal-politika monetarja, b'mod partikolari mill-Istati Uniti, għat-tmexxija tal-politika monetarja fiż-żona tal-euro?*

L-effetti kollaterali huma korollarju tal-globalizzazzjoni u l-politika monetarja tal-Istati Uniti tidher tabilħaqq li taffettwa b'mod partikolari s-swieq finanzjarji fiż-żona tal-euro, u għalhekk potenzjalment ukoll l-elementi fundamentali tal-mandat tal-BĊE. Il-BĊE għandu jimmonitorja mill-qrib l-iżviluppi tal-politika monetarja globali sal-punt li dawn jistgħu jaffettwaw il-prospetti għat-tkabbir u l-mandat tiegħu ta' stabbiltà tal-prezzijiet. Madankollu, anke f'ekonomija globali interkonnessa ħafna, il-BĊE jista' jipproteġi kundizzjonijiet domestiċi ta' finanzjament minn tali effetti kollaterali sa ċertu punt permezz ta' miżuri ta' politika, bħal indikazzjonijiet għall-ġejjieni dwar ir-rati. Għalhekk, il-politika monetarja tagħha tibqa' effettiva fit-twettiq tal-mandat tagħha ta' stabbiltà tal-prezzijiet domestiċi, anke fil-preżenza ta' effetti kollaterali.

*42. Liema rwol tara għal tranżazzjonijiet ibbażati fuq flus kontanti meta mqabbla ma' tranżazzjonijiet diġitali fil-ġejjieni?*

Il-flus kontanti huma l-aktar metodu ta' ħlas użat fil-punti tal-bejgħ fiż-żona tal-euro kemm fl-għadd ta' tranżazzjonijiet kif ukoll fil-valur. Wieħed jista' jistenna li fil-futur prevedibbli, dan il-mezz jibqa' mezz importanti ta' ħlas fil-punti tal-bejgħ fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi taż-żona tal-euro. Madankollu, iż-żieda rapida fl-użu ta' kards mingħajr kuntatt u pagamenti mobbli, iż-żieda fix-xiri online u l-iżvilupp ta' pagamenti istantanji (li fuq il-bażi tagħhom jistgħu jirriżultaw soluzzjonijiet ta' pagamenti ġodda għall-konsumatur) jistgħu jkunu mistennija li jkollhom impatt notevoli fuq l-użu ta' flus kontanti għal finijiet ta' tranżazzjoni. Għalkemm huwa diffiċli li wieħed ibassar il-veloċità ta' tnaqqis sussegwenti fl-użu ta' flus kontanti għall-finijiet ta' tranżazzjoni, jidher ovvju li dan se jseħħ.

Madankollu, l-użu ta' flus kontanti għal finijiet ta' tranżazzjoni huwa biss sors wieħed tad-domanda għall-karti tal-flus. Madwar 75 % tal-karti tal-flus tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni jintużaw bħala ħażna ta' valur fiż-żona tal-euro jew miżmuma barra mill-pajjiż. Id-domanda għal karti tal-flus ġiet affettwata wkoll minn diversi fatturi addizzjonali, bħall-kriżijiet tad-dejn finanzjarju u sovran, l-inċertezzi ġeopolitiċi, l-iżviluppi fir-rati tal-kambju u d-deċiżjonijiet ta' politika. F'dawn l-aħħar snin, iċ-ċirkolazzjoni tal-karti tal-flus tal-euro kompliet turi tkabbir medju qawwi 'l fuq mit-tkabbir tal-PDG.

*43. Il-Parlament Ewropew reċentement talab lill-BĊE biex ifassal skeda ta' żmien għat-tneħħija gradwali mill-użu tal-karti tal-flus tal-EUR 500. Kif tara l-limitazzjoni ta' ċerti noti ta' denominazzjonijiet għolja? Hemm bżonn ta' aktar azzjoni?*

Fir-rebbiegħa ta' din is-sena, il-banek ċentrali nazzjonali kollha taż-żona tal-euro waqqfu l-ħruġ ta' karti tal-flus tal-EUR 500. Fid-dawl tar-rwol internazzjonali tal-euro u l-fiduċja mifruxa fil-karti tal-flus tagħha li fil-biċċa l-kbira jintużaw bħala ħażna ta' valur u barra mill-pajjiż, il-BĊE għamilha ċara li l-karti tal-EUR 500 se jibqgħu valuta legali, bħal kull denominazzjoni oħra tal-ewwel serje ta' karti tal-flus tal-euro. Fuq dik il-bażi, jista' jkun hemm tnaqqis gradwali u organizzat tal-karti tal-flus tal-EUR 500 miċ-ċirkolazzjoni. Dan huwa f'konformità mal-prattiki li ilhom jeżistu ta' banek ċentrali oħra, b'mod partikolari l-Federal Reserve, li jippermetti wkoll li l-karti tal-flus tad-Dollaru Amerikan iżommu l-istatus ta' valuta legali tagħhom. L-irtirar tal-istatus tal-valuta legali tal-karti tal-flus tal-EUR 500 jista' jkollu impatt negattiv fuq il-fiduċja fl-euro u fil-karti tal-flus tiegħu u għalhekk għandu jiġi evitat.

*C. __Stabbiltà u superviżjoni finanzjarja__*

*44. Kif nistgħu nindirizzaw il-livelli għoljin tal-istokk ta' self improduttiv kif ukoll ir-riskji fil-fluss tas-self improduttiv? Kif tivvaluta l-problema tas-self improduttiv fil-karti bilanċjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu medji u żgħar? Liema miżuri għandhom jieħdu l-BĊE/il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU) biex jiżguraw li l-banek kollha taż-żona tal-euro, u mhux biss l-ikbar, jipprevedu għal self ħażin?*

Billi jiżnu fuq il-profittabbiltà tal-banek u jipprevjenu l-użu ta' kapital għal self frisk u aktar produttiv, is-self improduttiv (NPLs) ikollu impatt negattiv fuq is-self mill-banek, iżomm lura l-attività ekonomika u, f'livelli għolja, jista' saħansitra jipperikola l-istabbiltà finanzjarja. Sabiex jiġu indirizzati l-livelli għoljin ta' NPLs u biex tiġi evitata l-akkumulazzjoni tagħhom fil-futur, ittieħdu ħafna inizjattivi minn diversi istituzzjonijiet Ewropej fi ħdan il-qafas imfassal mil-leġiżlatur tal-Unjoni.

Bħala s-superviżur bankarju taż-żona tal-euro, l-MSU sa mill-bidu tiegħu fl-2014 ħa approċċ rigoruż biex jindirizza l-NPLs, u beda b'reviżjoni estensiva tal-kwalità tal-assi li tivvaluta, fost affarijiet oħra, il-livell ta' proviżjonament tal-akbar banek taż-żona tal-euro kontra skoperturi improduttivi (NPEs). Minn dak iż-żmien mexa' 'l quddiem, bi gwida għall-banek, li ddeskriviet miżuri, proċessi u l-aħjar prattiki għall-banek meta jiġu indirizzati l-NPLs, u fformulat aspettattivi lejn il-banek b'livelli għoljin ta' NPLs biex jiżviluppaw l-istrateġiji tagħhom stess biex jindirizzaw l-istokkijiet tal-NPLs kif ukoll miżuri aktar konkreti fil-forma ta' aspettattivi superviżorji għall-proviżjonament prudenzjali għal NPLs ġodda u, sussegwentement, għall-proviżjonament tal-istokk tal-NPE.

Dawn l-isforzi taw il-frott. Skont data reċenti tal-BĊE, il-proporzjon ta' NPL gross għall-banek taħt superviżjoni diretta tal-BĊE laħaq 3,67 % fl-ewwel kwart tal-2019, minn 7,96 % fir-raba' trimestru tal-2014. F'numri assoluti, l-NPLs grossi naqsu għal EUR 587 biljun fl-ewwel kwart tal-2019, minn EUR 958 biljun fl-aħħar tliet xhur tal-2014.

Barra minn hekk, reċentement, il-leġiżlazzjoni Ewropea ġiet emendata biex tinkludi regoli dwar il-kopertura minima għat-telf għall-NPLs. Tali regoli jirrikjedu li l-banek kollha, jiġifieri kemm istituzzjonijiet sinifikanti kif ukoll dawk inqas sinifikanti, ikollhom kopertura suffiċjenti għat-telf ta' self għall-NPEs li jirriżultaw minn self ġdid li jkun għadu kif joriġina.

Bl-adozzjoni tar-regolament il-ġdid, nifhem u nilqa' l-fatt li l-BĊE qed jagħmel xi aġġustamenti għall-aspettattivi superviżorji tiegħu dwar il-kopertura tal-NPL sabiex tissaħħaħ il-konsistenza u s-sempliċità tal-approċċ ġenerali.

Barra minn hekk, il-Linji Gwida tal-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) dwar il-ġestjoni ta' skoperturi improduttivi u mrażżna, li qed nifhem il-BĊE kkontribwixxa għat-tfassil tagħhom, huma indirizzati lill-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha (inklużi dawk medji u żgħar) u għandhom l-għan li jiżguraw li jkollhom għodod u oqfsa prudenzjali adegwati fis-seħħ għall-ġestjoni b'mod effettiv tal-NPEs tagħhom u li jiksbu tnaqqis sostenibbli fuq il-karti tal-bilanċ tagħhom. Il-Linji Gwida jikkunsidraw aspetti ta' proporzjonalità fl-implimentazzjoni tagħhom, u jipprovdu eżempji konkreti.

*45. Kif tivvaluta l-livell għoli ta' assi ta' livell 2 u ta' livell 3 f'ħafna karti bilanċjali tal-banek?*

*Dawn l-assi qed jitqiesu kif xieraq mill-qafas superviżorju attwali?*

L-oqfsa regolatorji u ta' kontabilità jqisu r-riskju ta' valutazzjoni f'għadd ta' modi. Il-banek huma meħtieġa taħt l-istandards tal-kontabilità li jirriżervaw kontra gwadanji ta' valwazzjoni mmudellati f'ċerti sitwazzjonijiet fejn dak il-qligħ ma jkunx ippruvat minn data tas-suq osservabbli. Skont il-qafas regolatorju, huma meħtieġa aktar aġġustamenti fil-valutazzjoni sabiex jiġu ddeterminati valuri prudenti li jiksbu grad xieraq ta' ċertezza.

U tabilħaqq il-prattiki ta' valutazzjoni tal-banek kienu l-punt fokali tas-Superviżjoni Bankarja tal-BĊE sa mill-bidu tiegħu. Barra minn hekk, nifhem li r-riskju ta' negozjar u l-valutazzjonijiet tal-assi ġew identifikati bħala prijorità superviżorja fl-2019. Dan jinkludi wkoll għadd ta' missjonijiet fuq il-post li jiffukaw fuq l-aspetti tal-kummerċ u r-riskju tas-suq.

*46. X'inhuma l-fehmiet tiegħek dwar ir-regolamentazzjoni tal-entitajiet bankarji paralleli? Tara lakuni regolatorji u superviżorji li għandhom jiġu indirizzati mil-leġiżlaturi fuq medda qasira ta' żmien? L-MSU għandu jkollu mandat biex jissorvelja sistema bankarja parallela? X'għandu jkun ir-rwol tal-MSU fir-rigward tal-FinTech?*

L-aġenda ta' riforma ta' wara l-kriżi għenet biex tnaqqas ir-riskji fis-sistema finanzjarja minn kull angolu, inkluż minn entitajiet mhux bankarji. Issaħħu r-rekwiżiti regolatorji, ir-rappurtar tad-data u s-superviżjoni fil-livell tal-UE u f'dak globali. Pereżempju, ir-riformi għamlu l-fondi tas-suq monetarju u attivitajiet ta' titolizzazzjoni aktar sikuri u ħolqu aktar trasparenza fis-swieq tad-derivattivi u tal-finanzjament tat-titoli.

Madankollu, jeħtieġ li nibqgħu attenti. Jeħtieġ li nżidu l-isforzi biex nifhmu aħjar u nimmonitorjaw ir-riskji mill-industrija tal-ġestjoni tal-assi li qed tikber b'rata mgħaġġla, kif ġie indikat ukoll fir-Rieżami tal-FMI tal-Istabbiltà Finanzjarja Globali. Fl-UE, dawn l-attivitajiet huma rregolati u ssorveljati, iżda xorta jistgħu jamplifikaw xokkijiet minħabba proċikliċità, diskrepanzi fil-likwidità, ingranaġġ jew interkonnettività. Dawn ir-riskji jeħtieġ li jiġu mmonitorjati mill-qrib u għandna nivvalutaw mill-ġdid jekk il-qafas regolatorju attwali huwiex qed jindirizza b'mod suffiċjenti dan it-tħassib minn perspettiva makroprudenzjali u sistemika. B'mod aktar ġenerali, m'għandniex għodda makro prudenzjali għal finanzi mhux bankarji. Din hija lakuna li jeħtieġ li tiġi indirizzata.

Fir-rigward tal-mandati superviżorji, nemmen li l-ewwel nett jeħtieġ li jintlaħaq ftehim li jeħtieġ qafas superviżorju sod għas-settur finanzjarju mhux bankarju fil-livell Ewropew. Superviżjoni aktar integrata fil-livell Ewropew tgħin biex jiġu evitati effetti kollaterali transfruntiera possibbli, u tappoġġa kemm kundizzjonijiet ekwi kif ukoll il-proġett tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali. Ladarba jkun hemm qbil dwar dan l-ewwel pass, l-Istati Membri jistgħu jaqblu dwar min għandu jissorvelja.

B'mod ġenerali, naħseb li għandna nkunu konsistenti – jekk xi ħaġa għandha xeħta ta' bank u toħloq riskji bħal bank, għandha tkun sorveljata bħal bank. Dan jgħodd għal ditti tal-investiment kif ukoll għall-kumpaniji tat-teknoloġija finanzjarja – l-istess regoli għall-istess riskji.

Il-FinTech tista' ġġib ħafna benefiċċji lis-settur finanzjarju, inklużi kosteffiċjenzi, prodotti u servizzi aħjar u, fl-aħħar mill-aħħar, titjib fl-esperjenza tal-konsumatur. Fost dawn l-innovazzjonijiet, is-Superviżjoni Bankarja tal-BĊE jeħtieġ li tlaħħaq u għandha tiżgura li anke l-banek innifishom jifhmu u jimmitigaw ir-riskji li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' teknoloġiji u soluzzjonijiet ġodda.

Nilqa' wkoll il-fatt li l-BĊE huwa involut f'fora internazzjonali biex jiżgura li jkun hemm fehim u approċċ komuni għal kwistjonijiet relatati mal-FinTech.

*47. X'inhuma l-fehmiet tiegħek dwar il-passi lejn it-tlestija tal-Unjoni Bankarja bi Skema Ewropea ta' Garanzija tad-Depożiti u garanzija ta' kontinġenza fiskali, inkluża l-implimentazzjoni meħtieġa tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni Bankarja?*

L-istabbiliment tal-unjoni bankarja kien pass importanti għall-integrazzjoni Ewropea. Hija għamlet is-sistema bankarja aktar sikura u aktar reżiljenti u l-UEM aktar reżiljenti b'mod ġenerali. Iżda l-unjoni bankarja għadha mhix kompluta u għalhekk hija vulnerabbli għal xokkijiet.

L-ewwel nett, l-introduzzjoni ta' garanzija ta' kontinġenza komuni għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRF) hija essenzjali biex tirfed il-funzjonament tajjeb u l-kredibbiltà tat-tieni pilastru tal-unjoni bankarja. Billi tipprovdi qawwa addizzjonali biex tittratta l-kriżijiet bankarji permezz tal-għoti ta' appoġġ, kemm ta' kapital kif ukoll ta' likwidità, il-garanzija ta' kontinġenza komuni se tkun strumentali biex jiġi żgurat li l-banek jistgħu jiġu riżolti mingħajr effetti kollaterali sistemiċi u mingħajr piż għall-kontribwenti – għan ewlieni tar-riformi ta' wara l-kriżi. Filwaqt li nilqa' l-progress li sar fil-laqgħa tas-Summit taż-Żona tal-Euro ta' Ġunju, huwa ta' importanza kruċjali li dalwaqt jintlaħaq ftehim dwar l-operazzjonalizzazzjoni tal-garanzija ta' kontinġenza. Minbarra l-garanzija ta' kontinġenza komuni, għandhom jiġu adottati wkoll arranġamenti adegwati għall-provvediment ta' likwidità f'riżoluzzjoni.

It-tieni, Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti hija l-pilastru nieqes fl-arkitettura tal-unjoni bankarja. Dan jgħin biex jallinja l-fiduċja tad-depożitanti fl-unjoni monetarja, li jżid l-istabbiltà finanzjarja u jiffaċilita l-integrazzjoni finanzjarja. Barra minn hekk, żona ta' munita unika tibni fuq l-idea li l-flus – u d-depożiti huma l-aktar sors importanti ta' flus għaċ-ċittadini ordinarji – jibbenefikaw minn livell għoli komuni ta' fiduċja u kunfidenza, irrispettivament minn fejn dawn il-flus jinżammu fiż-żona tal-munita unika.

*48. Liema riskji relatati mas-self ingranat qed tara għall-istabbiltà finanzjarja u kif għandhom jiġu indirizzati?*

Is-self ingranat – definit b'mod wiesa' bħala l-estensjoni ta' self/kreditu għal mutwatarji b'dejn għoli – ġibed ħafna attenzjoni minn awtoritajiet tal-Istati Uniti, tal-UE u internazzjonali.

Is-swieq tas-selfiet ingranati żdiedu b'mod sostanzjali ħafna matul l-aħħar għaxar snin. Dan seħħ b'mod parallel ma' deterjorament tal-kwalità kreditizja sottostanti minħabba l-ingranaġġ li qed jiżdied ta' mutwatarji korporattivi u t-tnaqqis bla preċedent fl-istandards tas-self. Pereżempju, abbażi tad-data pubblika tal-BĊE, madwar EUR 300 biljun f'selfiet ingranati kienu nħarġu fl-UE fl-2017. U sar-raba' trimestru tal-2018, 18-il bank biss kienu żiedu l-esponiment totali tagħhom għas-settur tas-selfiet ingranati sa EUR 321 biljun.

B'mod ġenerali, il-bidla strutturali fis-settur korporattiv mhux finanzjarju biex jitnaqqas id-dejn ta' kwalità tqajjem tħassib prudenzjali. L-ewwel nett, l-impriżi b'aktar saħħa finanzjarja jinnegozjaw b'firxiet ta' kreditu ogħla u juru volatilità ogħla ta' dejn u ta' ekwità. Dan jista' jirriżulta f'volatilità akbar tas-suq matul perjodi ta' tnaqqis fir-ritmu ekonomiku li jistgħu jxerrdu jew jamplifikaw il-volatilità fi swieq oħra. It-tieni nett, l-impriżi b'aktar saħħa finanzjarja huma probabbli li jnaqqsu l-investimenti tagħhom aktar minn dawk li għandhom inqas saħħa matul perjodi ta' tnaqqis fir-ritmu ekonomiku, u potenzjalment jamplifikaw tali tnaqqis fir-ritmu ekonomiku. U, it-tielet, jekk xi bank kbir u entitajiet mhux bankarji jistgħu jkunu esposti wisq għal self ingranat, l-istress fil-livell tal-entità jista' jiġi trażmess b'mod usa'. Ingranaġġ korporattiv li qed jiżdied, standards ta' self li qed jonqsu u protezzjoni dgħajfa tal-mutwanti jistgħu jżidu l-probabbiltà ta' inadempjenzi u rati ta' rkupru aktar baxxi fuq selfiet ingranati.

Hemm diversi fatturi oħra mhux magħrufa, inkluż min huma l-investituri mhux bankarji finali kemm f'selfiet ingranati kif ukoll f'obbligi ta' self kollateralizzat. Il-prestazzjoni ta' selfiet ingranati taħt stress, speċjalment meta wieħed iqis li l-bidla mifruxa fis-suq lejn protezzjoni aktar baxxa għall-investitur fid-dokumentazzjoni tas-self x'aktarx twassal għal anqas irkupri milli kien il-każ storikament.

Diġà sar ħafna xogħol kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak internazzjonali. Il-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja, pereżempju, qed jissorvelja mill-qrib dawn is-swieq u l-membri se jkomplu jeżaminaw l-informazzjoni dwar ix-xejra tal-iskoperturi għal dawn l-assi fix-xhur li ġejjin biex japprofondixxu l-analiżi tiegħu dwar il-vulnerabbiltajiet potenzjali. Minħabba n-natura globali ta' swieq u parteċipanti tas-self ingranati, hija meħtieġa koordinazzjoni b'saħħitha fost l-awtoritajiet regolatorji u superviżorji. Dan għandu jinkludi kemm banek kif ukoll istituzzjonijiet mhux bankarji fi sforz biex jitrawmu standards tajbin fl-oriġini tas-self.

Barra minn hekk, sar ħafna xogħol mill-awtoritajiet superviżorji biex jiġi żgurat li l-oqfsa tal-ġestjoni tar-riskju tal-banek jiġu indirizzati b'mod prudenti u jiġu ġestiti dawn ir-riskji. Ninnota li f'Mejju 2017, is-Superviżjoni Bankarja tal-BĊE ppubblikat Gwida dwar it-Tranżazzjonijiet Ingranati sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-oqfsa tal-ġestjoni tar-riskju u ta' monitoraġġ tal-banek.

*49. Liema sfidi tipprevedi għall-BĊE jekk il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES) kellu jiġi ttrasformat f'Fond Monetarju Ewropew (FME)?*

Nilqa' l-ftehim wiesa' li ntlaħaq mis-Summit tal-Euro ta' Ġunju 2019 dwar l-elementi ewlenin tar-riforma tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES). Huwa importanti li tittieħed deċiżjoni finali f'Diċembru 2019 billi din ir-riforma tista' ssaħħaħ l-arkitettura taż-żona tal-euro u l-kapaċità taż-żona tal-euro li tittratta kriżijiet ekonomiċi u finanzjarji fil-futur.

It-Trattat rivedut dwar il-MES jipprevedi li, fit-twettiq tal-operazzjonijiet tiegħu, il-MES riformat għandu jirrispetta s-setgħat mogħtija mid-dritt tal-UE lill-istituzzjonijiet u lill-korpi tal-UE. Dan ifisser li r-rwoli ġodda assenjati lill-MES ma jaffettwawx il-kompetenzi tal-BĊE u tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS), inkluż fl-oqsma tal-politika monetarja, is-superviżjoni mikroprudenzjali u s-sorveljanza makroprudenzjali.

Fir-rigward tas-suġġeriment speċifiku biex il-MES jingħata isem ġdid, naqbel mal-fehmiet diġà espressi mill-BĊE li l-isem "Fond Monetarju Ewropew" ikun qarrieqi. La l-objettivi u l-kompiti, u lanqas il-finanzjament tal-MES mhuma "monetarji" fin-natura tagħhom. Niftakar li l-FMI ngħata ismu għaliex twaqqaf biex jinżammu arranġamenti ta' skambju ordnat bejn il-membri - li fil-bidu kien jinvolvi l-monitoraġġ tal-adeżjoni tal-membri għas-sistema "Bretton Woods" ta' rati tal-kambju - u għadu jippromwovi l-kooperazzjoni monetarja internazzjonali u l-istabbiltà tal-kambju bħala parti mill-mandat tiegħu.

Finalment, ikun importanti li l-MES jiġi integrat fl-ordni legali tal-UE, u b'hekk ikollu jagħti rendikont lill-Parlament Ewropew.

*50. X'inhi l-valutazzjoni tiegħek tal-involviment tal-BĊE fil-kuntest tal-programmi ta' assistenza finanzjarja? Se tagħti bidu għal evalwazzjoni tar-rwol u l-attivitajiet tal-BĊE fil-programmi ta' assistenza finanzjarja? Kif taħseb li jista' jevolvi fil-futur involviment potenzjali tal-BĊE fil-programmi ta' assistenza finanzjarja u fis-sorveljanza ta' wara l-programmi?*

Il-BĊE ħa sehem fi programmi ta' aġġustament fuq talba tal-Istati Membri, biex jikkomplementa l-għarfien espert tal-Kummissjoni u tal-FMI. Bħala parti mill-programmi ta' assistenza finanzjarja, l-

Istati Membri wettqu riformi maġġuri li wittew it-triq lejn tkabbir sostnut.

Naqbel mad-deċiżjoni riċenti li ttieħdet mill-Kunsill Governattiv li jiffoka l-involviment tal-BĊE fuq oqsma li huma strettament rilevanti minn perspettiva ta' politika monetarja u stabbiltà finanzjarja. Filwaqt li t-tfassil tal-politika f'oqsma bħar-riformi tas-suq tax-xogħol u tal-prodotti jew il-privatizzazzjoni għadu importanti ħafna, fil-fehma tiegħi jkun jista' jiġi ttrattat aħjar mis-sħab l-oħra.

Rigward il-kwistjoni tal-evalwazzjoni, naqbel mal-kultura tal-feedback u nappoġġa bis-sħiħ l-evalwazzjonijiet ex post. Huwa tassew fundamentali li jittieħdu tagħlimiet mill-esperjenza tal-passat biex titjieb il-prestazzjoni fil-futur. Waqt li kont Direttriċi Maniġerjali tal-Fond, il-persunal tal-FMI ħadem fuq evalwazzjonijiet ex post tal-programmi għall-Irlanda (2015), għall-Portugall (2016) u għall-ewwel programm (2013) u t-tieni programm (2017) tal-Greċja. Ir-rapporti kollha kienu pubbliċi għal skopijiet ta' akkontabilità.

*51. X'inhuma l-fehmiet tiegħek dwar il-ħtieġa li tiġi żgurata separazzjoni stretta bejn il-politika monetarja u s-superviżjoni bankarja u x'inhuma, fil-fehma tiegħek, ir-riformi li jistgħu jsaħħu u jiffavorixxu s-separazzjoni?*

Bit-twaqqif tal-MSU, ġew stabbiliti salvagwardji speċjali li jiżguraw li l-kompiti superviżorji u tal-politika monetarja jitwettqu b'mod separat minn xulxin biex jiġi evitat kwalunkwe kunflitt ta' interess perċepit jew attwali bejn iż-żewġ funzjonijiet. Pereżempju, id-deċiżjonijiet superviżorji jiġu diskussi u mħejjija mill-Bord Superviżorju tal-BĊE u l-Kunsill Governattiv jiġi involut biss permezz ta' proċedura ta' nonoġġezzjoni.

Fil-fehma tiegħi, il-leġiżlatur sab bilanċ tajjeb mar-Regolament dwar il-MSU. Minn naħa waħda, il-kompiti superviżorji u ta' politika monetarja jitwettqu b'mod għalkollox separat mill-BĊE. Min-naħa l-oħra, is-sinerġiji amministrattivi bejn iż-żewġ funzjonijiet xorta jistgħu jintużaw, pereżempju permezz ta' sistemi komuni tal-IT u dipartiment konġunt tal-istatistika. Barra minn hekk, dment li jiġu rrispettati regoli stretti, tista' tiġi skambjata informazzjoni bejn l-oqsma ta' negozju differenti biex ikun żgurat li, f'sitwazzjoni ta' kriżi, pereżempju, titqies l-informazzjoni rilevanti kollha. F'dan il-kuntest, nappoġġa implimentazzjoni bir-reqqa tal-prinċipju ta' separazzjoni li, fil-fehma tiegħi, jaħdem tajjeb. L-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet oħra tista' twassal għal kostefficjenza aktar baxxa jew għal ostakli oħra għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni, u dan jista' jxekkel it-teħid ta' deċiżjonijiet tajbin, pereżempju f'sitwazzjonijiet ta' kriżi.

*52. X'inhuma l-fehmiet tiegħek dwar il-kompromess possibbli bejn l-istabbiltà finanzjarja u l-kompetizzjoni?*

*Kif jistgħu jiġu rrikonċiljati?*

Livell san ta' kompetizzjoni ġeneralment għandu jwassal għal riżultati aħjar għall-klijenti u għall-ekonomija usa'. B'mod partikolari, suq bi ftit wisq fornituri ta' servizzi finanzjarji huwa subottimali kemm għaliex, minn naħa waħda, il-klijenti jistgħu jiffaċċjaw rati ta' self għoljin wisq, u dan inaqqas il-benessri tal-konsumaturi u finalment iwassal għal anqas investiment u tkabbir, kif ukoll għaliex, min-naħa l-oħra, l-għadd żgħir ta' fornituri ta' servizzi finanzjarji x'aktarx li jkunu atturi kbar u sistemikament importanti, li jwassal għal esternalitajiet tat-tip "kbar wisq biex ifallu".

Barra minn hekk, kompetizzjoni sana għandha tevita kapaċità eċċessiva fis-servizzi finanzjarji, li tista' twassal għal marġnijiet ta' self kompressi u f'teħid eċċessiv ta' riskji b'implikazzjonijiet

detrimentali għall-istabbiltà finanzjarja. Fil-qosor, livell san ta' kompetizzjoni għandu jagħti lill-ekonomija l-ammont tajjeb ta' servizzi finanzjarji bi prezzijiet li jkopru l-kostijiet u r-riskji inerenti kollha, waqt li fl-istess ħin ikun salvagwardja kontra l-monopolji lokali u l-problemi tat-tip "kbar wisq biex ifallu". F'dan ir-rigward, il-qafas regolatorju Ewropew qed jikkontribwixxi għat-titjib tal-għodod disponibbli biex jiġu indirizzati l-banek kbar wisq biex ifallu kemm fi żminijiet tajbin kif ukoll fi żmien ta' riżoluzzjoni.

*53. Il-MSU u l-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (BUR) kif jistgħu jtejbu l-kooperazzjoni tagħhom?*

Fil-fehma tiegħi, diġà teżisti kollaborazzjoni attiva fil-livelli kollha bejn dawn it-tnejn, inkluż bejn il-bordijiet u fil-livell tekniku. Iż-żewġ awtoritajiet ikkonkludew Memorandum ta' Qbil (MtQ) bilaterali, li jkopri diversi oqsma ta' kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni dwar bażijiet regolari u ad hoc kemm għal attivitajiet ta' kuljum kif ukoll għal sitwazzjonijiet ta' ġestjoni ta' kriżi. Il-MtQ rispettiv għandu jibqa' soġġett għal reviżjoni kontinwa u jien konvinta li l-kooperazzjoni se ssir aktar b'saħħitha anke billi jitqiesu l-aħħar żviluppi leġiżlattivi bħall-implimentazzjoni tat-TLAC.

*54. Il-Pakkett ta' Tnaqqis tar-Riskji jagħti lill-BĊE l-possibbiltà li jinjora skoperturi intra-UE meta jikkalkula l-punteġġ G-SII ta' bank taħt il-kompetenza tiegħu. Il-Kunsill jargumenta li dan huwa ġustifikat minħabba l-istabbiliment tal-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni. Tqis li tnaqqis bħal dan fir-rekwiżiti riġidi ta' kapital għall-ikbar banek tal-Ewropa huwa ġustifikat?*

Bis-saħħa tal-istabbiliment tal-MSU u tal-MUR bil-FUR, il-ġestjoni tal-attività transġurisdizzjonali ta' bank li qed ifalli jew f'diffikultà kbira tkun ferm anqas diffiċli fl-unjoni bankarja meta mqabbel mal-qafas ta' qabel il-kriżi. L-iskoperturi transfruntieri fl-unjoni bankarja għalhekk m'għadhomx indikazzjoni tajba tal-kumplessità ta' riżoluzzjoni.

Dan huwa rikonoxxut mir-reviżjoni tal-metodu ta' kalkolu tal-istituzzjonijiet finanzjarji ta' importanza sistemika globali li tippermetti lill-awtoritajiet iqisu dan il-fatt. Konsegwentement, dan jipprevjeni kwalunkwe impatt mhux meħtieġ fuq l-attivitajiet transfruntieri, l-integrazzjoni finanzjarja jew id-diversifikazzjoni fl-unjoni bankarja.

Naturalment, jeħtieġ li l-banek iżommu livelli adegwati ta' kapital li jikkorrispondu għar-riskji involuti.

*55. Kif tivvaluta l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' riżoluzzjoni bankarja fl-UE? Taħseb li għodod ġodda jistgħu jkunu ġustifikati? Jekk iva, liema?*

Il-ħolqien tat-tieni pilastru tal-unjoni bankarja, bir-Regolament dwar il-MUR u l-adozzjoni tad-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek, saħħaħ konsiderevolment il-qafas Ewropew ta' ġestjoni tal-kriżijiet matul l-aħħar snin. B'mod partikolari, daħħlu għodod ta' riżoluzzjoni, jiġifieri l-għodda tar-rikapitalizzazzjoni interna, li jippermettu lill-awtoritajiet iwettqu riżoluzzjoni ta' bank b'mod ordnat u mingħajr ma jużaw flus il-kontribwenti. Il-qafas ta' riżoluzzjoni ġie ttestjat l-ewwel darba bir-riżoluzzjoni ta' Banco Popular fl-2017, meta l-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (BUR) iddeċieda li japplika miżuri ta' riżoluzzjoni, u wera li kien effettiv.

B'mod aktar ġenerali, l-implimentazzjoni tal-qafas Ewropew ta' riżoluzzjoni għadha f'fażi tranżitorja, peress li elementi importanti, bħat-tisħiħ tal-kapaċità tal-assorbiment tat-telf tal-banek Ewropej, għadhom fis-seħħ. Madankollu, hemm elementi li jistgħu jittejbu u jiġu armonizzati aktar. Dan jinkludi t-titjib tal-qafas ta' intervent bikri bl-eliminazzjoni tat-trikkib bejn miżuri superviżorji u ta' intervent bikri, bl-istabbiliment ta' qafas għall-għoti ta' likwidità lil banek li jkunu ħerġin minn riżoluzzjoni, b'approċċ komuni għall-insolvenza tal-banek – bl-istabbiliment ta' għodda ta' likwidazzjoni amministrattiva armonizzata – billi jinstabu modi kif nimxu 'l quddiem fir-rigward ta' kwistjonijiet tal-post ta' oriġini u dak ospitanti u bl-introduzzjoni ta' preferenza ġenerali tad-depożitanti. Finalment, anke fi ħdan il-qafas tar-riżoluzzjoni bankarja, jeħtieġ li jiġi żgurat approċċ bilanċjat għall-interessi tal-post ta' oriġini u dak ospitanti b'mod li jikkontribwixxi għal integrazzjoni ulterjuri tal-unjoni bankarja.

*56. X'inhi l-fehma tiegħek dwar il-qafas istituzzjonali attwali tal-BERS fi ħdan il-BĊE fir-rigward tal-kisbiet konkreti tiegħu fis-sorveljanza makroprudenzjali? Tara kunflitti bejn il-politika monetarja, il-politika makroprudenzjali u r-rwol tal-BĊE fis-superviżjoni?*

Il-ħolqien tal-BERS kien reazzjoni għal waħda mit-tagħlimiet ewlenin tal-kriżi finanzjarja rigward il-ħtieġa ta' sorveljanza makroprudenzjali msaħħa tas-sistema finanzjarja bħala funzjoni politika ġdida. Mindu twaqqaf fl-2010, il-BERS kien attiv fit-tiswir tal-politika makroprudenzjali fl-UE bil-pubblikazzjoni ta' bosta rakkomandazzjonijiet, twissijiet, opinjonijiet u pubblikazzjonijiet oħra dwar diversi kwistjonijiet ta' stabbiltà finanzjarja, relatati kemm mas-settur bankarju kif ukoll mas-settur mhux bankarju fl-UE.

It-tqegħid tal-BERS fi ħdan il-BĊE għandu sinerġiji pożittivi, meta jitqiesu l-għarfien espert u r-responsabbiltajiet eżistenti tal-BĊE u tal-awtoritajiet nazzjonali fis-superviżjoni makroprudenzjali u mikroprudenzjali. Naturalment, huwa importanti li fl-istess ħin l-istrutturi jkunu indipendenti fit-teħid tad-deċiżjonijiet. Sa fejn naf jien, il-Bord Ġenerali tal-BERS u l-Kunsill Governattiv tal-BĊE jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom b'mod indipendenti minn xulxin, kif żgurat minn proċessi u korpi separati ta' teħid tad-deċiżjonijiet kif stabbilit mid-dritt tal-UE.

*57. Issa li d-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek (BRRD) u r-Regolament dwar il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRMR) ġew emendati biex jintegraw il-Kapaċità Totali ta' Assorbiment tat-Telf (TLAC), x'inhuma l-fehmiet tiegħek dwar banek u istituzzjonijiet "kbar wisq jew interkonnessi wisq biex ifallu", u l-kwistjoni ġenerali tal-profittabilità tas-settur bankarju fl-UE, u x'inhi l-fehma tiegħek dwar it-triq 'il quddiem/jew l-arkitettura tiegħu sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-ekonomija reali u tal-finanzjament fit-tul?*

L-iżgurar li ebda bank, irrispettivament mid-daqs jew l-interkonnettività tiegħu, ma jkun kbir wisq biex ifalli kien ċentrali fir-riformi ta' wara l-kriżi, u saru sforzi kbar favur miżuri politiċi biex dan jiġi indirizzat. Huwa kruċjali li r-riżoluzzjoni tal-banek tkun fattibbli u kredibbli, mingħajr riperkussjonijiet sistemiċi u mingħajr piż għall-kontribwenti. Il-miżuri jinkludu t-TLAC, iżda mhumiex limitati għaliha – ir-riżoluzzjoni, is-superviżjoni u l-kapital kollha għandhom rwol f'dan l-ambitu.

Ir-rekwiżit tat-TLAC jikkontribwixxi għal dan billi joħloq kapaċità suffiċjenti ta' assorbiment tat-telf u ta' rikapitalizzazzjoni biex tiġi implimentata riżoluzzjoni ordnata, u għalhekk ir-riżoluzzjoni tal-banek issir possibbli. Il-banek globali sistemikament importanti (G-SIBs) taż-żona tal-euro huma konformi kemm mar-rekwiżiti tranżitorji tat-TLAC ibbażati fuq ir-riskju kif ukoll ma' dawk b'effett ta' lieva u qed joqorbu lejn il-konformità mar-rekwiżiti "b'tagħbija sħiħa". It-TLAC diġà kkontribwiet għal żieda sinifikanti fil-kapaċità ta' assorbiment tat-telf tal-G-SIBs, u l-

implimentazzjoni tagħha fl-Ewropa permezz tar-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli (jew MREL) se tkompli ssaħħaħ din il-kapaċità, anke għall-banek li mhumiex G-SIBs.

It-TLAC u, b'mod aktar ġenerali, ir-riformi dwar il-kunċett "kbar wisq biex ifallu", x'aktarx inaqqsu kwalunkwe sussidju impliċitu lill-banek, li huwa effett mixtieq. B'mod aktar ġenerali, kwalunkwe kost li joriġina minn dawn ir-regolamenti għandu jiġi vvalutat fir-rigward tal-importanza li jintemm il-kunċett "kbar wisq biex ifallu", li jfisser stabbiltà finanzjarja akbar u possibbiltà u impatt iżgħar tal-kriżijiet. Sistema bankarja aktar sikura u aktar stabbli tkun ta' benefiċċju għal finanzjament stabbli u għall-ekonomija reali.

Il-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja aktar kmieni din is-sena vara evalwazzjoni komprensiva tar-riformi ta' wara l-kriżi introdotti biex tiġi indirizzata l-problema "kbar wisq biex ifallu". Dan se jivvaluta jekk ir-riformi implimentati humiex qed jaħdmu kif ippjanat, jiġifieri li jnaqqsu l-periklu morali u r-riskju sistemiku assoċjati ma' banek sistemikament importanti. L-evalwazzjoni se tikkunsidra wkoll l-effetti usa' fuq is-sistema finanzjarja.

*58. Il-ħasil tal-flus, l-evitar tat-taxxa u l-finanzjament tat-terroriżmu kif jistgħu jiġu indirizzati b'mod aktar effettiv fl-Unjoni Bankarja? Xi rwol għandu jkollu l-BĊE/MSU f'dan ir-rigward? Liema jkun it-tqassim tal-kompiti l-aktar effiċjenti bejn il-BĊE u l-ABE u l-korpi ta' superviżjoni nazzjonali tal-Istati Membri fir-rigward tas-superviżjoni u l-infurzar tal-qafas għall-Ġlieda kontra l-Ħasil tal-Flus (AML)?*

Ir-riskji tal-ħasil tal-flus, l-evitar tat-taxxa u l-finanzjament tat-terroriżmu jridu jiġu indirizzati, fost oħrajn, permezz tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet differenti meta jeżerċitaw il-mandati rispettivi tagħhom. Dan kien evidenti mill-każijiet riċenti ta' ħasil tal-flus fis-settur bankarju Ewropew u r-rapport post mortem dwar dawk il-każijiet ippubblikat dan l-aħħar mill-Kummissjoni. Għal dan il-għan, il-bidliet leġiżlattivi riċenti li qed isiru fid-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital, fil-Ħames Direttiva dwar l-AML u fir-Regolament dwar l-ABE biex tittejjeb il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet differenti huma apprezzati ħafna.

Il-MSU huwa superviżur mikroprudenzjali; mhuwiex responsabbli għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus/il-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu (AML/CFT). Din ir-responsabbiltà hija tas-superviżuri nazzjonali. Madankollu, il-BĊE mistenni jqis ir-riskji tal-ħasil tal-flus/finanzjament tat-terroriżmu, pereżempju fil-Proċess ta' Reviżjoni u Evalwazzjoni Superviżorji jew meta jivvaluta l-adattabilità tal-membri tal-bord peress li kwistjonijiet ta' AML/CFT jista' jkollhom konsegwenzi prudenzjali sinifikanti.

Reċentement l-ABE ngħatat rwol imsaħħaħ biex tassisti fil-koordinazzjoni u fl-armonizzazzjoni tal-approċċi superviżorji fir-rigward tal-AML/CFT, u dan huwa żvilupp pożittiv biex tiġi żgurata l-konsistenza tas-superviżjoni tal-AML/CFT fl-UE. Filwaqt li l-BĊE, l-awtoritajiet nazzjonali ta' superviżjoni prudenzjali u l-awtoritajiet tal-AML/CFT u l-ABE kollha għandhom mandati differenti, huwa importanti li s-superviżjoni mwettqa mill-awtoritajiet rilevanti kollha taħdem b'mod effettiv biex jitnaqqsu r-riskji tal-ħasil tal-flus u jiġi evitat id-dannu li jista' jikkawża lill-vijabbiltà ta' bank, lis-sistema finanzjarja u lill-ekonomija usa'.

*59. F'każ riċenti li involva l-Pilatus Bank f'Malta, il-BĊE ffaċċja ostakli legali biex jirrevoka l-liċenzja tal-mutwant wara li l-president tiegħu ġie arrestat f'Marzu fl-Istati Uniti għal każijiet allegati ta' ħasil tal-flus u frodi bankarja. Dan id-dewmien kien allegatament ikkawżat minn regoli mhux ċari u setgħat diskrezzjonali eċċessivi għas-superviżuri nazzjonali. Kif tivvaluta l-kapaċità*

*ġuridika iżda anke teknika tal-BĊE li jipprevjeni l-ħasil tal-flus u jaġixxi b'mod effettiv f'sitwazzjonijiet bħal dawn fil-futur abbażi tas-setgħat prudenzjali kurrenti tiegħu?*

Taħt il-qafas tal-MSU, istituzzjonijiet inqas sinifikanti, bħal Pilatus Bank, huma soġġetti għas-superviżjoni prudenzjali diretta tal-awtorità nazzjonali kompetenti. Madankollu, il-BĊE huwa responsabbli għall-ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet, għall-irtirar ta' awtorizzazzjonijiet u għall-valutazzjoni tal-akkwist ta' parteċipazzjonijiet kwalifikanti għall-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha tal-MSU, primarjament fuq il-bażi ta' proposti mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Filwaqt li l-kompetenza ta' monitoraġġ tal-banek għal konformità mar-rekwiżiti tal-AML/CFT hija tal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, u l-investigazzjoni ta' reati ta' ħasil tal-flus hija r-responsabbiltà tal-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi, il-BĊE jqis l-informazzjoni rilevanti dwar l-AML u l-valutazzjonijiet miksuba mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fil-valutazzjonijiet prudenzjali tiegħu, inkluż l-irtirar tal-liċenzji, f'konformità mal-qafas legali applikabbli. F'dan ir-rigward, il-BĊE joqgħod fuq u jikkoopera mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti tal-AML/CFT.

Bħala reazzjoni għall-każijiet riċenti ta' ħasil tal-flus, kien hemm diversi inizjattivi legali u operazzjonali fl-UE biex jissaħħaħ ir-rwol tas-superviżuri prudenzjali, inkluż il-BĊE, biex jitqies tħassib dwar il-ħasil tal-flus fl-eżerċizzju tas-superviżjoni prudenzjali u biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn is-superviżuri prudenzjali u tal-AML/CFT. Dawn l-inizjattivi jinkludu miżuri biex jittejbu l-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet u l-koordinazzjoni u l-konsistenza tas-superviżjoni prudenzjali meta jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' AML/CFT.

*60. Wara l-iskandli riċenti fl-UE, kif taħseb li r-riskji tal-ħasil tal-flus se jiġu kkunsidrati meta l-BĊE jivvaluta l-istabbiltà finanzjarja tal-banek? Fl-opinjoni tiegħek, hemm bżonn li s-superviżjoni tal-AML tiġi ċċentralizzata fl-UE f'aġenzija unika jew mekkaniżmu uniku u, sadanittant, li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jużaw id-data dwar it-tassazzjoni għal skopijiet ta' AML?*

Rapporti riċenti ta' allegat ħasil tal-flus fis-settur bankarju Ewropew enfasizzaw il-ħtieġa ta' aktar titjib tal-qafas għall-AML/CFT. Biex is-suq uniku jiġi protett, tista' tkun meħtieġa l-kunsiderazzjoni ta' approċċ aktar pan-Ewropew, peress li l-qafas kurrenti jista' jkun effettiv biss daqs l-implimentazzjoni nazzjonali l-aktar dgħajfa. Fir-rigward taċ-ċentralizzazzjoni tas-superviżjoni tal-AML/CFT, innotajt li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-UE "Lejn implimentazzjoni aħjar tal-AML/CFT tal-UE" pprovdiet għadd ta' possibbiltajiet li għandhom jiġu kkunsidrati, fosthom: (i) it-trasformazzjoni tad-Direttiva dwar l-AML f'Regolament tal-UE biex tkompli tiġi armonizzata l-ġabra tar-regoli dwar l-AML/CFT, (ii) l-għoti ta' kompiti superviżorji speċifiċi tal-AML lil korp tal-Unjoni biex tiġi żgurata superviżjoni tal-AML ta' kwalità għolja u konsistenti tas-settur finanzjarju, u (iii) mekkaniżmu ta' koordinazzjoni aktar b'saħħtu biex tiġi appoġġata l-kooperazzjoni transfruntiera mill-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja.

Fl-aħħar nett, filwaqt li l-monitoraġġ tal-konformità tal-banek mar-rekwiżiti tal-AML/CFT huwa attwalment imwettaq fil-livell tal-Istati Membri mill-awtoritajiet nazzjonali tal-AML/CFT, il-BĊE għandu madankollu jieħu b'serjetà kbira r-riskji tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu fi ħdan il-kuntest u l-ambitu tal-mandat superviżorju tiegħu. F'dan ir-rigward, l-iskambji ta' informazzjoni ma' superviżuri prudenzjali u ma' superviżuri tal-AML/CFT jistgħu jkunu strumentali biex jgħinu lill-BĊE jikkunsidra r-riskji tal-ħasil tal-flus fil-valutazzjonijiet superviżorji prudenzjali tiegħu.

*61. Meta mqabbel maż-żona tal-euro, l-Istati Uniti jgawdu minn settur finanzjarju aktar integrat, li huwa strumentali biex jitnaqqsu l-effetti ta' xokkijiet negattivi (reżiljenza). Madankollu, il-kriżi finanzjarja globali wriet in-natura reżiljenti, iżda fraġli, tan-networks finanzjarji: l-istess*

*karatteristiċi li jagħmlu s-sistema aktar reżiljenti taħt ċerti kundizzjonijiet jistgħu jiffunzjonaw bħala sorsi sinifikanti ta' riskju sistemiku u instabbiltà taħt kundizzjonijiet oħra. L-integrazzjoni finanzjarja aktar profonda dejjem hija konsistenti mal-objettiv tal-istabbiltà finanzjarja? X'għandhom ikunu l-għanijiet tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU)?*

Il-kriżi finanzjarja globali enfasizzat kompromess evidenti bejn l-integrazzjoni finanzjarja u l-istabbiltà finanzjarja. Minn naħa waħda, l-integrazzjoni tas-swieq finanzjarji tnaqqas ir-riskji idjosinkratiċi li jirriżultaw minn vulnerabbiltajiet speċifiċi għall-pajjiż u għas-settur billi ssaħħaħ id-diversifikazzjoni tas-sorsi ta' finanzjament għall-ekonomija reali u l-kondiviżjoni tar-riskji bejn il-pajjiżi. Min-naħa l-oħra, interkonnettività aktar profonda tista' żżid ukoll ir-riskju ta' kontaġju minn stress lokalizzat, b'xokkijiet żgħar li potenzjalment ifixklu l-funzjonament normali tas-swieq finanzjarji. Il-kriżi wriet il-ħtieġa ta' regolamentazzjoni u superviżjoni biex dan il-kompromess jiġi ekwilibrat.

Minbarra r-riformi regolatorji, superviżorji u tal-ġestjoni ta' kriżi implimentati mill-kriżi 'l hawn, b'mod partikolari l-ħolqien tal-unjoni bankarja u l-iżvilupp ta' qafas makroprudenzjali tal-UE, is-CMU tippermetti l-estensjoni tal-gwadanji mill-integrazzjoni mingħajr ma tikkomprometti l-istabbiltà finanzjarja. L-aġenda tas-CMU jista' jkollha wkoll rwol vitali fit-tiswir mill-ġdid tal-pajsaġġ finanzjarju u tal-arkitettura superviżorja tal-UE għall-isfidi li jirriżultaw mill-Brexit. L-objettivi ewlenin tagħha jinkludu diversifikazzjoni akbar tas-sorsi ta' finanzjament ta' korporazzjonijiet mhux finanzjarji Ewropej u t-tisħiħ tad-dimensjoni transfruntiera tal-investimenti fl-UE. Dan iżid ir-reżiljenza tas-sistema finanzjarja għar-riskji speċifiċi għall-pajjiż u għas-settur, joħloq benefiċċji soċjali potenzjali permezz tal-kondiviżjoni tar-riskji bejn il-pajjiżi u, għaldaqstant, itejjeb it-trażmissjoni bla xkiel tal-politika monetarja. Is-CMU għandha wkoll l-għan li żżid il-finanzjament mill-bejgħ tal-ishma transfruntier u s-sjieda trasversali tal-assi fiż-żona tal-euro/fl-UE, u b'hekk issaħħaħ il-mekkaniżmi ta' kondiviżjoni tar-riskji fis-settur privat bejn il-pajjiżi u tiffaċilita t-tkabbir tal-konsum. Fl-aħħar nett, is-CMU tippermetti forom reżiljenti ta' integrazzjoni transfruntiera permezz ta' investiment dirett barrani, ekwità barranija u ħruġ ta' dejn b'maturità itwal.

Nilqa' l-progress li sar sal-lum biex jittejbu s-swieq kapitali Ewropej. Madankollu, għadna ma wasalniex fejn nixtiequ. Aktar progress lejn swieq kapitali aktar integrati fl-UE għandu jinkludi regolamentazzjoni xierqa u approċċ makroprudenzjali għas-settur finanzjarju mhux bankarju biex tiġi żgurata l-istabbiltà finanzjarja. Finalment, CMU verament integrata għandha tkun akkumpanjata wkoll minn qafas superviżorju uniku.

*62. X'inhuma l-fehmiet tiegħek dwar ir-rapport tal-FMI tal-2012 "The Chicago Plan Revisited" ta' J. Benes u M. Kumhof u dwar l-ideat oriġinali li huwa msejjes fuqhom? Taħseb li r-riformi bankarji proposti f'dan ir-rapport jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-vulnerabbiltajiet sistemiċi?*

Id-dokument ta' ħidma tal-FMI li qed tirreferi għalih jagħti ħarsa lejn l-hekk imsejjaħ "Chicago Plan", li ġie propost għall-ewwel darba mill-Professur Henry Simons tal-Università ta' Chicago wara d-Depressjoni l-Kbira. L-elementi ewlenin ta' dan il-pjan, magħruf ukoll bħala "narrow banking", huma tnejn: l-ewwel, li l-banek għandhom ikunu meħtieġa jiggarantixxu 100 % tad-depożiti tagħhom b'titoli maħruġa mill-gvern; u t-tieni, li l-banek għandhom ikunu jistgħu jiffinanzjaw self ġdid biss billi jżommu l-qligħ, jew billi jissellfu direttament mill-gvern.

Is-sostenituri tan-"narrow banking" jgħidu li jelimina t-theddida ta' assalti bankarji; jiżgura kontroll mill-gvern fuq iċ-ċiklu tal-kreditu billi jevita li l-banek privati jikkontrollaw il-provvista ta' flus f'sens wiesa'; u jnaqqas id-dejn pubbliku u privat. Personalment, niddubita kemm tali pjan huwa mixtieq jew neċessarju. M'iniex konvinta li l-eliminazzjoni tar-rwol tal-banek privati fil-provvista ta' flus fis-sens wiesa' hija idea tajba, peress li m'hemm ebda garanzija li l-gvernijiet, b'mod

ġenerali, jagħmlu biċċa xogħol aħjar fil-provvista' ta' finanzjament għall-ekonomija reali. Barra minn hekk, jekk il-banek jiffaċċjaw restrizzjonijiet daqstant severi fuq il-kapaċità tagħhom li jsellfu, wieħed jista' jistenna li l-kreditu privat jimxi malajr lejn partijiet mhux regolati tas-sistema finanzjarja, b'konsegwenzi mhux magħrufa.

Għaxar snin wara l-kriżi finanzjarja, il-banek ġeneralment huma ferm aktar sikuri milli kienu. Illum, il-banek huma meħtieġa jkollhom aktar kapital u kapital ta' kwalità ogħla minn qabel il-kriżi. Huwa mistenni wkoll li jkollhom buffers sostanzjali ta' assi likwidi ta' kwalità għolja sabiex ikunu jistgħu jissodisfaw l-obbligazzjonijiet tagħhom anke meta s-swieq ma jkunux qed jiffunzjonaw. Ħadna passi kbar ħafna biex tintemm il-problema "kbar wisq biex ifallu", b'mod partikolari billi rrikjedejna li l-banek joħorġu dejn li jista' jieħu t-telf u jinbidel f'ekwità f'każ li jfallu, biex b'hekk jitnaqqsu r-riskji għall-kontribwenti. Barra minn hekk, permezz tal-użu ta' għodod makroprudenzjali nistgħu nsaħħu aktar ir-reżiljenza tas-sistema finanzjarja, filwaqt li nfasslu r-rekwiżiti għal varjazzjonijiet ċikliċi fil-kundizzjonijiet finanzjarji u nindirizzaw riskji sistemiċi strutturali fi swieq jew f'postijiet ġeografiċi partikolari.

Fl-istadju attwali, l-attenzjoni għandha tkun fuq l-implimentazzjoni sħiħa, f'waqtha u konsistenti tar-riformi finanzjarji ta' wara l-kriżi. U qabel isiru aktar bidliet ambizzjużi, għandna nwettqu evalwazzjonijiet rigorużi ta' dawk ir-riformi biex niżguraw li qed jaħdmu kif suppost.

*63. Numru ta' bonds sinifikanti tas-settur pubbliku u privat fl-Ewropa huma karatterizzati minn rendimenti negattivi. Dan għandu xi implikazzjonijiet għall-istabbiltà finanzjarja u, jekk iva, kif għandhom jiġu indirizzati?*

Fil-fatt, sehem kbir ħafna ta' bonds tal-gvern bi klassifikazzjoni għolja kif ukoll sehem konsiderevoli ta' bonds korporattivi nonfinanzjarji qed jiġu nnegozjati b'rendimenti negattivi. Dan japplika wkoll għal bonds b'maturitajiet twal ħafna. Filwaqt li kundizzjonijiet ta' finanzjament aktar faċli jistgħu jgħinu biex jiġi appoġġat l-ambjent makroekonomiku u jkunu ta' benefiċċju għall-istabbiltà finanzjarja, huma jinvolvu wkoll xi riskji għall-istabbiltà finanzjarja li jeħtieġ li jiġu mmonitorjati mill-qrib.

L-ewwel, peress li rendimenti negattivi fuq il-bonds jammontaw għal kundizzjonijiet ta' finanzjament faċli għall-emittent ta' dawn il-bonds, tali emittenti jistgħu jkunu mħeġġa jieħdu riskju jew lieva addizzjonali li, f'ċirkustanzi differenti, jistgħu jitqiesu bħala eċċessivi. Sal-punt li r-rendimenti tal-bonds tal-gvern iservu wkoll bħala benchmark għall-kreditu bankarju, dawn ir-riskji jistgħu japplikaw għal sett usa' ta' mutwatarji lil hinn mis-swieq tal-bonds korporattivi u sovrani.

Effett ieħor huwa apprezzament fil-valuri tal-assi, bħall-prezzijiet ta' proprjetà residenzjali u kummerċjali, li jista' jkun assoċjat ma' rendimenti negattivi tal-bonds, hekk kif l-investituri jaġġustaw il-portafolli tagħhom b'reazzjoni għal dan. F'ambjent ta' rati tal-imgħax ogħla, kemm il-kapaċitajiet ta' ripagament kif ukoll il-valuri tal-kollateral tal-mutwatarji jistgħu jkunu aktar baxxi. Dan jista' jżid ir-riskju tal-kreditu fil-portafolji tal-kredituri, inklużi l-banek.

Fl-aħħar nett, l-investituri tal-bonds jiġu affettwati minn ambjent ta' rendimenti negattivi. Introjtu mill-investiment persistentement dgħajjef jirrappreżenta sfida għall-industrija tal-assigurazzjoni u għall-fondi tal-pensjonijiet peress li dawn jiġu investiti b'mod qawwi f'bonds b'rendiment baxx u assi oħra ta' introjtu fiss. Ir-rendiment medju tal-portafolji tagħhom naqas b'mod konsiderevoli f'dawn l-aħħar snin. X'aktarx li dan jonqos aktar hekk kif il-bonds aktar antiki b'rendimenti ogħla jimmaturaw gradwalment u jiġu sostitwiti b'bonds aktar ġodda b'rendimenti aktar baxxi. Biex iżommu ċertu livell ta' profittabilità, uħud minn dawn l-investituri kienu qed iżidu l-ammont ta' riskju ta' kreditu u ta' riskju bbażat fuq id-durata fil-portafolji tagħhom.

Dawn ir-riskji kollha għandhom jiġu indirizzati b'taħlita ta' azzjoni superviżorja xierqa, inklużi politiki mikroprudenzjali u makroprudenzjali, imfassla b'mod xieraq għar-riskji differenti, inkluż f'partijiet differenti tas-sistema finanzjarja.

*64. X'inhuma l-fehmiet tiegħek dwar il-prevenzjoni ta' kunflitti ta' interess fil-BĊE? Hemm bżonn ta' xi bidliet biex tiġi żgurata l-indipendenza tas-settur finanzjarju mill-BĊE?*

Il-BĊE ġie fdat b'kompiti li jaqdu l-interess pubbliku. Il-membri tal-korpi deċiżjonali tiegħu u l-persunal tal-BĊE għandhom għalhekk isegwu l-ogħla standards etiċi, mhux biss biex jevitaw kwalunkwe kunflitt ta' interess iżda anke biex jiżguraw l-indipendenza, l-integrità, l-akkontabilità u t-trasparenza.

L-impressjoni tiegħi hija li l-BĊE stabbilixxa salvagwardji robusti tal-integrità, filwaqt li jqis ir-rakkomandazzjonijiet u s-suġġerimenti tal-Parlament Ewropew, kif ukoll tal-Ombudsman Ewropew u ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi bħal Transparency International. Il-Kodiċi ta' Kondotta uniku ppubblikat dan l-aħħar ma japplikax biss għall-uffiċjali ta' livell għoli li għandhom kuntratt ta' impjieg mal-BĊE, iżda anke għal dawk li nħatru mill-Istati Membri skont ir-regoli nazzjonali. Jinkludi regoli speċifiċi biex jiġu ġestiti u evitati kunflitti ta' interess fir-rigward ta' attivitajiet ta' wara l-impjieg, ta' tranżazzjonijiet finanzjarji privati u relazzjonijiet ma' gruppi ta' interess, kif ukoll miżuri biex jiġu segwiti każijiet ta' nuqqas ta' konformità u obbligu li jiġu ppubblikati dikjarazzjonijiet ta' interessi. Barra minn hekk, il-Qafas tal-Etika tal-BĊE għall-persunal jiffoka fuq il-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess.

Il-BĊE għandu wkoll oqfsa u prattiki speċifiċi biex jiżgura l-indipendenza tiegħu mis-settur finanzjarju, kemm għal-laqgħat regolari u strutturati tiegħu kif ukoll għal laqgħat bilaterali. Għal laqgħat strutturati regolari mas-settur finanzjarju (u mhux finanzjarju) fil-kuntest ta' djalogi ta' livell għoli jew gruppi ta' kuntatt tas-suq, dawn jinkludu dispożizzjonijiet relatati mat-trasparenza kif ukoll mal-governanza tajba, l-imġiba etika u l-integrità. Ninnota li l-informazzjoni dwar l-istruttura tal-gruppi, dwar il-kriterji tal-għażla għall-membri u dwar il-laqgħat tagħhom hija ppubblikata fis-sit web tal-BĊE. Bl-istess mod, il-BĊE għandu wkoll sett speċifiku ta' regoli biex jiżgura l-integrità, it-trasparenza u l-akkontabilità għal-laqgħat bilaterali bejn l-uffiċjali ta' livell għoli tal-BĊE u r-rappreżentanti tas-swieq finanzjarji, u l-informazzjoni dwar dawn il-laqgħat, bħala regola ġenerali, hija inkluża fil-kalendarji tal-laqgħat ippubblikati tal-uffiċjali.

Naturalment, huwa importanti li ma nkunux kompjaċenti u dejjem nagħmlu ħilitna biex dawn l-oqfsa wkoll jirriflettu b'mod adegwat l-iżviluppi u l-aħjar prattiki l-aktar riċenti.

***D. <u>Funzjonament tal-BĊE, akkontabilità demokratika u trasparenza</u>***

*65. X'se jkun l-approċċ personali tiegħek rigward id-djalogu soċjali fil-BĊE? X'inhi l-pożizzjoni tiegħek rigward il-fatt li la r-regolamenti tal-persunal tal-UE u l-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-istituzzjonijiet tal-UE, u lanqas il-liġi tax-xogħol Ġermaniża ma japplikaw għall-persunal tal-BĊE minħabba l-istatus uniku ta' indipendenza tal-BĊE?*

Il-BĊE għandu fis-seħħ qafas komprensiv ta' konsultazzjoni u informazzjoni mar-rappreżentanti tal-persunal (il-Kumitat tal-Persunal elett u t-trade union rikonoxxuta, l-IPSO). Jipprevedi laqgħat regolari bejn il-President jew ir-rappreżentanti tiegħu/tagħha u r-rappreżentanti tal-persunal. Barra minn hekk, l-Uffiċjal Kap tas-Servizzi, li jirrapporta lill-Bord Eżekuttiv permezz tal-President, għandu rwol fundamentali fid-djalogu soċjali fil-BĊE, kif ukoll fid-dipartiment tar-riżorsi umani tal-BĊE. Personalment, qed nistenna bil-ħerqa li niltaqa' mal-membri kollha tal-persunal tal-BĊE

kif ukoll mar-rappreżentanti eletti tagħhom, li tkun ukoll opportunità biex nisma' aktar dwar it-tħassib tagħhom.

Anki jekk il-persunal tal-BĊE mhuwiex direttament soġġett għal regolamenti esterni tal-impjieg jew tax-xogħol, il-BĊE jiddefinixxi l-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-membri tal-persunal tiegħu abbażi tad-dritt primarju tal-Unjoni. Il-BĊE huwa marbut li japplika l-prinċipji ġenerali tad-dritt komuni għall-Istati Membri, il-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll ir-regoli li jinsabu fir-Regolamenti u d-Direttivi tal-UE dwar il-politika soċjali li huma indirizzati lill-Istati Membri. Barra minn hekk, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali hija indirizzata lill-istituzzjonijiet Ewropej kollha.

Fl-aħħar nett, il-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-BĊE, kif ukoll l-implimentazzjoni tagħhom f'każijiet individwali, huma soġġetti għal rieżami ġudizzjarju mill-QĠUE.

*66. Fil-fehma tiegħek, hemm bżonn li jiġu previsti mekkaniżmi għall-monitoraġġ u r-rieżami tal-kondotta u l-adegwatezza tal-membri tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE fil-livell tal-UE?*

Bħala l-bank ċentrali u s-superviżur bankarju taż-żona tal-euro, il-BĊE għandu jistinka biex iħares l-ogħla standards ta' kondotta tajba u governanza tajba biex jipproteġi r-reputazzjoni u l-indipendenza tiegħu.

Naf li l-Kodiċi ta' Kondotta uniku adottat dan l-aħħar għal uffiċjali ta' livell għoli tal-BĊE kellu l-għan li jistabbilixxi standards rigorużi fl-oqsma tal-kondotta tajba u tal-governanza tajba. Daħħal l-obbligu għall-membri kollha tal-Kunsill Governattiv, tal-Bord Eżekuttiv u tal-Bord Superviżorju li jippubblikaw dikjarazzjonijiet annwali tal-interessi, biex b'hekk jiġu rispettati t-talbiet mill-Parlament Ewropew u minn organizzazzjonijiet mhux governattivi u r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman Ewropew.

Dawn id-dikjarazzjonijiet tal-interessi jagħtu trasparenza sħiħa dwar l-interessi personali, professjonali u finanzjarji. M'hemmx limiti minimi li taħthom id-dikjarazzjoni tal-interessi finanzjarji tista' ma tingħatax, u l-BĊE enfasizza li japplika l-aktar regoli stretti ta' monitoraġġ fost l-istituzzjonijiet kollha tal-UE għall-parteċipazzjonijiet finanzjarji u t-tranżazzjonijiet finanzjarji. It-trasparenza dwar l-interessi tal-uffiċjali ta' livell għoli hija kkomplementata bil-pubblikazzjoni tal-kalendarji tal-laqgħat ta' kull xahar tagħhom.

Flimkien, dawn ir-regoli għalhekk jolqtuni bħala regoli li jipprovdu salvagwardji sostanzjali biex jiżguraw kondotta tajba.

*67. Il-Parlament Ewropew għandu rwol ewlieni fl-akkontabilità tal-BĊE. X'konklużjonijiet tislet mit-tqabbil ma' ġurisdizzjonijiet oħra (eż. Kungress tal-Istati Uniti/Federal Reserve vs il-Parlament Ewropew/BĊE vs il-Parlament tar-Renju Unit/Bank of England)?*

Il-prinċipju ta' indipendenza tal-bank ċentrali kien ta' benefiċċju kbir għall-banek ċentrali madwar id-dinja – u għall-BĊE, kif muri mir-relazzjoni b'saħħitha, imsejsa sew mil-lat empiriku, bejn l-indipendenza u ż-żamma tal-istabbiltà tal-prezzijiet. Madankollu, indipendenza b'saħħitha tal-bank ċentrali hija biss naħa waħda tal-munita. In-naħa l-oħra hija akkontabilità b'saħħitha tal-bank ċentrali: issaħħaħ il-kredibbiltà tal-bank ċentrali billi ssaħħaħ l-appoġġ għall-politiki tiegħu u l-fiduċja fl-istituzzjoni.

Għalhekk, l-iżgurar ta' relazzjoni b'saħħitha ta' akkontabilità huwa sfida kostanti għall-banek ċentrali u l-parlamenti rispettivi. Matul dawn l-aħħar snin, il-BĊE u l-Parlament Ewropew affrontaw din l-isfida billi żviluppaw arranġamenti ta' akkontabilità li huma komparabbli ħafna ma' dawk ta' banek ċentrali ewlenin oħra f'ekonomiji avvanzati. Pereżempju, il-President tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Federal Reserve jidher erba' darbiet quddiem il-Kungress (darbtejn quddiem is-Senat u darbtejn quddiem il-Kamra); il-President tal-BĊE jidher ħames darbiet fis-sena quddiem il-Parlament Ewropew (erba' darbiet quddiem il-Kumitat ECON u darba quddiem il-plenarja tal-Parlament Ewropew).

Madankollu, pjuttost milli jirriflettu l-prattiki ta' ġurisdizzjonijiet oħra, inqis li huwa aktar rilevanti li l-arranġamenti ta' akkontabilità tal-BĊE jibqgħu proporzjonati għall-kompiti u r-responsabbiltajiet tiegħu u, jekk u fejn meħtieġ, ikomplu jevolvu, billi jibnu fuq il-qafas tat-Trattat u b'rispett sħiħ tal-prinċipju ta' indipendenza tal-bank ċentrali, mal-istituzzjoni u mat-talba taċ-ċittadini għal akkontabilità. Abbażi tar-relazzjoni eżistenti, se jkun importanti – u fl-interess tal-BĊE stess – li jiġi żgurat li jkompli d-djalogu produttiv bejn iż-żewġ istituzzjonijiet, li jagħti opportunitajiet lill-BĊE biex jispjega d-deċiżjonijiet tiegħu u okkażjonijiet lill-Parlament Ewropew biex jiskrutina l-politiki tal-BĊE. Dan id-djalogu effettiv ikompli jtejjeb il-fehim ġenerali tal-politiki tal-BĊE u jwassal għal eżiti ekonomiċi aħjar: riċerka tal-FMI wriet li l-ekonomiji jkunu aktar reżiljenti meta l-politika monetarja tagħhom tkun aktar fdata u meta l-banek ċentrali indipendenti tagħhom jikkomunikaw b'mod ċar.

*68. X'inhi l-opinjoni tiegħek dwar id-djalogu monetarju bejn il-Parlament Ewropew u l-President tal-BĊE? X'miżuri u riformi futuri, fil-fehma tiegħek, għandhom jirrinfurzaw l-akkontabilità demokratika tal-BĊE fil-konfront tal-Parlament Ewropew?*

Billi nemmen fid-djalogu u fl-iskambju, nilqa' l-fatt li matul is-snin, il-BĊE u l-Parlament Ewropew żviluppaw prattiki ta' akkontabilità li mhux biss jirriflettu r-rekwiżiti tat-Trattat iżda li marru lil hinn minnhom u jirrispettaw bis-sħiħ il-prinċipju ta' indipendenza tal-bank ċentrali minqux ukoll fit-Trattat.

Pereżempju, abbażi tar-rekwiżiti tat-Trattat tal-pubblikazzjoni tar-Rapport Annwali tal-BĊE, il-Parlament Ewropew issa jadotta riżoluzzjoni annwali dwaru u, is-sena ta' wara, il-BĊE jippubblika l-feedback tiegħu dwar ir-riżoluzzjoni, u b'hekk irawwem djalogu ġenwin bejn iż-żewġ istituzzjonijiet. Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew għadha kontributur importanti għall-ħidma tal-BĊE, peress li fiha l-fehmiet tar-rappreżentanti tal-poplu Ewropew dwar l-azzjonijiet u l-politiki tal-BĊE.

Barra minn hekk, is-seduti ta' smigħ tal-President tal-BĊE quddiem il-Parlament Ewropew urew li huma forum fundamentali għad-diskussjoni tal-prestazzjoni tal-BĊE, li jagħti l-possibbiltà liċ-ċittadini jiffurmaw il-pożizzjoni tagħhom dwar ir-rieda u l-abbiltà tal-bank ċentrali li jilħaq l-objettiv tiegħu. Barra minn hekk, seduti ta' smigħ ad hoc mal-Membri tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE mitluba mill-Parlament Ewropew taw il-possibbiltà li jsiru diskussjonijiet iffukati fuq kwistjonijiet ewlenin. Minbarra dawn l-iskambji, il-mistoqsijiet bil-miktub mill-Membri tal-PE u t-tweġibiet korrispondenti mill-President tal-BĊE wessgħu d-djalogu bejn iż-żewġ istituzzjonijiet lil hinn mil-limiti tal-laqgħat fiżiċi u ffukaw fuq kwistjonijiet li kienu partikolarment rilevanti għal xi kostitwenzi jew ta' natura teknika ħafna.

Fl-aħħar nett, l-għoti ta' kompiti superviżorji ġodda lill-BĊE fl-2014 kien akkumpanjat minn arranġamenti speċifiċi ta' akkontabilità għal dan il-kompitu ġdid. Bi qbil mat-Trattat u mar-Regolament MSU, il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew u l-BĊE jistabbilixxi kanali ta' akkontabilità speċifiċi ħafna biex ikun żgurat li l-membri parlamentari jkunu jistgħu jiskrutinaw il-funzjoni superviżorja tal-BĊE u dawn intużaw b'mod wiesgħa matul l-aħħar ħames

snin.

Abbażi ta' din l-esperjenza ta' suċċess, huwa possibbli li d-djalogu bejn il-BĊE u l-Parlament Ewropew jissaħħaħ aktar, b'rispett sħiħ tal-indipendenza tal-BĊE u tar-rwol tal-Parlament Ewropew. Bħala Direttur Maniġerjali tal-FMI saħħaħt il-prattiki ta' trasparenza tal-istituzzjoni u d-disponibbiltà tagħha li tinteraġixxi mal-aktar udjenza wiesgħa possibbli. Fil-futur, il-Parlament Ewropew, u b'mod partikolari l-Kumitat ECON, jistgħu jkunu l-forum ewlieni biex tiġi żgurata t-trasparenza tal-BĊE u biex jinbena djalogu miftuħ u produttiv ma' varjetà usa' ta' partijiet ikkonċernati, ma' dawk li jfasslu l-politika u maċ-ċittadini Ewropej.

*69. Il-BĊE x'jista' jagħmel b'mod konkret biex fil-futur ikollu kandidati nisa għall-ogħla pożizzjonijiet tal-BĊE u b'hekk isaħħaħ id-diversità tal-ġeneru ġenerali fil-BĊE? Personalment, kif biħsiebek ittejjeb il-bilanċ bejn il-ġeneri fil-BĊE? Meta tistenna l-ewwel riżultati tal-azzjonijiet tiegħek f'dan ir-rigward?*

F'dawn l-aħħar snin, id-dibattitu dwar il-bilanċ bejn il-ġeneri ngħata aktar importanza fl-aġenda tal-banek ċentrali, u kien prijorità tal-aġenda strateġika kemm tal-FMI kif ukoll tal-BĊE. Huwa importanti li nisfruttaw dan il-momentum biex nibnu fuq inizjattivi eżistenti u mmexxu din l-aġenda 'l quddiem.

L-isfida tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija kumplessa u ma jeżisti ebda approċċ wieħed tajjeb għal kulħadd biex titneħħa d-disparità bejn il-ġeneri. Madankollu, nafu li hemm varjetà ta' għodod li kienu effettivi. Dawn jinkludu miżuri mmirati u monitoraġġ tal-progress tul iċ-ċiklu ta' ġestjoni tat-talenti – mir-reklutaġġ sal-proċessi ta' promozzjoni – biex jitnaqqas il-preġudizzju u jinħolqu kundizzjonijiet ekwi; l-użu strateġiku tad-data, inkluż il-benchmarking estern; tiġdid usa' tal-immaġni tas-settur tas-servizzi finanzjarji biex isir aktar attraenti għan-nisa; u l-involviment tas-sostenituri maskili tal-leadership femminili.

Biex jinkisbu riżultati fir-rigward tad-diversità u l-inklużjoni, il-bidla kulturali u fl-imġiba trid isseħħ fil-livelli kollha: mill-persunal, il-maniġment u t-tmexxija kollha tal-organizzazzjoni, kif esperjenzajt fil-FMI, li ffaċċja sfidi simili għal dawk tal-BĊE f'dan ir-rigward. Jiena ċerta li l-BĊE jista' jikseb aktar titjib sinifikanti fil-bilanċ bejn il-ġeneri – u fid-diversità tal-forza tax-xogħol tiegħu f'diversi ambiti oħra.

*70. X'titjib possibbli tal-akkontabilità tal-BĊE fil-konfront tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) tipprevedi f'termini tal-effiċjenza operattiva tiegħu? Fejn taqta' l-linja għall-mandat tal-QEA? Taħseb li l-mandat tal-QEA għandu jinftiehem fl-usa' sens possibbli, inkluż l-aċċess għad-dokumenti rilevanti kollha?*

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) hija element importanti fl-istruttura istituzzjonali tal-Unjoni u l-pariri esterni tagħha spiss ikunu ta' għajnuna biex jiġu kkunsidrati mill-ġdid il-proċessi stabbiliti u biex nibqgħu innovattivi. Għalhekk, nappoġġa bis-sħiħ il-ħidma tagħha, li tirrikjedi aċċess għad-dokumenti kollha rilevanti fil-mandat tal-QEA.

Fir-rigward tal-BĊE, il-QEA ġiet assenjata mandat ta' awditjar speċifiku fid-dritt primarju, li jiffoka fuq l-effiċjenza operattiva tal-ġestjoni tal-BĊE. Il-BĊE jibbenefika mill-valutazzjoni tal-QEA tal-aħjar relazzjoni bejn ir-riżorsi użati u l-ilħuq tal-objettivi. Min-naħa l-oħra, il-ġudizzju tal-kontenut u l-adegwatezza ta' deċiżjonijiet sostanzjali jaqa' barra l-mandat immirat tal-QEA, li jservi ta' protezzjoni għall-indipendenza tal-BĊE.

*71. Taħseb li l-BĊE għandu japplika l-istandards tad-direttiva l-ġdida dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrappurtaw dwar ksur tad-dritt tal-Unjoni internament? Meta tistenna li l-BĊE għandu jistabbilixxi proċeduri speċifiċi għall-protezzjoni tal-informaturi?*

Filwaqt li naf li jeżistu kanali ta' informaturi interni u esterni fil-BĊE,

daqstant ieħor naf li hemm lok għal titjib.

Jien infurmata li l-Bord Eżekuttiv tal-BĊE identifika t-tisħiħ tal-qafas ta' żvelar ta' informazzjoni protetta bħala waħda mill-prijoritajiet strateġiċi tiegħu għas-snin 2018-2020. Dan jagħti lill-BĊE l-opportunità li jqis bir-reqqa l-istandards stabbiliti mill-atti legali rilevanti bħad-Direttiva l-ġdida tal-Parlament Ewropew tal-2019 dwar l-Informaturi, li tipproponi standards minimi komuni biex jipproteġu lill-informaturi, kif ukoll prattiki tajba, politiki u proċessi oħra ta' istituzzjonijiet ta' riferiment rilevanti u rakkomandazzjonijiet tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u tal-Parlament Ewropew.

Inqis li huwa essenzjali li kull istituzzjoni jkollha fis-seħħ qafas robust li joffri kanali xierqa ta' rappurtar u protezzjoni xierqa tal-informaturi. Huwa fl-interess stess tal-BĊE li jkun hemm tali qafas u tali proċessi fis-seħħ, mhux biss minn perspettiva purament ta' ġestjoni tar-riskju iżda anke biex jiġu inċentivati u jinħolqu kultura u ambjent ta' ħidma li fihom ikun ċar b'mod inekwivokabbli li l-persuni mhux biss huma mħeġġa jitkellmu iżda huwa mistenni li jitkellmu għall-benefiċċju aħħari u għas-saħħa tal-istituzzjoni u tal-persunal tagħha.

*72. X'taħseb dwar il-fatt li darba fil-passat il-Kunsill injora l-opinjoni tal-Parlament Ewropew rigward il-ħatra ta' membru tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE?*

Jien nagħti valur kbir lir-rwol tal-Parlament Ewropew bħala r-rappreżentanza diretta taċ-ċittadini tal-UE, inkluż fl-evalwazzjoni tal-kandidati għall-pożizzjonijiet ta' membri tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE bħala parti mill-opinjoni li jipprovdi kif previst fid-dritt primarju tal-UE. Madankollu, mhuwiex il-kompitu tiegħi li nikkummenta dwar kwistjonijiet interistituzzjonali bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew.

*73. Taċċetta l-ħatra tiegħek bħala President tal-BĊE jekk il-Parlament Ewropew jivvota kontriha?*

Jiena onorata li l-membri tal-Kunsill Ewropew qisuni bħala l-kandidat xieraq għall-President tal-BĊE u li l-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji adotta rakkomandazzjoni dwar in-nomina tiegħi. Personalment, inqis l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew bħala pass fundamentali fil-proċess tal-ħatra tal-President tal-BĊE, li twitti t-triq għal relazzjonijiet ta' akkontabilità u fiduċja bejn il-BĊE u l-Parlament Ewropew. Għalhekk, nittama ġenwinament li dan il-Parlament jagħti opinjoni favorevoli dwar ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill.

*74. Fir-rigward tar-rwol tiegħu bħala rappreżentant taż-żona tal-euro f'korpi internazzjonali, x'miżuri jista' jieħu l-BĊE biex itejjeb l-akkontabilità tiegħu fil-konfront tal-Parlament Ewropew? Kif inhu possibbli li l-ħtieġa ta' komparabbiltà u standards globali komuni tiġi rikonċiljata mal-ħtieġa li jiġu rikonoxxuti l-ispeċifiċitajiet tax-xejriet ta' finanzjament fil-blokok differenti u l-ħtiġijiet ta' finanzjament partikolari tagħhom?*

Il-livell ta' interkonnessjoni ekonomika fil-livell globali jeħtieġ kooperazzjoni b'saħħitha. Minkejja l-firxa differenti ħafna ta' pajjiżi, kulturi u sistemi fil-livell globali, il-kriżi finanzjarja globali wriet li l-kooperazzjoni politika internazzjonali hija essenzjali biex jitħarsu l-istabbiltà finanzjarja u t-tkabbir ekonomiku sostenibbli. Il-kisba ta' tali kooperazzjoni tirrikjedi istituzzjonijiet u fora fejn il-pajjiżi jistgħu jibnu fiduċja u rispett reċiproku permezz ta' djalogu mhux konfrontazzjonali. Kelli l-unur immexxi l-FMI, li kellu rwol attiv fit-trawwim ta' djalogu u kooperazzjoni globali, u b'hekk appoġġa t-tkabbir ekonomiku u skoraġġixxa politiki li jkunu ta' dannu għall-prosperità.

Il-BĊE huwa istituzzjoni importanti u fdata fi kwistjonijiet ekonomiċi u finanzjarji internazzjonali. L-involviment tiegħu ma' istituzzjonijiet internazzjonali u f'fora internazzjonali jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-kooperazzjoni u għat-tfassil ta' politika aktar sod fil-livell globali. Personalment, dejjem apprezzajt il-valur miżjud tal-BĊE għall-ħidma tal-FMI bis-saħħa tal-istatus ta' osservatur tiegħu.

L-involviment tal-BĊE f'istituzzjonijiet u fora internazzjonali jitwettaq f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) u tal-BĊE. Għalhekk, dawn l-attivitajiet kollha huma soġġetti għal kanali ta' akkontabilità regolari. Barra minn hekk, nilqa' l-fatt li l-BĊE ppubblika l-lista tal-fora internazzjonali li jipparteċipa fihom u esprima d-disponibbiltà tiegħu li jinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat ECON dwar il-pożizzjonijiet tiegħu f'fora internazzjonali.

*75. Fil-passat, il-BĊE vara inizjattivi bħal AnaCredit u l-European Distribution of Debt Initiative (EDDI). Kif tara r-rwol tal-BĊE f'tali inizjattivi u fejn taqta' l-linja fir-rigward tal-prerogattivi tal-leġiżlatur?*

Bħal kwalunkwe unjoni monetarja, iż-żona tal-euro teħtieġ infrastruttura effiċjenti tas-swieq finanzjarji. Huwa għalhekk li l-BĊE u l-Eurosistema ngħataw mandat ċar fit-Trattat u fl-Istatut tas-SEBĊ fir-rigward tal-infrastrutturi tas-swieq finanzjarji. Barra minn hekk, il-BĊE għandu interess ċar li jikseb id-data kollha meħtieġa biex isostni l-kompiti tiegħu kif definiti fit-Trattat. Bl-istess mod, l-Istatut jirrikjedi li l-BĊE, bl-assistenza tal-banek ċentrali nazzjonali, jiġbor informazzjoni statistika li tkun meħtieġa biex dawn il-kompiti jitwettqu. Il-mandat tal-BĊE għalhekk jipprevedi l-possibbiltà li jista' jieħu inizjattivi regolatorji f'oqsma speċifiċi, bħall-istatistika u s-sistemi ta' pagament.

Meta l-BĊE jieħu inizjattivi ta' dan it-tip, jeħtieġ li jiġi żgurat li jirrispetta bis-sħiħ il-prerogattivi tal-leġiżlatur u li jaħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-leġiżlatur. Fil-qasam tal-istatistika, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedi li l-BĊE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jikkondividu l-kompetenza biex jadottaw miżuri għall-produzzjoni tal-istatistika. Hemm MtQ fis-seħħ li jiddefinixxi b'mod ċar ir-responsabbiltajiet tal-BĊE u tal-Eurostat fir-rigward tal-produzzjoni ta' statistika ekonomika u finanzjarja fil-livell tal-UE. F'każijiet oħra, inizjattiva tal-Eurosistema kienet il-bażi neċessarja biex il-leġiżlatur Ewropew jintroduċi rekwiżiti legali rilevanti fil-passat bħar-Regolament dwar iż-Żona Unika ta' Pagamenti bl-Euro jew ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli.

Huwa importanti li l-BĊE jkompli bil-prattika tiegħu li jiżviluppa dawn l-inizjattivi b'mod miftuħ u bi trasparenza sħiħa billi l-ewwel jisma' lill-partijiet ikkonċernati bħala parti minn konsultazzjonijiet pubbliċi u jaġixxi biss fuq dik il-bażi. Dan jippermetti liċ-ċittadini tal-UE, lill-parteċipanti fis-suq u lil partijiet ikkonċernati oħra jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar regolamenti ġodda li qed jiġu żviluppati mill-BĊE. Dan mhux biss jiggarantixxi t-trasparenza iżda jiżgura wkoll li l-BĊE jibbenefika mill-għarfien u l-perspettivi kollha tal-partijiet ikkonċernati, u b'hekk jikkontribwixxi għal tfassil aħjar tal-politika.

*76. Taħseb li jkun xieraq li inti jew persunal anzjan ieħor tal-BĊE tipparteċipaw fil-"Grupp tat-Tletin" ta' bankiera ċentrali u mexxejja tal-industrija finanzjarja jew fi gruppi jew assoċjazzjonijiet simili?*

Biex l-approċċ lejn il-kompiti u l-eżerċizzju tagħhom isiru b'moħħ miftuħ, filwaqt li jitqiesu minn perspettivi differenti u nitgħallmu minnhom, l-iskambju ma' varjetà wiesgħa ta' atturi huwa indispensabbli. Il-Grupp tat-Tletin huwa grupp ta' individwi distinti, li ġejjin minn ambjenti u skejjel ta' ħsieb differenti, u nista' nifhem li l-iskambji magħhom huma intellettwalment stimolanti u ta' benefiċċju għall-BĊE.

Fil-fehma tiegħi, huwa importanti li l-uffiċjali tal-BĊE jkunu kompletament trasparenti dwar l-interazzjonijiet tagħhom u jkunu ggwidati minn qafas sod ta' governanza tajba b'salvagwardji adegwati fis-seħħ.

Nappoġġa bis-sħiħ il-prassi tal-BĊE li jipprovdi informazzjoni dwar il-parteċipazzjoni f'avvenimenti organizzati minn tali gruppi jew assoċjazzjonijiet kemm qabel kif ukoll wara l-avveniment u li jħeġġeġ lill-organizzaturi tal-avvenimenti biex jipprovdu livell għoli ta' trasparenza dwar il-parteċipanti u s-suġġetti ta' diskussjoni.

Nifhem li l-BĊE stabbilixxa salvagwardji stretti għal interazzjonijiet ma' gruppi ta' interess u, b'mod partikolari, ma' parteċipanti fis-swieq finanzjarji. Huma parti mill-Kodiċi ta' Kondotta uniku għal uffiċjali ta' livell għoli tal-BĊE, u bħala tali huma applikabbli għall-membri kollha tal-Kunsill Governattiv, tal-Bord Eżekuttiv u tal-Bord Superviżorju.

# PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Ħatra tal-President tal-Bank Ċentrali Ewropew |
| **Referenzi** | N9-0023/2019 – C9-0048/2019 – 2019/0810(NLE) |
| **Data tal-konsultazzjoni / talba għal approvazzjoni** | 16.7.2019 |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ECON<br>18.7.2019 |
| **Rapporteurs**<br>Data tal-ħatra | Roberto<br>Gualtieri<br>18.7.2019 |
| **Eżami fil-kumitat** | 4.9.2019 |
| **Data tal-adozzjoni** | 4.9.2019 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 37<br>–: 11<br>0: 4 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Gunnar Beck, Stefan Berger, Gilles Boyer, Cristian-Silviu Buşoi, Derk Jan Eppink, Engin Eroglu, Markus Ferber, Jonás Fernández, Frances Fitzgerald, José Manuel García-Margallo y Marfil, Luis Garicano, Sven Giegold, Neena Gill, Valentino Grant, José Gusmão, Enikő Győri, Eero Heinäluoma, Danuta Maria Hübner, Stasys Jakeliūnas, Herve Juvin, Othmar Karas, Billy Kelleher, Ondřej Kovařík, Georgios Kyrtsos, Aušra Maldeikienė, Costas Mavrides, Csaba Molnár, Luděk Niedermayer, Piernicola Pedicini, Dragoş Pîslaru, Luisa Porritt, Jake Pugh, Evelyn Regner, Antonio Maria Rinaldi, Alfred Sant, Joachim Schuster, Pedro Silva Pereira, Ernest Urtasun, Inese Vaidere, Johan Van Overtveldt, Stéphanie Yon-Courtin, Marco Zanni |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Gerolf Annemans, Manon Aubry, Carmen Avram, Niels Fuglsang, Eugen Jurzyca, Margarida Marques, Siegfried Mureşan, Ville Niinistö, Irene Tinagli |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Alice Kuhnke |
| **Data tat-tressiq** | 9.9.2019 |